# It-Tagħlim tal-Parteċipju Attiv Semitiku fil-Malti bħala Lingwa Barranija

Jake Debattista

Teżi mressqa lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

fl-Università ta' Malta

għall-grad tal-Masters in Teaching and Learning

Ġunju 2019

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

L-Università ta' Malta

# Dikjarazzjoni ta' Awtentiċità

Student's I.D./Code: __________

Student's Name u Surname: Jake Debattista

Course: Masters in Teaching and Learning

Title of Dissertation:

It-Tagħlim tal-Parteċipju Attiv Semitiku fil-Malti bħala Lingwa Barranija

**Authenticity of Dissertation**

I hereby declare that I am the legitimate author of this Dissertation and that it is my original work.

No portion of this work has been submitted in support of an application for another degree or qualification of this or any other university or institution of higher education.

I hold the University of Malta harmless against any third party claims with regard to copyright violation, breach of confidentiality, defamation and any other third party right infringement.

**Research Code of Practice and Ethics Review Procedures**

I declare that I have abided by the University's Research Ethics Review Procedures.

As a Master's student, as per Regulation 58 of the General Regulations for University Postgraduate Awards, I accept that should my dissertation be awarded a Grade A, it will be made publicly available on the University of Malta Institutional Repository.

J. Debattista
________________________
Signature of Student

___JAKE DEBATTISTA____
Name of Student (in Caps)

10-06-2019_____________
Date

# Radd il-Ħajr

Din it-teżi ma kinitx tkun possibbli mingħajr l-għajnuna ta' diversi individwi li dejjem kienu ta' appoġġ kif ukoll billi tawni kliem ta' inkoraġġiment matul din il-ħidma. B'dan il-mod nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lejhom.

Nibda billi nirringrazzja b'mod speċjali lis-Sa Jacqueline Zammit, li kienet it-tutur tiegħi waqt il-mixja ta' din it-teżi. Nirringrazzjaha tal-inkoraġġiment kontinwu li dejjem urietni matul dawn is-sentejn li ilni naħdem fuq dan ix-xogħol biex b'hekk komplejna ntejbuh flimkien. Nixtieq nirringrazzja wkoll b'mod speċjali lis-Sur Paul Gatt tal-għajnuna u l-pariri siewja li dejjem tani waqt il-preparamenti tal-pakkett tar-riżorsi kif ukoll lil Dr Claudia Borg tal-għajnuna li tatni fl-involviment tiegħi fil-proġett MaltiTek.

Nixtieq irrodd ħajr minn qalbi lil ommi u 'l missieri li flimkien ma' ħuti u l-għarusa tiegħi appoġġjawni tul dan l-istudju. Li ma kienx għal dawn in-nies kieku llum mhux qed nippreżenta dan ix-xogħol.

# Dedika

B’turija ta’ ringrazzjament

nixtieq niddedika dan ix-xogħol

lill-familja tiegħi kollha

għas-sapport u l-inkoraġġiment

matul dawn is-sentejn.

# Sinteżi

Din it-teżi se tiffoka fuq il-ħolqien tar-riżorsi dwar il-parteċipju attiv verbali Semitiku fil-Malti. Dawn ir-riżorsi huma maħluqa għal dawk l-istudenti li qed jitgħallmu l-Malti bħala lingwa barranija. Minbarra li l-istudenti se jitgħallmu kif jagħmlu użu minn dan il-kunċett grammatikali b'mod tajjeb fil-lingwa hekk ukoll huma se jitgħallmu l-ammont ta' tifsiriet li jappartjenu lil kull wieħed. Il-pakkett tar-riżorsi ser ikun fih għoxrin riżorsa, maqsuma fi tnejn: moderni u tradizzjonali. Ir-riżorsi huma fi gradazzjoni, jibdew mill-eħfef u aktar ma jmur ir-riżorsi aktar isiru ta' sfida għall-istudenti. Dawn jinkludu varjetà wiesgħa ta' eżerċizzji li l-għalliema jistgħu jużaw waqt il-lezzjonijiet tagħhom, fosthom karti tat-taħriġ, taħriġ il-fehem, kwiżis diġitali, logħob interattiv, preżentazzjonijiet PowerPoint u l-bqija. Minbarra l-ħolqien tar-riżorsi, parti mill-ħidma ta' din it-teżi tiffoka fuq il-proġett MaltiTek. F'dan il-proġett ikkoreġejt il-familja kollha tal-għaxar verbi (*għadda, ġej, mar, daħal, ħareġ, resaq, niżel, mexa, tela' u telaq*) li minnhom joħroġ il-parteċipju attiv verbali Semitiku. Dan sar sabiex dawn il-familji jiġu ppublikati fil-'Ġabra'.

# Kliem Muftieħ

| | | |
|---|---|---|
| Il-Malti bħala Lingwa Barranija | Għalliema | Grammatika |
| Parteċipju Attiv Verbali Semitiku | Riżorsi Tradizzjonali | Riżorsi Moderni |

# Werrej


Dikjarazzjoni ta' Awtentiċità ..... ii

Radd il-Ħajr ..... iii

Dedika ..... iv

Sinteżi ..... v

Werrej ..... vi

Werrej tat-Tabelli ..... ix

Werrej tal-Istampi ..... x

1. Daħla ..... 1

1.1 L-għan tat-teżi ..... 3

1.2 L-istruttura tat-teżi ..... 3

2. Riżorsi ..... 6

2.1 Il-pedagoġija u Lev Vygotsky ..... 6

2.2 It-tagħlim u r-riżorsi ..... 9

2.3 L-importanza tar-riżorsi diġitali u l-motivazzjoni ..... 12

2.3.1 L-istili ta' preferenza fit-tagħlim ..... 14

2.4 L-għalliem u r-riżorsi ..... 15

2.5 Ir-riżorsi u l-parteċipju attiv verbali ..... 18

2.6 Il-konklużjoni ..... 19

3. Il-Polisemija u l-Parteċipju Attiv fil-Malti ..... 20

3.1 Il-polisemija fil-Malti ..... 20

3.1.1 Il-polisemija ..... 20

3.1.2 L-omonimija ..... 24

3.1.3 It-trasferiment metaforiku u t-trasferiment metonimiku ..... 26

3.1.4 Il-polisemija regolari ..... 31

3.1.5 Il-konklużjoni ..... 33

3.2 Il-parteċipju attiv fil-Malti ..... 34

3.2.1 Ġużè Aquilina (1979) ..... 34

3.2.2 Brother Henry F.S.C. (1980) ..... 34

3.2.3 Albert Borg (1988) ..... 36

3.2.4 Michael Spagnol (2009) ..... 37

3.2.5 Mark Paul Vella (2014) ........ 39
3.2.6 Jake Debattista (2017) ........ 40
3.2.7 Karl Scicluna, Saviour S. Aguis u Chris Giordano (2018) ........ 43
3.2.8 Il-konklużjoni ........ 44
4. Il-Metodoloġija ........ 45
4.1 Il-korpus u l-proġett MaltiTek ........ 45
4.1.1 X'inhu l-korpus? ........ 45
4.1.2 Il-korpus tal-Malti u l-'Ġabra' ........ 46
4.1.3 Sehmi fil-MaltiTek ........ 50
4.2 Ir-riżorsi ........ 53
4.2.1 L-etika ........ 53
4.2.2 Metodoloġija pedagoġika ........ 55
4.3 Il-ħolqien tar-riżorsi ........ 58
4.3.1 Il-kontenut ........ 59
4.3.2 Il-konsiderazzjonijiet soċjali ........ 60
4.3.3 Id-disinn strutturali ........ 61
4.3.4 Id-disinn tekniku ........ 63
4.4 Il-pakkett tar-riżorsi ........ 64
4.4.1 Il-pakkett tar-riżorsi tiegħi dwar il-partiċipju attiv verbali ........ 64
4.4.2 Il-programmi użati ........ 66
4.4.3 L-erba' ħiliet tal-lingwa ........ 67
4.4.4 Ir-riżorsi u l-istil ta' preferenza fit-tagħlim ........ 69
4.5 Il-konklużjoni ........ 77
5. Deskrizzjoni tar-Riżorsi ........ 78
5.1 Deskrizzjoni tar-riżorsi ........ 78
5.1.1 Riżorsa 1 ........ 78
5.1.2 Riżorsa 2 ........ 80
5.1.3 Riżorsi 3 u 4 ........ 81
5.1.4 Riżorsa 5 ........ 82
5.1.5 Riżorsa 6 ........ 83
5.1.6 Riżorsa 7 ........ 85
5.1.7 Riżorsa 8 ........ 86

5.1.8 Riżorsa 9 ........ 87
5.1.9 Riżorsa 10 ........ 88
5.1.10 Riżorsa 11 ........ 90
5.1.11 Riżorsa 12 ........ 91
5.1.12 Riżorsa 13 ........ 93
5.1.13 Riżorsa 14 ........ 94
5.1.14 Riżorsa 15 ........ 96
5.1.15 Riżorsa 16 ........ 97
5.1.16 Riżorsa 17 ........ 99
5.1.17 Riżorsa 18 ........ 100
5.1.18 Riżorsa 19 ........ 102
5.1.19 Riżorsa 20 ........ 104
6. Il-Konklużjoni ........ 106
6.1 Xi diffikultajiet ........ 106
6.2 Għal quddiem ........ 107
6.3 Għarfien ġdid ........ 108
Biblijografija ........ 110
Appendiċi ........ 118
L-ewwel appendiċi – Il-pakkett tar-riżorsi ........ 118
It-tieni appendiċi – Il-proġett MaltiTek ........ 252
It-tielet appendiċi – Il-formula tal-etika ........ 255

# Werrej tat-Tabelli

Tabella 1: Differenzi prinċipali bejn il-polisemija u l-omonimija ............................................26

Tabella 2: Il-Parteċipju Attiv Verbali mqabbel mal-Imperfett ................................................40

Tabella 3: Il-kompożizzjoni tal-kliem fil-korpus verżjoni 3......................................................48

Tabella 4: L-erba' ħiliet tal-lingwa.........................................................................................68

# Werrej tal-Istampi


Stampa 1: Aqsam f'kolonni ........ 70
Stampa 2: Imla l-vojt ........ 70
Stampa 3: Ikteb sentenza ........ 71
Stampa 4: Tisliba ........ 71
Stampa 5: Agħżel it-tajba ........ 71
Stampa 6: Fittiexa ........ 71
Stampa 7: Ifforma sentenza bil-kliem provdut ........ 71
Stampa 8: Qabbel bejn żewġ kolonni ........ 71
Stampa 9: Kompli s-sentenza ........ 72
Stampa 10: Veru jew Falz ........ 72
Stampa 11: Imla l-gradilja ........ 72
Stampa 12: Leħħiet tradizzjonali ........ 73
Stampa 13: Leħħiet bl-użu tat-teknoloġija ........ 73
Stampa 14: Stampi f'riżorsa 8 ........ 73
Stampa 15: Stampi f'riżorsa 11 ........ 73
Stampa 16: Stampi f'riżorsa 12 ........ 74
Stampa 17: Stampa f'riżorsa 14 ........ 74
Stampa 19: Iddeskrivi l-istampi ........ 74
Stampa 18: Qari ta' silta ........ 74
Stampa 20: Kompli s-sentenza skont l-istampa ........ 74
Stampa 21: Poġġi l-parteċipju attiv verbali fil-kaxxa t-tajba ........ 75
Stampa 22: Poġġi l-parteċipju attiv verbali fis-sentenza t-tajba ........ 75
Stampa 23: Agħżel l-istampa t-tajba ........ 75
Stampa 24: Agħżel il-parteċipju attiv verbali t-tajjeb ........ 75
Stampa 25: Imla l-vojt ........ 75
Stampa 26: Aqta' x'inhu l-parteċipju attiv verbali ........ 75
Stampa 27: Kwiżż ........ 76
Stampa 28: Intervista rrekordjata ........ 76

# 1. Daħla

L-esperjenza edukattiva tiegħi fl-Università bdiet bis-saħħa tal-ġibda li għandi lejn il-lingwa Maltija. Għalhekk fl-ewwel snin ta' dan il-vjaġġ attendejt għall-kors tal-Baċellerat bl-Unuri fil-Malti mal-Fakultà tal-Arti. Matul dan il-kors għamilt teżi qasira fl-2017, dwar il-polisemija fil-parteċipji attivi dinamiċi (*għaddej, tielaq, tiela', ħiereġ, dieħel, riesaq, sejjer, ġej, miexi u nieżel*) u fil-verbi morfoloġikament assoċjati magħhom. Minn din it-teżi ħarġu diversi punti interessanti fosthom (a) liema tifsiriet tal-verbi għandhom parteċipju attiv assoċjat magħhom, u (b) liema jistgħu jkunu d-diversi fatturi lingwistiċi li jiddeterminaw il-kawża tal-parteċipju attiv verbali fil-Malti.

Ix-xewqa li nsir għalliem minn dejjem kienet hemm u għalhekk iddeċidejt li nidħol għal dan il-kors. Matul l-osservazzjonijiet tiegħi fl-iskejjel kelli l-opportunità li nattendi lezzjoni li fiha l-għalliem kien qed jgħallem il-Malti bħala lingwa barranija. Dan għalija kien kunċett ġdid minħabba li qatt qabel fl-esperjenza edukattiva tiegħi ma kont esperjenzajt il-Malti jiġi mgħallem lill-istudenti mhux nattivi. Malli spiċċat din il-lezzjoni, kif indikali l-għalliem u kif stajt ninnota anke permezz ta' daqsxejn ta' riċerka li kont bdejt, intbaħt li r-riżorsi għat-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija huma kemxejn limitati.

Iċ-ċaqliq kontinwu tal-individwi minn post għal ieħor dejjem qed jiżdied f'din id-dinja daqstant globalizzata (Knobler et al., 2006). Hekk ukoll f'Malta iżjed ma jgħaddi żmien aktar qed jiġu persuni barranin kemm biex isibu xogħol kif ukoll biex jaħarbu mill-gwerer jew mill-faqar li jġarrbu f'arthom. Dawn l-istudenti jridu jitgħallmu l-Malti flimkien ma' suġġetti oħra. Hemm diversi raġunijiet għaliex  l-istudenti kollha f'Malta, fl-edukazzjoni obbligatorja tagħhom, għandhom jitgħallmu l-Malti, fosthom li dan jagħtihom sens ta' identità, igawdu

mill-ħiliet konjittivi li jistgħu jiksbu permezz tal-bilingwiżmu, u fl-istess ħin jagħrfu jirrispettaw il-kultura ta' pajjiżi oħra kemm fil-Mediterran, fl-Ewropa u fil-bqija tad-dinja (Country Report Malta, 2014).

Din is-sitwazzjoni l-ġdida ma għandhiex tkun ta' pressjoni fuq l-ebda edukatur. Għalhekk f'din it-teżi ridt noħloq diversi riżorsi dwar il-parteċipji attivi verbali Semitiċi u s-sensi differenti li huma marbutin magħhom biex ngħin aktar lill-għalliema waqt il-proċess tat-tagħlim ta' dan il-kunċett grammatikali. B'dan il-mod inkompli niffaċilita t-tagħlim kemm lill-istudenti kif ukoll lill-edukaturi. Dan kollu wassalni biex inkompli naħseb fil-fond dwar l-għan li ridt nilħaq permezz ta' din it-teżi.

Hawn ukoll ridt nagħti kas dak li jistqarru diversi studjużi dwar l-akkwist u t-tagħlim tal-grammatika bħala lingwa barranija. Ellis (1999) jisħaq li meta individwu jkun qed jitgħallem lingwa barranija, hu jgħaddi minn stadji differenti biex jipprova jilħaq l-istess kompetenza tal-kelliema nattivi ta' dik il-lingwa partikolari. Fl-1980, Noam Chomsky introduċa t-teorija tal-Grammatika Universali li tgħid li l-bniedem għandu sistema interna ta' strutturi mentali ta' għarfien dwar il-propjetajiet tal-lingwa umana. Nassaji u Fotos (2011) jisħqu li l-istudenti, inkluż dawk li qed jitgħallmu lingwa barranija, għandhom jitgħallmu l-grammatika għax din hija fundamentali għal-lingwa u mingħajrha ma teżistix. Hudson (2001) jistqarr li l-grammatika, għall-kuntlarju ta' kif jaħsbu diversi għalliema kif ukoll studenti, mhijiex ibbażata fuq sett ta' regoli imma hija sistema strutturata u kontinwa li permezz tagħha l-kelliema jiffurmaw kliem u sentenzi li jagħmlu sens.

## 1.1 L-għan tat-teżi

L-għan ta' din it-teżi hu li jinħolqu riżorsi interessanti ħalli jinkoraġġixxu lill-istudenti barranin biex jitgħallmu l-partiċipju attiv verbali tal-Malti Semitiku. Għalhekk f'din it-teżi niffoka fuq il-ħolqien ta' riżorsi għall-istudenti barranin biex dawn ikunu jistgħu jitgħallmu l-partiċipju attiv verbali Semitiku li s'issa għadu mhux inkluż fis-sillabu tagħhom. Barra minn hekk, permezz tar-riżorsi, l-istudenti jkunu jistgħu jitgħallmu wkoll liema huma t-tifsiriet differenti u l-aktar komuni li jikkorrispondu ma' kull partiċipju attiv verbali. Minbarra l-ħolqien tar-riżorsi se nipparteċipa fil-proġett MaltiTek (ara Appendiċi 2). Fih nikkoreġi l-familja kollha tal-għaxar verbi (resaq, mexa, għadda, daħal, ħareġ, ġej, mar, tela', niżel u telaq) li minnhom jitnissel il-partiċipju attiv verbali Semitiku fil-Malti ħalli mbagħad jiġu ppubblikati fil-'Ġabra'. Dan il-proġett huwa importanti għax 'il quddiem, kull għalliem waqt il-lezzjoni tal-partiċipju attiv verbali jista' jirreferi għalih.

## 1.2 L-istruttura tat-teżi

L-ewwel kapitlu ta' din it-teżi jibda billi jagħti ħarsa lejn l-għan li ssegwi din it-teżi filwaqt li t-tieni parti tinkludi l-irwol li għandu kull kapitlu biex jintlaħaq dan l-għan. Għalhekk f'din il-parti ta' dan il-kapitlu, il-qarrej għandu jsib deskrizzjoni qasira ta' x'se jsib fil-kapitli li ġejjin ħalli b'hekk ikun jista' jbassar u jantiċipa minn qabel dwar xiex se jkun il-qari f'din it-teżi.

Imbagħad fit-tieni kapitlu nistħarreġ il-letteratura li saret fuq dan is-suġġett tar-riżorsi. Nibda billi niddiskuti t-teorija li applikajt, dik soċjokulturali ta' Lev Vygotsky. Imbagħad wara nittratta r-relazzjoni li hemm bejn it-tagħlim u r-riżorsi, li eventwalment dan iwassalni biex nitkellem dwar l-importanza tar-riżorsi diġitali u l-motivazzjoni. Aktar tard nitkellem dwar l-istil ta' preferenza fit-tagħlim u l-importanza li għandhom ir-riżorsi biex

jgħinu lill-għalliem waqt il-lezzjoni. Finalment nagħti ħarsa ħafifa lejn is-sillabi Maltin u x'riżorsi hawn dwar il-parteċipju attiv b'mod ġenerali.

Fit-tielet kapitlu wkoll inkompli nitkellem dwar il-letteratura ta' din it-teżi. Dan il-kapitlu jinqasam f'żewġ partijiet essenzjali. Nibda billi nagħti ħarsa dettaljata lejn il-polisemija fil-Malti u wara niddedika t-tieni parti għall-parteċipju attiv.

Ir-raba' kapitlu jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija applikata f'din it-teżi. Dan il-kapitlu wkoll huwa maqsum fi tnejn. L-ewwel niddiskuti x'inhi l-'Ġabra' u sehmi fil-proġett MaltiTek. It-tieni parti ta' dan il-kapitlu fiha informazzjoni dwar il-pakkett tar-riżorsi li ħloqt, bħall-etika użata, il-metodoloġija pedagoġika, il-kriterji ta' evalwazzjoni, il-programmi użati, il-ħiliet tal-lingwa u l-istili ta' preferenza fit-tagħlim.

Fil-kapitlu ta' wara, nippreżenta d-deskrizzjoni li għamilt fuq kull riżorsa. Kull riżorsa analizzajtha billi l-ewwel ktibt l-isem; l-għan; il-ħidma kif se ssir; l-għodda li tirrikjedi biex din ir-riżorsa ssir; deskrizzjoni tal-attività li tinkludi l-livell li hija maħluqa għalih, il-ħiliet li tolqot, kif ukoll it-tipi differenti ta' tagħlim; l-istruzzjonijiet u fl-aħħar nispiċċa billi nagħti xi suġġerimenti ta' għajnuna għall-għalliem li jkun se jużaha.

Is-sitt kapitlu jibda billi l-ewwel jelenka flimkien b'mod ġenerali l-konklużjonijiet mir-riċerka tiegħi, imbagħad niddiskuti xi limitazzjonijiet li ltqajt magħhom waqt il-ħidma tiegħi. Wara nissuġġerixxi xi studji li jistgħu jsiru fil-futur.

Fl-aħħar ta' din it-teżi nsibu l-appendiċi li jinqasam fi tliet taqsimiet. L-ewwel taqsima tinkludi l-pakkett bl-għoxrin riżorsa. Kull riżorsa tinkludi l-ħiliet li se tolqot, l-għan, l-istruzzjonijiet u l-livell ta' diffikultà. Barra minn hekk, hemm ukoll it-tweġibiet tal-mistoqsijiet. It-tieni taqsima tikkonsisti f'deskrizzjoni uffiċjali u dettaljata tal-proġett

MaltiTek. L-aħħar taqsima fiha kopja tal-etika li turi kif din it-teżi ma kellha l-ebda bżonn ta' l-ebda strateġiji partikolari li jipproteġu l-umani.

# 2. Riżorsi

F'dinja li aktar ma tmur iżjed qed issir globalizzata u ċ-ċaqliq minn pajjiż għall-ieħor qed isir daqstant popolari huwa fundamentali li kulħadd jaċċetta d-diversità li dan kollu jġib miegħu. L-għalliem ta' klassi fejn għadd ta' studenti huma barranin, għandu jżomm dan il-fatt kontinwament f'moħħu hekk kif ikun qed iħejji l-lezzjonijiet u r-riżorsi tiegħu. Minħabba dan it-taħlit fil-kulturi, ideat, lingwi, reliġjonijiet differenti u l-bqija, iddeċidejt biex naqra u nadatta għat-teżi tiegħi t-teorija soċjokulturali li żviluppat fuq ix-xogħol tal-psikologu Lev Vygotsky, b'enfasi speċjali fuq il-medjazzjoni tal-artefatt.

Għalhekk dan il-kapitlu jittratta l-pedagoġija skont Lev Vygotsky u studjużi oħra li jħaddnu t-teorija soċjokulturali. Wara li nargumenta dwar ir-riżorsi u t-tagħlim se niddiskuti l-effett tar-riżorsi diġitali fuq il-motivazzjoni tal-istudenti. Imbagħad se ngħaddi biex nargumenta dwar ir-relazzjoni bejn l-għalliem u r-riżorsi, kif ukoll fuq is-sitwazzjoni preżenti li għandha x'taqsam mar-riżorsi u t-tagħlim tal-lingwa bħala lsien barrani. Fl-aħħar nikkonkludi billi niddiskuti dwar in-nuqqas ta' riżorsi u l-parteċipju attiv Semitiku verbali.

### 2.1 Il-pedagoġija u Lev Vygotsky

Skont Holbrook (1999), it-teorija ta' Lev Vygotsky tittratta l-iżvilupp konjittiv tal-bniedem li jseħħ f'relazzjoni mal-interazzjoni soċjali preżenti. L-implikazzjoni ta' din it-teorija hi li kull bniedem huwa riżultat tal-komunikazzjoni soċjali tiegħu u anke tal-kwalità tal-interazzjonijiet soċjali li l-bniedem ikun espost għalihom. Magro (2017, p. xiv) targumenta li dan "l-iżvilupp uman l-ewwel jibda bi proċess estern ta' djalogu mbagħad jgħaddi għall-ġewwieni". Vygotsky (1987) ried jimxi 'l hinn mill-perspettiva tradizzjonali fejn għandek l-għalliem li jaf kollox filwaqt li l-istudent ma jaf xejn. Għalhekk l-għalliem xorta waħda għadu

importanti għall-istudenti imma Vygotsky (1997) jagħtih irwoli kemxejn differenti mill-impressjoni li tagħti l-pedagoġija tradizzjonali.

Magro (2017) tispjega li l-għalliem għandu dmir fundamentali li jiggwida u jipproteġi l-ħidma tal-istudent billi joħloq ambjent soċjali adattat li hu wkoll b'saħħtu ħalli b'hekk kulħadd javvanza fil-ħiliet konjittivi tiegħu. Vygotsky (1997) iqabbel ix-xogħol tal-għalliem mal-linji li fuqhom timxi l-ferrovija ħalli b'hekk tasal fid-destinazzjoni t-tajba. L-għalliema għandhom l-istess irwol ta' dawn il-linji ħalli b'hekk jidderieġu l-istudenti kollha u fl-istess ħin dejjem qed jimxu 'l quddiem fl-esperjenza edukattiva tagħhom. Vygotsky (1997) jistqarr li l-għalliem ukoll waqt il-lezzjoni jrid ipoġġi lill-istudent fiċ-ċentru ta' dak kollu li jkun qed isir fil-klassi. Dan għandu jsir minħabba li "Learners, therefore are not empty vessels waiting to be filled, but rather active organisms seeking meaning" (Driscoll, 2005, p. 487).

Skont Woolfolk (2016), dan kollu jrid isir permezz tal-armar edukattiv. Mc Caslin u Hickey (2001, p. 137) jargumentaw li "Scaffolding is a power conception of teaching and learning in which teachers and students create meaningful connections between teachers' cultural knowledge and the everyday experience and knowledge of the student". B'hekk b'armar edukattiv nifhmu li huwa proċess kontinwu ta' tagħlim li qed jingħata minn xi ħadd li huwa aktar kompetenti f'dak il-qasam partikolari, li jistgħu jkunu l-għalliema, il-ġenituri u l-bqija, kif ukoll permezz tal-artefatti li joffru medjazzjoni xierqa (Swain et al., 2011). Hawn l-istudent qed jingħata t-tagħrif dwar kif jagħżel u jieħu pożizzjoni dwar deċiżjonijiet differenti sakemm finalment ikun jista' jimxi waħdu għax ikun assimila l-informazzjoni ġdida kollha.

Vygotsky (1997) ukoll jikkummenta li biex l-istudent jirnexxi importanti li l-għalliem dejjem jgħallem f'dak li hu sejħilha 'ż-żona ta' żvilupp imqarreb' (Zone of Proximal

Development). Għalih din hija l-parti fejn qed jingħataw l-aktar struzzjonijiet sensittivi u ta' gwida. Din hija ż-żona li tinsab bejn dak li diġà jafu l-istudenti u dak li jridu jilħqu imma ma jafux kif se jilħquh. B'hekk, permezz tal-informazzjoni li jirċievu tkun possibbli t-tranżizzjoni minn dik l-abbiltà li t-tfal diġà għandhom għal abbiltajiet ġodda. Dan iwassalna biex nifhmu li ż-żona tal-iżvilupp imqarreb hija l-pont bejn dak li l-istudenti diġà jafu u dak li jridu jiskopru. Magro (2017, p. 17) tikkummenta li "kemm iż-żona ta' żvilupp imqarreb u kemm l-armar edukattiv jeħtieġu element ta' individwalizzazzjoni hekk kif is-sapport meħtieġ għal student mhux bilfors li jkun l-istess għal student ieħor". Għalhekk Vygotsky (1997) isostni li l-għalliem irid jassessja u jkun sensittiv kontinwament għal-livell tal-istudenti biex iservi bħala punt tat-tluq li fuqu jrid ikompli jibni.

Magro (2017) tispjega li din it-teorja għandha tliet kunċetti ċentrali ta' medjazzjoni. Skont Aimin (2013), fit-teorija soċjokulturali hemm 3 tipi ta' medjazzjoni prinċipali: il-medjazzjoni permezz tal-artefatti, il-medjazzjoni mill-individwu u l-medjazzjoni soċjali. Dawn it-tliet tipi ta' medjazzjoni flimkien ikunu preżenti fil-klassi. Magro (2017, p. 10) tispjega x'inhi medjazzjoni u tistqarr li din hi "l-proċess li toffri l-għajnuna jew li tgħin lill-individwu biex jirnexxilu jimxi lejn ħidma indipendenti fejn hu jkun l-aġent tal-azzjoni u li b'konsegwenza jkun jista' juża dak li tgħallem f'ċirkustanzi ġejjiena". Għal din it-teżi se niffoka b'mod partikolari fuq il-medjazzjoni permezz tal-artefatti li fix-xogħol tagħha, Magro (2017, p. xiii) tiddeskriviha bħala "forma ta' medjazzjoni li ssir permezz ta' elementi fiżiċi jew simboliċi li twassal lill-individwu biex jifhem aħjar". Artefatti jistgħu jkunu kemm fiżiċi kif ukoll simboliċi, bħal kotba, il-kompjuter, l-eżerċizzji u l-bqija, li kollha bħala għan primarju tagħhom għandhom l-assistenza tal-istudent ħalli huma jgħinuh jikseb għarfien aħjar dwar dak li hemm preżenti madwaru (Lantolf, 2006). Vygotsky (1997) jispjega li l-artefatti li

jintużaw waqt il-lezzjoni qed jgħinu lill-istudenti biex jimmedjaw it-tagħlim tagħhom imma wkoll se juru diversi affarijiet dwar il-mod kif l-għalliem jgħallem waqt il-lezzjoni.

Ir-riżorsi li se noħloq se jservu bħala artefatt biex tissaħħaħ aktar il-medjazzjoni ta' meta l-istudenti jkunu qed jitgħallmu l-parteċipju attiv Semitiku verbali fil-Malti bħala lingwa barranija u fl-istess ħin dan l-aspett grammatikali jkunu jistgħu jitgħallmuh bl-aktar mod faċli u interattiv.

**2.2 It-tagħlim u r-riżorsi**

Skont Portelli u Camilleri Grima (2002, p. 213), "ir-riżorsi huma affarijiet li jintużaw mill-għalliem u/jew l-istudenti biex jitħaffef, jitjieb u jissaħħaħ il-proċess tat-tagħlim." Kull għalliem irid ikun konxju tal-għażla tar-riżorsi u jagħżel ir-riżorsa addattata għal dik il-lezzjoni partikolari. B'riżultat ta' dan, il-parteċipazzjoni fil-klassi se tiżdied u l-esperjenza edukattiva tal-istudenti se titwessa' kif ukoll tikseb aktar sens (Portelli u Camilleri Grima, 2002).

Huwa ta' importanza kbira li t-tagħlim ikun ikkomplimentat b'riżorsi li huma ta' kwalità tajba (National Minimum Curriculum, 1999, p. 27). Portelli u Camilleri (2002) jargumentaw li l-għalliema jistgħu jixtru jew jissellfu r-riżorsi u għalhekk dawn ikunu lesti, imma wkoll jistgħu joħolquhom huma stess. L-għalliema għandhom jużaw diversi għodod biex jgħinu lill-istudenti jitgħallmu bl-aktar mod effiċjenti (Capel et al., 2016). Minkejja li hawn diversi riżorsi disponibbli "l-għalliem professjonali tassew għandu jfittex li jagħżel riżorsi differenti u varjati biex mal-medda taż-żmien iħawwar kemm jista' jkun it-tagħlim" (Portelli u Camilleri Grima, 2002, p. 218–219). L-għalliem irid ikun jaf eżatt kif kull riżorsa taħdem u kif se tkun ta' benefiċċju għall-istudenti minħabba li "ebda riżorsa mhi tajba jew

ħażina fiha nnifisha; riżorsa ssir tajba jew ħażina skont l-użu li jsir minnha" (Portelli u Camilleri Grima, 2017, p. 53).

'Il bogħod minn kull distinzjoni li teżisti relatata mar-riżorsi hemm ukoll id-differenza bejn riżorsi tradizzjonali u dawk teknoloġiċi. Minkejja l-avvanzi teknoloġiċi, "ir-riżorsi tradizzjonali huma u jibqgħu importanti biex l-istudenti jitgħallmu l-ħiliet bażiċi għal ħajjithom bħal ngħidu aħna l-kitba, il-qari u l-komunikazzjoni ma' dawk ta' madwarhom" (Portelli u Camilleri Grima, p. 61). Scott (2015) targumenta li l- edukazzjoni tradizzjonali teħtieġ li tinbidel għall-forom, tagħmir u riżorsi ta' tagħlim aktar aġġornati biex b'hekk l-istudenti jkunu jistgħu jilqgħu l-isfidi li qed toffri din id-dinja daqstant globalizzata. Skont Altun (2015), għalkemm il-metodi tradizzjonali huma ta' utilità kbira għal dawk l-istudenti li qed jitgħallmu lingwa, xorta waħda jibqa' l-fatt li tagħlim ibbażat fuq it-teknoloġija jagħti kontribut akbar waqt il-proċess tat-tagħlim, u b'hekk l-istudent jitgħallem aħjar. Minkejja li l-ktieb u l-karta ħafna mill-edukaturi għadhom iqisuhom bħala parti integrali mill-edukazzjoni, illum il-ġurnata permezz tal-avvanzi fl-informatika, ħafna minnhom qed jiġu trasformati fil-format diġitali (Altun, 2015). Dan kollu jsir biex l-għalliema jtejbu l-esperjenza edukattiva tal-istudent imma l-funzjoni primarja tagħhom xorta waħda tibqa' l-istess.

Fl-era moderna li qed ngħixu fiha huwa diffiċli li għalliem jinjora totalment it-teknoloġija u ma jinkorporax riżorsi teknoloġiċi fil-lezzjoni. Hemm diversi studjużi li ddiskutew l-importanza tal-ICT fl-iskejjel, fosthom Cohen et al. (2006). Dawn jgħidu li "ICT is a means of accessing, storing, sharing, processing, editing, selecting, presenting and communicating information through a variety of media" (p. 60). Frydrychova Klimova u Poulova (2014) isostnu li l-użu tal-ICT għandu diversi vantaġġi għal dawk l-istudenti li qed

jitgħallmu lingwa barranija, bħat-trawwim tal-kuxjenza dwar diversi kulturi differenti. Gatt (2015) jagħti lista ta’ dawn il-vantaġġi tal-ICT u fosthom isemmi:

- L-ICT jagħti aktar ċans lill-istudenti biex jitgħallmu bil-pass tagħhom.
- Ambjent li fih jinkludi diversi forom tal-ICT jistimula lill-istudenti ħafna aktar minn dak tradizzjonali waqt il-lezzjoni.
- L-użu tal-ICT jgħolli l-livell ta’ tagħlim peress li hemm il-kollaborazzjoni tal-vidjows, stampi, ħsejjes, kitba u animazzjoni.
- L-ICT jgħin lill-istudenti biex isiru aktar kompetenti fil-qari.

Illum il-ġurnata t-teknoloġija tinsab f’kull qasam tal-ħajja u aktar ma jgħaddi ż-żmien, it-teknoloġija fil-klassi aktar se ssir predominanti. Haas et al. (2009, p. 5) jargumentaw li “Technology can have a reciprocal relationship with teaching. The emergence of new technologies pushes educators to understand and leveraging these technologies for classroom use.” Għalhekk l-iskejjel kif ukoll l-istituzzjonijiet edukattivi jridu jiżguraw li l-għalliema tagħhom għandhom l-għarfien u l-prattika meħtieġa biex ikunu jafu kif joħolqu u jużaw diversi riżorsi teknoloġiċi li huma disponibbli għalihom ħalli jagħmlu użu minnhom waqt it-tagħlim.

Meta r-riżorsi jintużaw bl-aqwa mod possibbli, dawn għandhom iħallu impatt fuq l-iżvilupp edukattiv ta’ kull student. L-għalliema professjonali, u aktar u aktar l-istudenti għalliema, għandhom jagħtu kas u jkunu konxji ta’ għadd ta’ fatturi li fuqhom jistrieħ is-suċċess fil-klassi (Portelli u Camilleri Grima, 2002, p. 217). Afolayan, Macauley u Hilken (1980) jissuġġerixxu li kull riżorsa li tiffaċilita t-tagħlim tal-istudenti hija siewja. Għalliema responsabbli josservaw kif tkun marret il-lezzjoni ta’ qabel anke mil-lat ta’ riżorsi biex b’hekk

ikomplu jibnu fuq dak li mar tajjeb u jtejbu fejn ikun mar mhux kif mistenni ħalli dejjem jipperfezzjonaw fix-xogħol tagħhom minħabba li fl-aħħar l-istudenti huma dawk li se jgawdu.

Minkejja li r-riżorsi diġitali jġibu magħhom diversi vantaġġi waqt it-tagħlim, kull għalliem irid isib bilanċ fil-klassi bejn l-użu tar-riżorsi teknoloġiċi u dawk tradizzjonali. Dan minħabba li l-istudenti fil-klassi jridu jingħataw opportunità ta' diskussjoni mal-oħrajn mhux b'mod virtwali.

**2.3 L-importanza tar-riżorsi diġitali u l-motivazzjoni**

"The motivation is one major key factor in determining the success or failure in foreign language learning" (Chuan & Dörnyei, 2007, p. 1). Gatt (2010) jistqarr li huwa fatt li l-importanza tat-teknoloġija fl-edukazzjoni żdiedet ħafna matul l-aħħar snin. B'riżultat ta' dan l-iżvilupp kontinwu fl-ICT, il-mod ta' tagħlim ukoll qed jinbidel. Illum il-ġurnata huwa ta' importanza kbira u fir-responsabbiltà tal-għalliema li jimmotivaw aktar lil kull student ħalli dawn jitgħallmu t-tieni lingwa permezz ta' diversi riżorsi disponibbli għalihom, speċjalment b'dawk teknoloġiċi (Kreutz u Rhodin, 2006). Dan minħabba li l-informatika tagħmel parti importanti mill-ħajja tal-istudent aktar minn qatt qabel "since young children are surrounded by technology at home and in their community" (Blagojevic, Chevalier, MacIsaac, Hitchcock & Frechette, 2010, p. 1). Kreutz u Rhodin (2006, p. 1) jiddiskutu li hemm diversi xogħlijiet ta' riċerka li juru b'mod konkret li l-interess tal-istudenti huwa importanti li jkun parti mill-klassi, b'hekk l-użu tal-ICT żgur li se jħalli impatt fuq il-motivazzjoni tagħhom.

Frydrychova Klimova u Poulova (2014) jispjegaw li l-istudenti jħobbu jaħdmu aktar meta jkun hemm l-għodda tal-informatika involuta waqt il-lezzjoni. Dan minħabba li f'dan il-mument huma jkunu aktar attivi u jemmnu li l-lezzjoni tkun aktar interessanti, b'riżultat li l-

istudenti jkunu aktar motivati tul il-ħin. Hekk ukoll Portelli u Camilleri Grima (2002, p. 91) jistqarru li "l-użu tat-teknoloġija għandu jgħin biex studenti bi ħtiġijiet partikolari jinvolvu ruħhom fil-klassi u jibnu opinjoni pożittiva tas-suġġett." Strambi u Bouvet (2003) jissuġġerixxu li l-ICT jipprovdi flessibilità lill-għalliema fl-għodda ta' tagħlim ta' lingwa ġdida. Dan jirriżulta wkoll fl-istudenti li qed jiġu offruti modi differenti ta' tagħlim u ambjent aktar pożittiv.

Boualem (2012) jikkummenta li hemm diversi fatturi li jikkontribwixxu biex student jitgħallem lingwa barranija. Fost dawn il-fatturi hemm il-motivazzjoni li tiddetermina x-xewqa tal-individwu li jrid jagħmel dik l-attività partikolari. Permezz tal-informatika fil-klassi l-għalliema jkunu qed jgħinu lill-istudenti biex jimmotivaw aktar lill-istudenti ħalli jiżviluppaw aktar il-ħila biex jitgħallmu lingwa barranija. Madankollu, s'issa l-użu tal-informatika xorta waħda mhuwiex is-soluzzjoni biex twieġeb għall-problemi kollha dwar it-tagħlim ta' lingwa barranija imma li hu żgur huwa li meta din l-għodda tintuża kif suppost se żżid il-motivazzjoni tal-istudenti u b'hekk, fl-istess ħin se tgħin lill-għalliem ikollu xogħol anqas stressanti u aktar effettiv (Boualem, 2012). Houcine (2011) tisħaq ukoll fuq l-importanza tal-użu tal-informatika waqt it-tagħlim tal-lingwa barranija minħabba li żżid il-motivazzjoni fit-tfal b'riżultat li jitgħallmu l-lingwa aħjar u b'aktar faċilità. Minbarra li timmotiva l-istudenti, it-teknoloġija tgħolli wkoll il-motivazzjoni tal-għalliem li jkun se jmexxi dik il-lezzjoni partikolari u b'hekk tkompli ttejjeb it-tagħlim fil-klassi.

Gatt (2010) huwa wkoll tal-istess fehma. Skont Gatt, "Students using ICT tools tend to be more willing to spend more time working at, or practising the skills being studied and tested." Gatt ikompli jiddiskuti li vantaġġ kbir meta l-għalliem jagħmel użu mill-kompjuter fil-klassi huwa li simultanjament ikun qed jiżdied l-ammont ta' ħin li l-istudenti jqattgħu fuq

attività partikolari, u fl-istess ħin jiżdiedu l-motivazzjoni u l-iffukar tagħhom waqt il-ħin tax-xogħol. Gatt (2010) isostni li l-motivazzjoni tiżdied meta jintużaw għodod teknoloġiċi minħabba li l-istudenti jkunu diġà familjari ma' din it-tip ta' teknoloġija 'l barra mill-premessi tal-iskola bħala parti mill-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Issa li identifikajt xi fatturi li jimmotivaw lill-istudenti, fit-taqsima li ġejja se nitkellem dwar l-istili differenti ta' tagħlim tal-istudenti.

### *2.3.1 L-istili ta' preferenza fit-tagħlim*

Woolfolk (2016) tistqarr li hemm tendenza li l-istudenti jkunu aktar motivati waqt il-lezzjoni jekk huma jifhmu b'mod sħiħ dak li jiġi mgħallem lilhom. Dan jista' jintlaħaq sew jekk l-għalliem jistħarreġ liema huma l-iżjed modi ta' tagħlim li l-istudenti jippreferu jitgħallmu bihom, imbagħad il-lezzjoni trid tiġi msejsa fuqhom. Woolfolk (2016) tiddefinixxi l-istili ta' preferenza fit-tagħlim bħala l-modi ta' kif l-istudenti jippreferu jitgħallmu, jistudjaw u jagħmlu sens mid-dinja ta' madwarhom.

Fleming (2001) fil-mudell VARK jispjega li l-bniedem għandu tliet sensi prinċipali li permezz tagħhom l-informazzjoni tista' tidħol fil-moħħ: il-ħars, is-smigħ u l-ħass. Minn dawn is-sensi joħorġu erba' preferenzi ta' kif l-istudenti jippreferu li jirċievu l-informazzjoni. L-ewwel preferenza tikkonsisti fl-istudenti li jippreferu l-mod viżiv. Għalhekk huma jagħżlu li jirċievu l-informazzjoni f'forma ta' tabella, graff, dijagramma, tpinġija, mappa u l-bqija. Dan il-mod jagħmilhom sensittivi għall-kuluri u kif il-kontenut huwa mqassam.

It-tieni preferenza hija dik awditorja. B'dan il-metodu l-istudenti jippreferu jirċievu l-informazzjoni permezz tas-smigħ. It-tagħlim b'mod awditorju jista' jinkludi dak kollu relatat mal-ħoss, bħal mużika u ħsejjes/ilħna rrekordjati. Hemm tendenza li dawn l-istudenti

jippreferu jistudjaw billi jaqraw in-noti b'leħen għoli biex b'hekk jisimgħu dak li jkunu qed jaqraw.

It-tielet preferenza hija dik kinestetika. Permezz ta' din il-preferenza, l-istudenti jippreferu jitgħallmu billi jħossu, jimxu, jirreċtaw, joħolqu u jesperjenzaw l-oġġett innifsu. Għalhekk is-sens tal-ħass huwa l-metodu prinċipali li bih dawn l-istudenti jitgħallmu l-aktar. Sabiex l-istudenti jilħqu l-kompetenza fis-suġġett, importanti li l-għalliem joffrilhom analoġiji u sitwazzjonijiet reali mill-ħajja ta' kuljum.

L-aħħar preferenza hija dik tal-qari u l-kitba. Dan jiġifieri li l-istudenti jippreferu jirċievu informazzjoni permezz tal-kitba jew f'forma stampata. Huma jippreferu li jitgħallmu l-aktar mill-kotba, in-noti tal-klassi u l-karti tat-taħriġ.

Savage u Fautley (2013) isostnu li f'lezzjoni waħda huwa impossibbli li l-għalliem ikopri dawn il-preferenzi ta' tagħlim kollha, għalhekk huwa ta' importanza kbira li l-għalliema jagħmlu użu mill-varjetà fl-istili ta' tagħlim tal-istudenti tul il-lezzjonijiet ħalli minn lezzjoni għall-oħra jintlaħqu l-istudenti kollha tal-klassi. B'dan il-metodu l-għalliem jassikura li l-lezzjoni tkun kongruwenti mal-preferenzi tat-tagħlim tal-istudenti. Savage u Fautley (2013) ikomplu jargumentaw li hemm tendenza li l-għalliem jimponi l-metodu preferut tiegħu fuq l-istudenti. Dan ma għandux iseħħ minħabba li b'hekk ikun qed jolqot parti żgħira ta' studenti u tkun qed isseħħ diskriminazzjoni mal-bqija tal-klassi.

**2.4 L-għalliem u r-riżorsi**

Hemm diversi rwoli importanti li kull għalliem irid jaqdi biex b'hekk jiżgura ruħu li qed jagħmel xogħlu bl-aħjar mod possibbli. Wieħed mill-irwoli li jrid ikun kapaċi jaqdi huwa dak tal-ħolqien tar-riżorsi. Portelli u Camilleri Grima (2017) jgħidu li huwa fundamentali li minn

żmien għal żmien iridu jinħolqu riżorsi ġodda ħalli b'hekk l-għalliema jżommuhom aġġornati minn sena għall-oħra u fl-istess ħin jaqdu l-ħtiġijiet tal-istudenti attwali.

Il-funzjoni ewlenija tar-riżorsi hija li jkomplu jgħinu lill-għalliema jilħqu aktar l-għan tal-lezzjoni b'mod aktar faċli. B'hekk jiffaċilitaw l-evalwazzjoni tal-għalliema meta janalizzaw jekk huma laħqux mal-għanijiet ta' dik il-lezzjoni partikolari. Huwa fatt li hemm riżorsi eħfef minn oħrajn, għalhekk "għażla kruċjali bħalma hi dik tar-riżorsi ma tistax issir fil-għama jew b'mod arbitrarju jew skont konswetudni" (Portelli u Camilleri Grima, 2002, p. 217). Capel et al. (2006) jgħidu li dan kollu jrid isir waqt li l-għalliem ikun qed jippjana l-lezzjoni billi jkun sensittiv u jaħseb sa minn qabel x'tip ta' riżorsi għandu bżonn, bħal karti tat-taħriġ, stampi, vidjows, kotba, il-preżentazzjoni, kif ukoll l-użu tal-bord interattiv.

L-għalliem ma għandu qatt jibda jippjana l-lezzjoni tiegħu mir-riżorsi imma dejjem irid jistaqsi x'inhuma l-għanijiet u l-objettivi li jrid jilħaq sal-aħħar tal-lezzjoni biex imbagħad joħloq riżorsi li jissodisfaw dawk l-għanijiet (Capel et al., 2006). Walker (2008, p. 64) tgħid li "the modern teacher has an array of resources to choose from". Walker (2008) tkompli tisħaq li din l-għażla vasta ta' riżorsi hija importanti għall-għalliema minħabba li dawn jistgħu jvarjaw u jħalltu r-riżorsi li jużaw fil-klassi minn lezzjoni għall-oħra b'riżultat li jgħinu lill-istudenti jibqgħu ffukati u fl-istess ħin jitgħallmu b'modi differenti.

Savage u Fautley (2013) jenfasizzaw li t-tagħlim ma jseħħx f'vakum u għalhekk l-ambjent li joħolqu l-għalliema fil-klassi huwa ta' importanza kbira għall-mod ta' kif isir it-tagħlim kif ukoll kif l-istudenti se jitgħallmu. Parti essenzjali mill-ambjent pożittiv tal-klassi jinħoloq mit-tip ta' riżorsi li l-għalliema jiddeċiedu li japplikaw fil-klassi.

Illum il-ġurnata l-għalliema tal-Malti għandhom aktar possibbiltajiet minn qatt qabel fejn jistgħu jimirħu fl-għażla tar-riżorsi edukattivi tagħhom. Ħafna minn dawn ir-riżorsi huma maħluqa minn professjonisti li huma midħla sew tal-klassi, jiġifieri l-għalliema nnifishom. B'mod ġenerali, hawn insibu żewġ tipi ta' riżorsi: tradizzjonali u teknoloġiċi.

Il-kotba b'riżorsi għall-għalliema rigward it-tagħlim tal-Malti bħala lsien barrani aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed jiżdiedu. Hekk ukoll fuq l-internet, l-għalliem għandu siti apposta għar-riżorsi dwar dan il-qasam. Paġna li tinkludi riżorsi utli hija l-*malti.skola* li primarjament, fejn jidħol is-suġġett tal-Malti bħala Lingwa Barranija, taqsam ir-riżorsi f'erba' livelli:

- Fil-livell primarju hemm varjetà ta' riżorsi dwar il-vokabularju, bħall-ismijiet tal-jiem, xhur, staġuni, kuluri, familja, partijiet tal-ġisem u l-bqija, filwaqt li fil-parti tal-grammatika nsibu riżorsi dwar il-konsonanti, il-vokali, l-artiklu, in-nomi komuni, in-nomi proprji, il-ġens, is-singular, il-plural u l-verbi.
- Fil-livell medju hemm riżorsi dwar l-ikel tradizzjonali, il-ħin, il-bliet kapitali, iċ-ċittadini, il-lingwa uffiċjali tal-pajjiżi, l-arblu tar-razza u d-dehra.
- Fil-livell sekondarju hemm 10 temi tas-smigħ kif ukoll sezzjoni sħiħa ddedikata lil-lessiku, bħall-kejl, xi nsibu fil-kmamar, il-festi, l-ilbies u l-parti tal-grammatika.
- L-aħħar livell huwa dak għall-adulti li fih jittratta temi bħal: immorru nixtru, ikel tradizzjonali madwar id-dinja, u l-kitba ta' ittra elettronika fost l-oħrajn.

Mill-banda l-oħra, fis-sit elettroniku tal-*maltikurja* għad ma hemmx riżorsi li huma speċifiċi għall-istudenti li qed jitgħallmu l-Malti bħala lingwa barranija.

### 2.5 Ir-riżorsi u l-parteċipju attiv verbali

Preżentement għad ma hemm l-ebda riżorsa dwar il-parteċipju attiv verbali biex isservi ta' għajnuna ħalli l-istudenti li qed jitgħallmu l-Malti bħala lingwa barranija jkunu jistgħu jagħmlu dan b'mod aktar faċli u interattiv. Dan jista' jkun ir-riżultat minħabba li s'issa fil-pjan ta' ħidma li jwassal għall-kisba tal-Grad A1 tal-Qafas Komuni Ewropew, il-parteċipju attiv b'mod ġenerali għadu mhux inkluż fil-kategorija tal-grammatika u l-ortografija. Dan ukoll japplika għall-kisbiet mit-tagħlim il-ġodda  tal-Malti bħala lingwa barranija, minħabba li fl-ebda rotta l-parteċipju attiv ma huwa inkluż b'mod dirett. Madanakollu, f'rotta numru wieħed, li hi l-iktar rotta bażika mit-tliet rotot (Rotta 1, Rotta 2 u Rotta 3), tal-kisbiet mit-tagħlim tal-ħiliet tas-Seba' Sena, fil-ħila tal-kitba hemm fergħa li tindika li l-istudenti jridu jitgħallmu l-futur (Nikteb frażijiet dwar x'nixtieq nagħmel fil-futur, eż. 'is-sajf li ġej', 'is-sena li ġejja', 'meta nikber'). Hawn il-parteċipju attiv verbali huwa inkluż b'mod indirett minħabba li l-futur huwa wieħed mill-funzjonijiet tiegħu. Huwa kruċjali li l-istudenti li qed jitgħallmu l-Malti bħala lsien barrani jkollhom riżorsi dwar il-parteċipju attiv verbali maħluqa speċifikament għalihom. Gardner (1993) jisħaq li jkun żball kbir jekk l-għalliema jitfgħu lill-istudenti tal-lingwa nattiva u dawk li qed jitgħallmuha bħala lsien barrani f'keffa waħda minħabba li fin-natura tagħhom huma maħluqa b'mod differenti.

Dan kollu ma jnaqqasx mill-importanza li għandu jingħata lill-parteċipju attiv ħalli b'hekk ukoll ikun jista' jiġi mgħallem b'riżorsi addattati għal dawn l-istudenti. Hu meħtieġ li l-istudenti barranin jitgħallmu l-parteċipju attiv, mhux biss minħabba li huwa parti mill-grammatika tal-Malti, imma wkoll minħabba li hemm diversi raġunijiet oħra għaliex dan għandu jsir. Fosthom insibu li meta l-istudenti barranin ikollhom tagħrif tajjeb u komplet tal-grammatika eventwalment ikun hemm qabża wkoll fil-ħiliet l-oħra tal-lingwa, fosthom dik

tal-kitba u tat-taħdit. Magro (2017) tistqarr li b'hekk l-istudenti jkollhom għarfien aħjar u japprezzaw aktar l-identità ta' dak in-nazzjon li jkunu qed jitgħallmu l-lingwa tiegħu u jrabbu aktar kuxjenza dwar dik il-lingwa partikolari.

Ir-riżorsi jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira għal dawn l-istudenti waqt it-tagħlim tagħhom tal-parteċipju attiv minħabba li skont Camilleri Grima (2015) hemm tendenza li huma jistgħu jiltaqgħu ma' xi diffikultajiet waqt li jkunu qed jistudjawh. Fost dawn id-diffikultajiet Camilleri Grima (2015) sabet li l-istudenti barranin huma relattivament komdi bl-għarfien tagħhom fuq il-forom tat-temp u l-aspett tal-imperfett u l-perfett, imma jsibu l-istruttura tal-progressiv (miexi) daqsxejn problematika. Fl-istudju tagħha, Camillieri Grima (2015) tikkonkludi li l-istudenti barranin li jkunu waslu fil-livell avvanzat tat-tagħlim tagħhom tal-Malti bħala lingwa barranija jkunu għadhom ma akkwistawx għarfien biżżejjed dwar il-forom tal-progressiv. Dan kollu juri li l-għarfien li jkollhom dwar l-użu tal-parteċipju attiv u l-kostruzzjoni bil-'qed' ikun għadu nieqes jew ivarja ħafna fil-lingwa intermedjarja tagħhom. Il-parteċipju attiv ukoll jintuża ħafna fl-imperfett, kif fl-Ingliż u f'lingwi oħra normalment jitħaddem bħala preżent kontinwu.

**2.6 Il-konklużjoni**

F'dan il-kapitlu tajt tagħrif fuq il-pedagoġija skont Lev Vygotsky u studjużi oħra li jħaddnu t-teorija soċjokulturali, kif ukoll ir-relazzjoni ta' kif tipi differenti ta' riżorsi jaffettwaw diversi oqsma fl-edukazzjoni, fosthom l-għalliema, il-lezzjoni u l-motivazzjoni tal-istudenti. Fl-aħħar ikkonkludejt billi ddiskutejt dwar ir-riżorsi li hawn għall-istudenti li qed jitgħallmu l-Malti bħala lingwa barranija u n-nuqqas ta' riżorsi li hawn dwar il-parteċipju attiv fil-Malti Semitiku. Fil-kapitlu li ġej, fl-ewwel taqsima se niddiskuti l-polisemija fil-Malti, imbagħad fit-tieni taqsima se ngħaddi biex nitkellem dwar il-parteċipju attiv skont grammatiki differenti.

# 3. Il-Polisemija u l-Parteċipju Attiv fil-Malti

## 3.1 Il-polisemija fil-Malti

L-ewwel parti tat-tielet kapitlu hija maqsuma fi erba' taqsimiet. Nibda billi nitkellem dwar l-ambigwità lessikali, b'mod partikolari l-polisemija. Qabel ma nitkellem dwar it-trasferiment metaforiku u t-trasferiment metonimiku se nittratta l-omonimija u kif tingħażel mill-polisemija. Fl-aħħar se niddiskuti l-polisemija regolari.

### *3.1.1 Il-polisemija*

F'din it-taqsima se nibda billi nuri d-differenza bejn il-vagezza u l-ambigwità. Imbagħad se nagħti definizzjoni ta' polisemija, kif inhi differenti mill-vagezza u l-modi differenti li jikxfu d-differenza ta' bejniethom.

Debattista (2017) jistqarr li l-vagezza u l-ambigwità, minkejja li f'kull waħda hemm elementi partikolari li jagħżluha mill-oħra, xorta għandhom karatteristika komuni: li jġorru tifsiriet differenti tal-istess kelma. L-ambigwità, skont Friggieri (2010, p. 36), hija "l-preżenza ta' aktar minn tifsira waħda jew fi frażi jew aħjar iċ-ċaħda ta' denotazzjoni fissa." B'hekk l-ambigwità tinqasam fi tnejn: l-ambigwità lessikali (kelma b'aktar minn tifsira waħda) u l-ambigwità strutturali (sentenza li bil-modi differenti ta' kif tinqasam ikollha aktar minn tifsira waħda).

Eżempju ta' ambigwità lessikali jidher fil-kelma *għonq* (Aquilina, 1990, p. 1005):

(1) *neck* (ir-raġel kiser l-għonq)

(2) *collar* (l-għonq tal-qmis wiesa')

(3) *narrow part of a vessel* (l-għonq tal-flixkun)

Eżempju ta' ambigwità strutturali nsibuha fis-sentenza *Rajt tifel bin-nuċċali*.

[1] Rajt tifel bin-nuċċali li kont liebes dak il-ħin.

[2] Rajt tifel li hu kien liebes in-nuċċali.

Mill-banda l-oħra, Friggieri (2010, p. 847) isostni li l-vagezza hi "kitba li fiha ma għandekx tifsira ċara. Il-kelma jkollha tifsira wiesgħa u miftuħa għal ħafna interpretazzjonijiet." Debattista (2017) jargumenta li l-vagezza, bil-kuntrarju tal-ambigwità, ma għandhiex numru ta' sensi stabbiliti imma kelma hi vaga meta s-sens tagħha ma jvarjax, hekk kif il-kelma tkun waħedha, u għalhekk bilfors trid titqiegħed f'kuntesti differenti biex toħroġ id-differenza semantika tagħha.

Eżempju ta' vagezza jidher fl-aġġettiv bħal *sħun.*

[3a] L-ilma sħun. (l-ilma għandu temperatura għolja)

[3b] L-ilma fil-kitla sħun. (l-ilma għandu temperatura għolja ħafna)

Fl-eżempju t'hawn fuq, l-aġġettiv *sħun* għandu element ta' vagezza minħabba li barra mill-kuntest dan ma għandu l-ebda differenza fit-tifsira imma meta qed jintuża f'kuntest partikolari, is-sens tiegħu jvarja fil-gradazzjoni. Dan minħabba li t-tifsira ta' sħun [3a] hi ta' grad anqas mit-tifsira ta' sħun [3b]. F'din it-teżi se niffoka fuq l-ambigwità lessikali, b'mod partikolari l-polisemija.

Debattista (2017) jispjega li l-polisemija hija karatteristika ta' lessema li tirreferi għal aktar minn tifsira waħda imma t-tifsir b'xi mod ikunu viċin xulxin. Is-sens preċiż tal-kelma polisemika jingħaraf mill-għarfien li għandu l-kelliem dwar il-lingwa u mill-kuntest li

fih tkun qed tintuża. Meta s-sens partikolari ma jintlaħaqx, il-messaġġ jista' ma jinftehimx jew ma jasalx fil-forma t-tajba.

Figura 1 hija rappreżentazzjoni tal-kunċett tal-polisemija u taħtu huwa eżemplifikat mill-kelma "katina" hekk kif jagħtiha Aquilina (1987, p. 629) fid-dizzjunarju tiegħu.

Figura 1:




Katina: (1) Chain (Katina tal-ankra)

(2) Fore/main/mizen chain (Katina ta' quddiem/tan-nofs/tal-mezzana)

(3) Range of mountains (Katina ta' muntanji)

(4) Number of connected things, of events, etc. (Katina ta' ittri)

(5) Necklace (Katina tad-deheb)

Geeraets (1994) jikkummenta li huwa essenzjali li nagħmlu distinzjoni bejn il-polisemija u l-vagezza. Dan jista' jsir b'diversi modi imma l-aktar wieħed popolari hu d-'do-so test' ta' Zwicky u Sadock (1975).

[5] Sam ate a burger and Jessica <u>did so</u> too.

F'dan l-eżempju t'hawn fuq naraw kif il-frażi bid-'do-so' għandha l-istess sens bħall-frażi bil-verb fl-ewwel parti (*ate a burger*). Dan minħabba li kemm Sam u anke Jessica kielu burger.

Debattista (2017) jistqarr li fil-Malti wkoll insibu strutturi simili ta' dan it-test.

[6] Sam xtara rota u anke Jessica.

[7] Sam xtara rota u Jessica għamlet hekk ukoll.

Il-kelma "anke" u l-frażi "għamlet hekk ukoll" qed jagħmlu l-istess ħaġa bħad-"do-so" fl-Ingliż. Kemm Sam kif ukoll Jessica qed jagħmlu l-istess azzjoni. L-għan ewlieni ta' dan it-test hu li s-sens magħżul fil-bidu tas-sentenza jkun l-istess għall-frażi li fiha tinkludi l-kelma *anke* jew il-frażi *għamlet hekk ukoll*.

Dan il-metodu huwa ta' għajnuna biex jiġu evalwati tifsiriet differenti tal-istess lessema li jikkorrispondu għal tifsir differenti.

[8] Luke għoġbitu l-katina li liebsa Sarah u anke lil John.

Hawn il-kelma *katina* qed tirreferi għall-ġiżirana li liebsa bħalissa Sarah. Ikunu żbaljati jekk Luke jifhem katina bħala ġiżirana u John jifhem il-katina tal-ankra. Jekk jiġri hekk jkollna każ ta' polisemija.

Madanakollu, Debattista (2017) isemmi l-kliem *ministru*, *president*, *kollega* u *kaptan* fl-eżempji:

[9] Joseph kellem lill-ministru u anke Ruben.

[10] Kelly kielet mal-president u anke Max.

[11] Thomas mar ħdejn il-kaptan u anke Jessica.

[12] Emma ħarġet mal-kollega u anke Justin.

Il-kelma *president* fit-tieni eżempju hija vaga. Minkejja li din il-kelma għandha l-istess tifsira fiż-żewġ frażijiet tal-istess sentenza, xorta waħda ma hijiex possibbli li nindunaw jekk il-president huwiex raġel jew hijiex mara. Kemm Kelly kif ukoll Max tkellmu ma' president imma l-president ta' Kelly u ta' Max jista' jkunu l-istess wieħed jew differenti. Għalkemm din hija l-istess kelma l-kelliem għandu jinduna li din hija vaga, allura hemm il-possibilità li tista' tinftiehem ħażin. L-istess ħaġa jidher fil-kliem *kaptan*, *kollega* u *ministru* li huma vagi għax it-tifsir jiddependi fuq il-kuntest.

Minbarra l-polisemija, parti oħra mill-ambigwità hija l-omonimija. Debattista (2017) jitkellem fuq kif il-polisemija ġeneralment tiġi mfixkla mal-omonomija imma dawn it-tnejn huma differenti.

### ***3.1.2 L-omonimija***

F'din it-taqsima se nittratta d-definizzjoni tal-omonimija u wara niddiskuti t-tliet termini li jsawruha fid-dettall. Fl-aħħar nikkonkludi billi nagħti xi differenzi ewlenin bejn l-omonimija u l-polisemija.

Matthews (1997, p.164) jistqarr li l-omonimija hija r-relazzjoni bejn kliem li jkollu l-istess forma imma jvarja fit-tifsira u għalhekk ma jkunx hemm rabta semantika ċara bejn tifsira u oħra. It-tliet termini li l-omonimija tħaddan fiha huma l-omonimi, l-omofoni u l-omografi.

L-omonimi huma kliem bl-istess ortografija u l-istess fonoloġija iżda b'tifsir varjat. Eżempju :

(1) Ħajt – Ġanni bena <u>ħajt</u> madwar id-dar.

Ommi tagħmel il-<u>ħajt</u> mis-suf tan-nagħaġ.

(2) Ħarqa – Marisa bidlet il-ħarqa lit-tarbija.

Pawlu għandu ħarqa f'siequ bin-nar.

Matthews (1997) jispjega li l-omofoni huma omonimi mill-aspett fonoloġiku imma jinkitbu differenti. Eżempju:

(1) sena – Simon għandu ħamsin sena.

sengħa – Missieri għandu s-sengħa ta' bennej.

(2) nar – Fit-triq tagħna jiġu ħafna nies ħalli jaraw in-nar.

nhar – F'nhar il-festa tgħidx kemm imorru nies il-knisja.

Skont Matthews (1997) l-omografi huma l-istess fil-kitba allura ortografikament identiċi imma fonoloġikament huma differenti għax fil-pronunzja n-nomi jvarjaw mill-verbi. Debattista (2017, p.13) isemmi li fil-Malti hemm omografi li xi wħud, bħal (1) – (2) t'hawn taħt, fil-forma verbali jieħdu l-aċċent fuq l-ewwel sillaba u fil-forma nominali tal-istess kelma jieħdu l-aċċent fuq it-tieni sillaba u vokali twila, filwaqt li f'każijiet oħra bħal (3) – (4) kemm fil-forma tal-verb kif ukoll f'dik tan-nom jieħdu l-aċċent fuq l-ewwel sillaba imma jvarjaw biss fit-tul tal-vokali. L-Alfabett Fonetiku Internazzjonali, permezz tat-traskrizzjoni juri kif kull par ta' omografi jitlissen.

(1) bajjad (verb) - /ˈbɐjjɐt/

bajjad (nom) - /bɐjˈjɐːt/

(2) kaħħal (verb) - /ˈkɐhhɐl/

kaħħal (nom) - /kɐhˈhɐːl/

(3) qaleb (verb) - /ˈʔɐlɛp/

qaleb (nom) - / ˈʔɐːlɛp /

(4) domna (verb) - /ˈdɔmnɐ/

domna (nom) - /ˈdɔːmnɐ/

Debattisa (2017, p. 19–20) jagħti deskrizzjoni ċara dwar kif nistgħu nagħrfu l-polisemija mill-omonimija fit-tabella hawn taħt.

| Il-polisemija | L-omonimija |
|---|---|
| Lessema jew frażi jkollha aktar minn tifsira waħda. | Lessemi differenti jinstemgħu u/jew jinkitbu l-istess. |
| Numru ta' sensi differenti huma relatati flimkien. | Is-sensi mhumiex relatati flimkien. |
| Għandhom l-istess etimoloġija. | Għandhom etimoloġija differenti. |
| Il-polisemija fid-dizzjunarju mniżżla taħt entratura waħda. | L-omonimi mniżżlin taħt entraturi separati fid-dizzjunarju. |
| Is-sens tal-lessemi jistgħu jinftiehmu jekk tkun taf imqar it-tifsira ta' kelma waħda. | Trid tkun taf is-sensi ta' kull lessema għax dawn mhumiex relatati. |
| Is-sens polisemiku tal-kelma ma jbiddilx il-kategorija grammatikali. | L-omonimija tbiddel il-kategorija grammatikali. |

Tabella 1: Differenzi prinċipali bejn il-polisemija u l-omonimija

### *3.1.3 It-trasferiment metaforiku u t-trasferiment metonimiku*

F'din it-taqsima se nispjega ż-żewġ kawżi differenti li permezz tagħhom tissawwar il-polisemija. L-ewwel se nibda mit-trasferiment metaforiku u wara se ngħaddi għat-trasferiment metonimiku.

Hemm żewġ modi li permezz tagħhom tista' tinħoloq il-polisemija: it-trasferiment metaforiku u t-trasferiment metonimiku. Għall-ewwel mod Doublesin (1998) jistqarr li t-trasferiment metaforiku jissawwar permezz tal-metafora u li fih insibu x-xebh reali jew

immaġinarju bejn ħaġa u oħra. Dan it-trasferiment iseħħ mid-donatur li abbażi ta' xebh fil-forma, l-aġir u d-daqs jgħaddi għar-reċevitur.

It-trasferiment metaforiku jinkludi żewġ partijiet prinċipali. Fil-Figura 2 t'hawn taħt se nispjega b'mod grafiku kif jinqasam it-trasferiment metaforiku.

Figura 2:




Meta x-xebh jiddependi fuq il-forma u d-daqs tal-ħwejjeġ jew fuq il-funzjoni tagħhom jissejjaħ oġġettiv.

*Eżempji fix-xebh tal-forma:*

| Kelma | Tifsira Ewlenija | Tifsira Metaforika |
|---|---|---|
| *borġ* | torri | ammont ta' ġebel fuq xulxin b'mod mhux ordnat |
| *qadef* | il-barklor qadef mill-vapur sax-xatt | Ġanni kellu jaqdef biex jgħaddi mill-eżamijiet |

*Eżempji ta' xebh fil-funzjoni:*

| Kelma | Tifsira Ewlenija | Tifsira Metaforika |
| --- | --- | --- |
| *seqer* | tip ta' għasfur | bniedem li joqgħod attent |
| *żiemel* | annimal b'saħħtu u jiġri | bniedem li jirsisti ħafna |

Hemm tip ieħor ta' metafora li hi l-metafora valutattiva, u din hija parti mill-emottiv (Ara Figura 2). Il-bażi tax-xebh ta' din il-metafora jikkonsisti fil-valur jew in-nuqqas tiegħu. Dan jidher l-aktar li jidher fil-oġġetti li nqabblu ma' xulxin. Eżempju tal-metafora valutattiva: lil xi ħadd li nħobbu ħafna nirreferu għalih bħala *teżor* jew *ġawhra* imma lil xi ħadd li ma għandniex grazzja miegħu nqabbbluh ma' *kankru* jew *salib*. B'hekk, l-emozzjoni qawwija li nkunu qed inħossu fina hija kawża importanti f'din il-metafora.

Mill-banda l-oħra, hemm ċirkustanzi fejn kliem li minnu nnifsu jkun ikrah jew offensiv nużawh b'sens kumplimentuż. Dan jidher meta biex niddeskrivu xi ħaġa sabiħa nużaw kliem bħal *babaw*, *bomba* u tal-*ġenn*. Hekk ukoll kliem bħal *mgħarraq* u *skumnikat*, li waħdu ma tantx idoqq sabiħ, qed jieħu sens pożittiv meta jintuża f'sentenzi kumplimentużi bħal: *mgħarraq li hu, x'inhu ħelu!*

Għat-tieni mod Doublesin (1998) jgħid li t-trasferiment metonimiku jseħħ meta kelma tieħu tifsira ġdida għax ikollha rabta mill-qrib jew xi forma ta' assoċjazzjoni mat-tifsir oriġinali. Din hija l-istess rabta fil-kuntest jew fil-konnessjoni mill-qrib ħafna bejn ħaġa u oħra li toħloq it-tibdil fit-tifsira.

Doublesin (1998) jagħtina lista ta' ħames rabtiet li fuqhom jinbena dan it-tip ta' trasferiment. Fost dawn it-tipi hemm:

1. ir-rabta fl-ispazju.

2. ir-rabta fiż-żmien.

3. ir-rabta bejn il-kawża u l-effett kif ukoll bejn l-effett u l-kawża.

4. ir-rabta bejn is-sħiħ u s-sehem.

5. ir-rabta bejn ir-reċipjent u l-kontenut.

Fuq dan il-punt Doublesin (1998) jagħti spjegazzjoni msaħħa b'għadd ta' eżempji.

**1. Ir-rabta fl-ispazju**

Fiha hemm rabta sempliċi bejn żewġ oġġetti li jkunu qegħdin imissu ma' xulxin, jew kważi. Din it-tip ta' rabta wasslet biex il-kelma *ċanga*, li ġejja mill-Isqalli *chianca* u li tfisser biċċa injama jew ġebla li fuqha tqatta' l-laħam, saret tfisser biċċa laħam ta' baqra.

**2. Ir-rabta fiż-żmien**

Din ir-rabta hi meta xi drabi jkollna għemil b'tifsira partikolari li jieħdu tifsira ta' għemil ieħor li normalment isir ftit taż-żmien qablu, fl-istess żmien jew ftit taż-żmien warajh. It-tifsira tal-kelma *għarus* fil-Malti, bħalma tinsab fil-Għarbi, hi r-raġel fil-jum tat-tieġ. Imma fil-Malti saret tfisser dak iż-żagħżugħ li jkun ta l-kelma li jkun se jiżżewweġ. Hemm sitwazzjonijiet li meta r-rabta ma tkunx daqshekk fil-qrib tant li l-għemil jiġi jfisser iż-żmien jew bil-maqlub, iż-żmien tal-għemil. Hemm aktar eżempji ta' trasferiment metonimiku, fosthom il-kelma *strina* li kienet tirreferi għal meta xi ħadd jagħti rigal jew xi ħaġa tal-flus lit-tfal iż-żgħar, kif ukoll min iħaddem lill-impjegati tiegħu nhar L-ewwel tas-Sena. Din il-kelma evolviet u llum bil-kelma *strina* nifhmu L-ewwel tas-Sena.

**3. Ir-rabta bejn il-kawża u l-effett**

Din ir-rabta tinqasam fi tnejn:

i. kawża → effett

ii. effett → kawża

*Eżempju ta' kawża – effett*

Il-kelma *seqi*, li fl-Għarbi tfisser reżħa (kesħa) kbira filwaqt li fil-Malti tfisser infjammazzjoni fl-idejn jew fis-saqajn minħabba kesħa qawwija. Mill-Għarbi għall-Malti t-tifsira fiż-żewġ każi mxiet mill-kawża għall-effett.

*Eżempju ta' effett – kawża*

Il-verb *għoxa* fl-Għarbi jfisser meta xi ħadd jintilef minn sensih imma fil-Malti jintuża fis-sens ta' xi ħadd (l-aktar tarbija) li jibki jew jidħak ħafna. Hawn ukoll naraw mixja mill-effett għall-kawża: mit-tifsira oriġinali (*intilef minn sensih*) li tiġi l-effett, imxiet għal tifsira oħra (*beka jew daħak*) li hi l-kawża.

**4. Ir-rabta bejn is-sħiħ u s-sehem**

Din ir-rabta wkoll tinqasam fi tnejn:

i. sħiħ → sehem

ii. sehem → sħiħ

*Eżempji ta' sħiħ – sehem*

Fil-Għarbi l-kelma *bejt* tfisser id-dar kollha imma fil-Malti tfisser sehem jew parti mid-dar, li tiġi fuq nett tas-saqaf tal-aħħar sular. Hawn tidher il-mixja li seħħet mill-Għarbi għall-Malti: dak li fl-Għarbi jitqies bħala sħiħ fil-Malti sar is-sehem.

*Eżempju ta' sehem – sħiħ*

Il-kelma *ballut* fil-Malti tfisser siġra sħiħa iżda fl-Għarbi tirreferi għall-frotta speċifika li tagħmel din is-siġra. Hekk ukoll insibu l-eżempju *rota*, li fl-Ingliż tiġi *wheel*, li tista' tkun parti minn vettura, bħal karozza jew bajsikil. Fil-Malti nsibu li rota ħadet is-sens tal-bajsikil kollha. Hawn jidher ċar li l-kelma minn lingwa barranija nbidlet billi s-sens tas-sehem fil-Malti ġie jirreferi għas-sħiħ.

**5. Ir-rabta bejn ir-reċipjent u l-kontenut**

F'din ir-relazzjoni l-kelma reċipjent qed tintuża fl-aktar sens wiesa' tagħha. Hawn insibu l-kelma *boton* li fl-Għarbi tfisser iż-żaqq jew il-ġuf tal-annimal filwaqt li fil-Malti tfisser ammont ta' annimali, aktarx fniek, li jitwieldu f'daqqa. Hekk ukoll insibu l-eżempju tal-kelma *platt* li fil-frażi "kissirt platt" huwa r-reċipjent imma fil-frażi "kilt il-platt kollu" huwa l-kontenut għax dak li jittiekel huwa l-kontenut tal-platt u mhux il-platt fiżiku.

### ***3.1.4 Il-polisemija regolari***

Wara li ddiskutejt l-omonimija se nittratta l-polisemija regolari u x'jgħidu l-istudjużi dwarha. Fl-aħħar nikkonkludi billi nagħti xi eżempji ta' din it-tip ta' polisemija.

Debattista (2017) jistqarr li l-polisemija regolari hija karatteristika tat-trasferiment metonimiku filwaqt li l-polisemija irregolari hija karatteristika tat-trasferiment metaforiku.

Madankollu mhux kull trasferiment metonimiku hu regolari jew kull trasferiment metaforiku hu irregolari. Apersjan (1994, p. 16) dwar il-polisemija regolari jsostni li "Polysemy of a word with the meaning ai and aj is called regular if, in the given language, there exists at least one other word B with the meaning bi and bj, which are semantically distinguished from each other in exactly the same way as ai and aj and if ai and bi are non-synonymous." Debattista (2017) jagħti l-eżempju tar-relazzjoni bejn is-siġra u l-injam tagħha. Il-kelma *ġewż* għandha tifsira ta' polisemija regolari għax tista' tintuża kemm biex tirreferi għas-siġra kif ukoll għat-tip ta' injam li din is-siġra tipproduċi.

Din il-kelma tħaddan żewġ karatteristiċi importanti, li huma li tkun produttiva u sistematika. Hija produttiva għax l-istess kelma tista' tintuża biex tirreferi għal xi ħaġa oħra. Fl-eżempju il-kelma *ġewż* permezz tal-polisemija regolari tista' tirreferi għas-siġra, u fuq in-naħa l-oħra l-materjal. Dan il-każ li qed juri relazzjoni bejn is-siġra u l-materjal huwa produttiv u sistematiku għax jista' jiġi applikat għal siġar oħra, pereżempju s-siġra tal-fraxxnu.

[13a] Din is-siġra hija tal-ġewż. (siġra tal-ġewż)

[13b] Ilbieraħ xtrajt siġġu tal-ġewż. (materjal tas-siġra tal-ġewż)

Debattista (2017) jispjega li apparti t-trasferiment metonimiku hemm aktar proċessi li jgħinu biex tinħoloq din it-tip ta' polisemija. Fosthom hemm l-analoġija semantika li din tirreferi għall-proċess kif kliem ġdid jifforma fuq il-bażi tal-forom li diġà jkunu jeżistu fil-lingwa. Apresjan (1994) jispjega li fl-analoġija semantika hemm relazzjoni qawwija bejn il-polisemija regolari u kif l-kostruzzjoni tal-kelma. Il-polisemija regolari hija tixbah ħafna is-sistema ta' kif jinħoloq il-kliem minħabba li s-sens tagħha huwa wieħed produttiv.

Fi kliem ieħor, is-sens li qed jingħata lill-kelma 'A' jista' jintuża għas-sens tal-kelma 'B'. Permezz tal-polisemija regolari jseħħu tipi ta' varjazzjonijiet polisemiċi li jidhru ta' sikwiet fil-lingwa u għalhekk nistgħu nqisuhom bħala parti mill-għarfien grammatikali tal-kelliema nattivi. F'dawn l-eżempji li ġejjin hemm polisemija regolari għax is-sens tal-kelma prinċipali (*ħuta*, *knisja* u *ħawħa*) tal-ewwel sentenza jinsab ukoll fit-tieni sentenza.

(1) l-annimal u l-laħam: Il-ħuta qiegħed tgħum fl-ilma. (l-annimal)

John kiel ħuta. (il-laħam)

(2) Il-post u l-istituzzjoni: Jesmond mar il-knisja. (il-post)

Il-Knisja ħraxet fir-regoli tagħha. (l-istituzzjoni)

(3) Is-siġra u l-frotta: Rose saqqiet il-ħawħa tal-ġnien. (is-siġra)

Oħti kielet ħawħa. (il-frotta)

### *3.1.5 Il-konklużjoni*

F'din it-taqsima tajt definizzjoni tal-polisemija. Bdejt billi wrejt id-differenza bejn l-ambigwità u l-vagezza, imbagħad iddiskutejt l-ambigwità lessikali l-aktar, il-polisemija u l-metodi li jistgħu jintużaw biex juru din id-distinzjoni. Fit-tieni taqsima spjegajt l-omonimija u d-differenzi li jiddistingwuhom minn xulxin.

Fit-tielet taqsima tajt ħarsa lejn il-kawżi tal-polisemija: it-trasferiment metaforiku u t-trasferiment metonimiku, imbagħad fl-aħħar ikkonkludejt bil-polisemija regolari u tajt diversi eżempji relatati ma' din it-tip ta' polisemija. Fit-tieni taqsima ta' dan il-kapitlu se nistħarreġ il-parteċipju attiv tal-Malti skont dak li kitbu fuqu grammatiċi u studjużi differenti.

### 3.2 Il-parteċipju attiv fil-Malti

Fit-tieni parti se nagħti ħarsa lejn grammatiki u studjużi differenti li studjaw jew kitbu dwar il-parteċipju attiv. Dawn se jiġu trattati b'mod kronoloġiku, għalhekk l-ewwel se nibda minn Aquilina sakemm fl-aħħar nikkonkludi bl-aktar xogħol riċenti.

#### *3.2.1 Ġużè Aquilina (1979)*

Aquilina (1979) fil-ktieb *Arabic Maltese Comparative Grammar* jikteb dwar il-parteċipju attiv b'mod indirett meta jitkellem dwar il-verb "to be". F'din il-kitba, Aquilina jqabbel l-influwenza tal-Għarbi (Klassiku u Djalettali) fil-Malti u jispjega li fl-Għarbi u fil-Malti ma hemmx verbi li jikkorrispondu għat-tifsira ugwali tal-verb "to be" tal-Ingliż. Fl-aħħar ta' din it-taqsima Aquilina jqabbel id-djalett Maghrebi mal-Malti u jsemmi diversi kompożizzjonijiet sintattiċi tal-verb li huma simili f'dawn iż-żewġ lingwi. Fosthom, Aquilina jsemmi l-kompożizzjoni *jkun* + parteċipju preżent (isem ieħor għall-parteċipju attiv) biex jesprimi azzjoni li għadha qed isseħħ kemm: 1. fil-passat, u 2. fil-preżent jew fil-futur. Eżempju: 1. kien nieżel l-Imdina; 2. ikun nieżel l-Imdina.

#### *3.2.2 Brother Henry F.S.C. (1980)*

Brother Henry (1980), fil-ktieb tiegħu *Grammatika Maltija*, ukoll jiddiskuti l-parteċipju attiv. Jibda billi l-ewwel jagħti deskrizzjoni ġenerali tal-parteċipju u fost l-affarijiet li jsemmi jistqarr li l-parteċipju: (a) juri qagħda jew stat, il-kwalità tan-nom jew in-nom stess; (b) jinqasam fi tnejn, li huma l-attiv (il-preżent) jew il-passiv (il-passat); (ċ) jinfletti għall-ġens u l-għadd; (d) jista' jkun indeterminat (bla artiklu quddiem) jew determinat (bl-artiklu quddiem); (e) meta jkun hemm iżjed minn nom wieħed fis-singular, il-parteċipju attiv jitqiegħed fil-plural.

Brother Henry (1980) wara jispjega l-parteċipju attiv u fih josserva xi kwalitajiet ewlenin:

- Il-parteċipju attiv jista' jissawwar b'żewġ modi: billi tinbidel il-vokali tal-mamma tal-verb f'vokali twila li ġeneralment tkun *ie* jew *a*. Eżempju: *mexa – miexi*, *ħareġ – ħiereġ*, inkella permezz taż-żieda ta' *jje* fin-nofs jew *j* fit-tarf tal-mamma tal-verb, bħal *miet – mejjet* u *ġerra – ġerrej*.
- Il-parteċipju attiv jista' jintuża bħala preżent attwali, nom tal-aġent kif ukoll aġġettiv:
    - Il-preżent attwali hu meta l-verbi juru stat jew ċaqliq, bħal pereżempju: *ħija liebes pulit ferm* (stat) jew *ħija nieżel il-baħar* (ċaqliq);
    - In-nom tal-aġent jindika min ikun qed jagħmel l-azzjoni, eżempju: *Il-qattiel inqabad*;
    - L-aġġettiv huwa dik il-parti tal-verb li biha niddeskrivu n-nom, eżempju: *Ġanni rieqed bħalissa*.
- Fl-aħħar punt li jsemmi, Brother Henry josserva li l-parteċipju attiv jinqasam f'erba' forom skont il-verb li minnu jitnissel. Dawn huma: L-1 forma li titnissel minn verbi trilitteri intransittivi billi tbiddel l-ewwel vokali tal-mamma f'*ie* jew *a*, bħal *niżel – nieżel* u *ħakem – ħâkem*; it-2 forma titnissel minn verbi mnisslin tat-2 forma billi tibdel l-aħħar vokali tal-mamma f'*ie* jew *a* bħal *ħaddem – ħaddiem, ħabbar – ħabbâr*; it-3 forma titnissel minn verbi moħfija intransittivi billi żżid *jje* f'nofs il-mamma, eżempju: *sam – sajjem*; u r-4 forma titnissel minn verbi neqsin tat-2 forma biż-żieda ta' *j* f'tarf il-mamma, bħal *għanna – għannej.*

Brother Henry (1980) fl-aħħar jagħtina sommarju grafiku li fih jinkludi kif inhu maqsum il-parteċipju attiv fil-Malti. Dan is-sommarju mhuwiex komplut minħabba li hu

jonqos milli jagħtina l-kategorija dinamika. B'hekk ma inkludiex il-partiċipji attivi dinamiċi bħal *dieħel, ħiereġ* u *għaddej* imma minflok ta biss il-partiċipju attiv sostantiv (nom tal-aġent) bħal *qattiel*, *mejjet* u *qarrej*.

### *3.2.3 Albert Borg (1988)*

Borg (1988), fil-ktieb tiegħu *Ilsienna* jargumenta dwar il-partiċipju attiv, li hu jsejjaħlu partiċipju preżent. Meta mqabbel ma' grammatiki oħra, Borg janalizza l-partiċipju attiv minn lenti aktar xjentifika għax jevalwa kif il-partiċipju attiv ivarja mill-imperfett u mill-perfett. Jibda billi jagħmel xi distinzjonijiet bejn il-partiċipju attiv *miexi*, il-perfett *mexa* u l-imperfett *jimxi*. Borg (1988) isemmi li d-differenza ewlenija hi: Il-partiċipju attiv ma jagħmilx distinzjoni tal-persuna imma din isseħħ biss fl-għadd u fil-ġens: *miexi* singular maskil, *miexja* singular femminil u *mexjin* plural komuni.

Borg (1988) josserva li bl-użu tal-partiċipju attiv, il-kelliem jirreferi għall-vjaġġ li għadu ma spiċċax waqt il-mument tat-taħdit, imma jekk inqabblu dak li jiġri f'sentenza bil-verb tal-perfett, l-azzjoni tidher li hi spiċċuta u kompluta. Eżempju:

[1] Partiċipju Attiv: *Ġanni miexi mid-dar sal-iskola*.

[2] Perfett: *Ġanni mexa mid-dar sal-iskola*.

[3] Imperfett: *Ġanni jimxi mid-dar sal-iskola*.

Id-differenza bejn dawn it-tliet sentenzi hi li fil-mument tat-taħdit fis-sentenza numru 2 hemm implikat is-sens li Ġanni mexa mid-dar sal-iskola imma diġà wasal l-iskola filwaqt li s-sentenza numru 1 timplika li għalkemm Ġanni telaq mid-dar, għadu fil-proċess

tal-azzjoni tiegħu u b'hekk għadu ma wasalx l-iskola. Is-sentenza numru 3 tindika sitwazzjoni sħiħa ripetuta b'mod regolari f'dimensjonijiet temporali.

Fit-tabella t'hawn taħt, Borg (1988, p. 72) jispjega l-partiċipju attiv.

Figura 3: Il-partiċipju attiv skont Borg (1988)




F'figura 3 Borg (1988) jispjega li l-vleġġa tirrappreżenta l-vjaġġ komplut imma peress li s-sitwazzjoni hi fil-partiċipju preżent, din hi maqsuma fi tnejn: l-ewwel parti li qiegħda qabel il-mument tat-taħdit turi l-parti tal-vjaġġ li diġà saret filwaqt li t-tieni parti turi dik il-parti mill-vjaġġ li għadha trid isseħħ fil-futur qrib ħafna.

Permezz ta' dan l-argument, Borg (1988) jikkonkludi li proċess fil-preżent nistgħu nsejħulu l-partiċipju preżent. Kemm fil-partiċipju preżent kif ukoll fl-imperfett hemm relazzjoni kemm mal-imgħoddi kif ukoll mal-ġejjieni imma fl-imperfett hemm numru ta' repetizzjonijiet ta' azzjonijiet kompluti filwaqt li fil-partiċipju preżent hemm azzjoni waħda li għadha mhix kompluta waqt li qed tingħad is-sentenza. Min-naħa l-oħra, il-perfett hu differenti mill-partiċipju preżent għax fil-perfett l-azzjoni hi kompluta u lesta.

### *3.2.4 Michael Spagnol (2009)*

Spagnol (2009), f'silta mill-istudju tiegħu bl-isem *Lexical and Grammatical Aspect in Maltese*, isemmi 3 punti importanti dwar il-partiċipju attiv. Jibda billi jiddiskuti fuq il-

progressiv fil-Malti u jistqarr li dan jintuża biex nesprimu azzjoni li għadha għaddejja, temporanja, titwettaq f'ħin limitat imma għadha ma spiċċatx. Dan nesprimuh bil-*qed/qiegħed* + *imperfett* (*qed/qiegħed jikteb*) jew f'xi ftit każijiet, bil-partiċipju attiv. Il-partiċipji attivi li għandhom tifsira fil-progressiv huma mnissla minn verb li juri azzjoni, bħal *ħareġ – ħiereġ*, *mexa – miexi* u *niżel – nieżel*.

Wara, Spagnol (2009) jikkummenta dwar il-forom analitiċi u l-forom sintetiċi, u jispjega li l-forom analitiċi ma għandhomx biss interpretazzjoni progressiva (*dil-minuta qed jikteb ittra*) imma wkoll ta' drawwa ristretta li tirrepeti ruħha diversi drabi (*qed jikteb ittra kull filgħodu*). Min-naħa l-oħra, il-forom sintetiċi huma mnissla minn verbi li juru azzjoni, b'hekk jesprimu tifsira progressiva bħal *dieħel, ġej, ħiereġ, nieżel, sejjer, tiela', tielaq, għaddej, riesaq* u *miexi.* Punt interessanti hu li permezz ta' din il-lista, Spagnol (2009) għall-ewwel darba jiġbor il-verbi kollha tal-partiċipju attiv li jagħmlu mal-kategorija dinamika. Drawwa ristretta għalhekk hi espressa permezz ta' forma analitika (*Ħija nieżel it-taraġ – Ħija qed jinżel it-taraġ ta' spiss*). Dan ifisser li t-tifsira fil-progressiv ta' verb li hu nieqes mill-partiċipju attiv tingħaqad mal-interpretazzjoni ta' drawwa ristretta.

Spanjol (2009) jargumenta wkoll li l-progressiv fil-partiċipju attiv hemm sens ta' antiċipazzjoni ta' ġrajja li se sseħħ fil-futur. Sentenzi bħal *ħija tiela' jistudja l-Ingilterra* u *ħiereġ ktieb ġdid tal-istess awtur* fihom referenza għall-futur anke jekk ma għandhomx avverb taż-żmien b'mod dirett. Il-partiċipju attiv li hu mnissel minn sitwazzjonijiet li juru tul ta' ħin ma jistax jintuża biex jirreferi għall-futur bħal **ħija miexi fil-pjazza għada* jew **sagħtejn oħra l-karozza għaddejja mill-mina.*

### *3.2.5 Mark Paul Vella (2014)*

Vella (2014) jargumenta dwar il-parteċipju u kif jipparteċipa fil-lingwa Maltija. Vella (2014, p. 13) jistqarr li "l-parteċipju fil-Malti huwa fergħa verbali li għandha identità differenti skont il-każ, għax il-parteċipju jaf jilbes is-sura aġġettivali, nominali u verbali." Imbagħad ikompli billi jaqsam il-parteċipju attiv fi tnejn: (i) il-parteċipju attiv li jesprimi qagħda fil-preżent u (ii) il-parteċipju passiv li jesprimiha fil-passat.

Bħall-bqija tal-grammatiċi, Vella (2014) jisħaq li l-parteċipju attiv għandu l-funzjoni ta' aġġettiv, nom u verb fil-preżent. Bħala eżempji aġġettivali jagħti *fietel, liebes* u *ħiemed.* Bħala eżempji tan-nom tal-aġent jagħti *predikatur*, *negozjant* u *edukatur*, li mhumiex Semitiċi, filwaqt li l-eżempji *rebbieħ*, *wikkiel* u *kaħħal* huma mnissla mis-Semitiku. Vella jkompli jispjega li l-parteċipju attiv għandu rwol verbali u jagħti interpretazzjoni progressiva, attwali tal-azzjoni, pereżempju *ħiereġ*, *dieħel* u *tiela'*.

Vella (2014) jistqarr li grammatikalment il-parteċipju attiv hu differenti mit-temp tal-imperfett. Din id-differenza tirrifletti ruħha wkoll morfoloġikament għax il-parteċipju attiv għandu tliet forom tal-għadd u l-ġens, li jikkorrispondu mat-tielet persuna singular maskil, mat-tielet persuna singular femminil, u mat-tielet persuna plural rispettivament, filwaqt li l-imperfett jikkonjuga ruħu mas-seba' pronomi b'forma unika f'kull każ:

| Il-Pronom Personali | Il-Parteċipju Attiv | L-Imperfett |
|---|---|---|
| Jiena | ħiereġ/ħierġa | noħroġ |
| Inti | ħiereġ/ħierġa | toħroġ |
| Huwa | ħiereġ | joħroġ |
| Hija | ħierġa | toħroġ |
| Aħna | ħerġin | noħorġu |
| Intom | ħerġin | toħorġu |
| Huma | ħerġin | joħorġu |

Tabella 2: Il-Parteċipju Attiv Verbali mqabbel mal-Imperfett

### *3.2.6 Jake Debattista (2017)*

Debattista (2017, p. 64–67) fit-teżi tiegħu wkoll jitkellem dwar il-parteċipju attiv. Debattista jistqarr li mill-osservazzjonijiet li għamel, ċerti lingwisti u grammatiċi ma jaqblux għalkollox bejniethom meta jiddeskrivuh. Mix-xogħlijiet li osserva ħareġ b'konklużjonijiet prinċipali dwar il-parteċipju attiv:

- Il-parteċipju fil-Malti jinqasam f'żewġ kategoriji primarji: Il-parteċipju attiv (*għaddej*) u l-parteċipju passiv (*mgħoddi*).
- Il-parteċipju attiv jinħadem fuq 5 forom ewlenin:
    1. 1v̄2v3: nieżel, għaref
    2. 1vjjv3: sejjer, mejjet

3. 1vj: ġej, ħaj
4. 1v̄2i: ġieri, miexi
5. ie2v3: ieħor, iebes

- Il-parteċipju attiv jinqasam f'żewġ fergħat:
  1. *Stativi* li jinkludu l-aġġettivi jew in-nomi. Dawn ma juru l-ebda tip ta' moviment, bħal *kiesaħ, sieket, mielaħ, qares, safi, għali, dejjaq, mejjet* u *sajjem*.
  2. *Dinamiċi* li jinkludu l-verbi. Dawn juru moviment bħal *riesaq, sejjer, għaddej, ġej, miexi, tielaq, ħiereġ, dieħel, tiela'* u *nieżel*.
- Fil-parteċipju attiv hemm kriterji li bihom nistgħu nagħżlu l-parteċipji attivi aġġettivali minn dawk verbali. Vella (1997, p. 71–73) jagħtina l-ewwel ħamsa filwaqt li Spagnol (2009, p. 79–80) jagħtina l-aħħar tnejn. Il-kriterji huma:
  1. Il-plural jistabbilixxi ċerti forom tal-parteċipju attiv li ma jintużawx f'natura verbali. Il-plural miksur għandu x'jaqsam mal-forom b'sens nominali u aġġettivali. Eżempju: *ħares – iħirsa* u *ħakem – iħkma.*
  2. Mod sintattiku li jiċħad in-natura nominali u aġġettivali attribwiti lill-forma prinċipali għandu l-istruttura sintattika: *Artiklu + Nom + li + Parteċipju Attiv + Predikat.* Eżempju: *Ir-raġel li miexi, il-ġuvni li ħiereġ*.
  3. Mod sintattiku ieħor li jindika n-natura verbali tal-parteċipju attiv din id-darba hu marbut mal-aspett u għandu l-binja: *Pronom + u + Parteċipju Attiv + Predikat*. Eżempju: *Huwa u ħiereġ mid-dar*.
  4. L-aħħar mod sintattiku hu bl-istruttura *Artiklu + Nom + Parteċipju attiv*. Dan jeħtieġ l-użu tal-kopula biex l-istruttura tinħass komda. Eżempju: *ix-xita nieżla*.

5. It-tonalità li hi rappreżentata fl-ortografija bil-virgola fl-ordni sintattika *Marka Kondizzjonali + Partiċipju Attiv + Artiklu + Nom + Predikat*. Eż: *Jekk ħieles, il-bniedem ma għandux għalfejn imur il-ħabs.*
6. Il-partiċipju attiv aġġettivali jintuża f'pożizzjoni argumentali (eż. *inħasel bil-kiesaħ*) u bħala aġġettiv attributtiv bl-artiklu (eż. *il-ġebel il-wieqaf*). Mill-banda l-oħra dawn mhumiex applikabbli fuq il-partiċipju attiv li jesprimi l-progressiv, eżempju: **mar mal-<u>miexi</u>, *ir-raġel il-<u>ħiereġ</u>*.
7. Il-partiċipju attiv verbali jintuża għall-progressiv u jagħti aktar informazzjoni f'sentenza oħra. Din tkun magħmula minn pronom personali, konġunzjoni u l-partiċipju attiv, bħal *jiena u <u>nieżel</u> it-taraġ, rajt qattus abjad.* Il-partiċipju aġġettivali jaħdem bil-kontra ta' dan eżempju: **l-ilma, hu u <u>qieri</u>, għadda minn ġor-ramel.*

- It-transittività hi wkoll kriterju importanti fil-partiċipju attiv, li jitkellem fid-dettall fuqha Vella (2014). Vella (2014) ma jaqbilx ma' diversi kittieba li jiċħdu li l-partiċipju attiv jista' jissawwar minn verbi transittivi u fost il-kittieba jsemmi lil Aquilina u lil Vanhove. Vella jieħu din il-pożizzjoni għax hu kkonkluda li l-partiċipju attiv jista' jifforma kemm minn verbi intransittivi kif ukoll minn verbi transittivi. Debattista (2017, p. 175) ikompli jżid ma' Vella (2014) billi jikkonkludi li "għalkemm naqbel ma' Vella imma dan mhux biżżejjed minħabba li t-transittività ma tiddependix fuq x'inhu l-verb imma fuq is-sens partikolari tal-verb. Eżempju verb bħal *għadda* għandu tifsiriet intransittivi, eżempju *l-vann għadda mit-triq* li allura tieħu l-partiċipju attiv *il-vann għaddej*, imma sens differenti tal-istess verb, bħal *ommi tgħaddi l-qmis*, billi t-tifsira hawn hi transittiva, ma tiħux il-partiċipju attiv **ommi għaddejja l-qmis.*"

- L-aħħar punt hu li l-partiċipju attiv jesprimi l-progressiv bħalma jsostni Borg (1988). Dan ifisser li l-partiċipju attiv *miexi* qed jindika azzjoni li għadha qed issir fil-mument tat-taħdit (*ħija miexi mid-dar sal-iskola*). Madankollu, Spagnol (2009) jargumenta li permezz tal-partiċipju attiv nistgħu nfissru wkoll antiċipazzjoni ta’ ġrajja li se sseħħ fil-futur (*ħija tiela’ jistudja l-Ingilterra*). Cachia (1994) josserva possibbilità oħra li jekk mal-partiċipju attiv inżidu *għadu*, inkunu qed infissru għemil li sar ftit ilu, jiġifieri ġrajja li għadha kif seħħet (*Ġanni għadu ħiereġ mill-ħabs*).

### *3.2.7 Karl Scicluna, Saviour S. Aguis u Chris Giordano (2018)*

Scicluna et al. (2018) jispjegaw il-partiċipju attiv billi jaqsmuh fi tliet tipi:

- L-ewwel tip: Dan it-tip aktarx ikollu użu verbali jew aġġettivali, iżda jista’ jintuża bħala nom ukoll. Eżempju: daħal --> dieħel, dieħla, deħlin; miet --> mejjet, mejta, mejtin u ġera -->ġieri, ġierja, ġirjin.
- It-tieni tip: Dan it-tip ta’ partiċipju attiv aktarx jintuża bħala nom tal-ħaddiem, aġġettiv jew it-tnejn u huma dderivat mill-ewwel jew mit-tieni forma tilittera jew mill-forma prinċipali kadrilittera. Eżempju: gideb (I) --> giddieb, giddieba, giddibin, rebbaħ (II) --> rebbieħ, rebbieħa, rebbiħin u ħabrek --> ħabriek, ħabrieka, ħabrikin.
- It-tielet tip: Dan it-tip ta’ partiċipju jinbena biż-żieda tas-suffissi. L-aktar li jintuża huwa għan-nom tal-aġent imma jista’ jintuża għall-aġġettivi f’ċertu sitwazzjonijiet. Eżempju: applikant --> applikant, applikanta, applikanti; editja --> editur, editriċi, edituri u ġurnal --> ġurnalist, ġurnalista, ġurnalisti.

### *3.2.8 Il-konklużjoni*

F'din it-taqsima tajt ħarsa lejn studjużi u grammatiċi differenti li studjaw jew kitbu dwar il-parteċipju attiv fil-Malti. B'mod ġenerali bdejt minn dak li stqarr Aquilina (1979), imbagħad spiċċajt bl-aktar xogħol riċenti li hu ta' Scicluna et al. (2018).

# 4. Il-Metodoloġija

Ir-riċerka dwar it-tagħlim tal-parteċipju attiv Semitiku fil-Malti bħala Lingwa Barranija għadha fil-fażi inizjali tagħha minħabba li nsibu nuqqas kbir ta' studju dettaljat dwarha. Għalhekk iddeċidejt li nistudja din l-idea kemm permezz tal-Malti miktub fil-korpus b'enfasi fuq il-'Ġabra' kif ukoll billi nibni diversi riżorsi dwar dan is-suġġett. Dan il-kapitlu jinqasam f'żewġ kategoriji prinċipali:

- L-ewwel parti tittratta l-aspett tal-korpus tal-Malti, il-'Ġabra' u t-tipi differenti ta' żbalji li sibt waqt li kont qed nikkoreġi l-verbi.
- It-tieni parti tagħti ħarsa b'mod wiesa' lejn il-proċess ta' kif ħloqt ir-riżorsi tal-parteċipju attiv verbali semitiku.

## 4.1 Il-korpus u l-proġett MaltiTek

### *4.1.1 X'inhu l-korpus?*

Crystal (1985), fid-dizzjunarju tal-lingwistika, jiddefinixxi l-kelma 'korpus' bħala kollezzjoni miġbura ta' diversi testi li jvarjaw minn dokumenti kbar sa traskrizzjonijiet ta' diskors rekordjat li l-użu primarju tagħhom hu biex iservu bħala l-punt tat-tluq għar-riċerka fil-qasam tal-lingwistika ta' dik il-lingwa partikolari. Crystal (1985) jispjega li dawn it-testi ġejjin minn kull qasam tal-ħajja u jvarjaw minn testi akkademiċi, testi letterarji, testi reliġjużi, kitbiet mill-gazzetti, bloggs, u l-bqija.

Bl-istess ħsieb, Bennet (2010) tispjega li l-korpus huwa ġabra ta' testi ta' lingwa partikolari li huma maħżuna f'sit elettroniku. Dan iwassal għall-punt li l-użu tal-kompjuter

huwa fundamentali biex mistoqsijiet bażiċi dwar il-lingwa jkunu mistħarrġa aħjar u b'aktar faċilità. Dan jintuża kemm mill-grammatiċi, lessikografi, lingwisti u kelliema nattivi li jkunu jridu jiskopru jew jistudjaw qasam partikolari fil-lingwa tagħhom. Peress li fil-korpus hemm miġbur ħafna mill-kliem ta' lingwa partikolari, dan għandu l-funzjoni ta' dizzjunarju. Għalhekk wieħed jista' jgħid li huwa forma differenti minn dizzjunarju tradizzjonali, imma l-korpus għandu ħafna aktar benefiċċji x'joffri. Il-korpus mhux dejjem jinkludi testi sħaħ imma jista' jinkludi wkoll biċċiet li huma kapjuni minn testi ferm akbar.

Deignan (2005) tagħmel distinzjoni ċara bejn *korpus magħluq* li hu korpus li jingħalaq meta jilħaq numru sostanzjali ta' testi filwaqt li *korpus online* jibqa' eventwalment aktar ħaj. Hemm diversi lingwi li għandhom il-korpus tagħhom, fosthom l-Ingliż li għandu l-korpus tiegħu bl-isem BNC – British National Corpora, li fih testi kemm sħaħ kif ukoll biċċiet minn testi diversi. Il-Malti wkoll għandu l-korpus tiegħu li hu l-MLRS, li fih diversi testi u kampjuni minn dokumenti differenti.

#### *4.1.2 Il-korpus tal-Malti u l-'Ġabra'*

Gatt, Rosner u Pace (2014) fil-ħarġa *Think* jibdew l-artiklu tagħhom billi jiddeskrivu konklużjoni maħruġa mir-rapport META-NET. Dan ir-rapport jikkonkludi li sa ftit ta' żmien ilu l-Malti kien meqjus bħala lingwa li qiegħda fil-periklu li tispiċċa mid-dinja virtwali minħabba n-nuqqas kbir li hemm ta' riżorsi diġitali f'din il-lingwa.

Aktar ma jgħaddi żmien aktar it-teknoloġija qed ikollha rwol importanti fil-ħajja tagħna. Il-ħajja teknoloġika wkoll qed taffettwa b'mod konkret l-esperjenza akkademika ta' kull student anke meta jidħol it-tagħlim tal-Malti. Dan it-tibdil jidher kollu permezz tad-dizzjunarju online, il-korpus u l-'Ġabra'.

Gatt (2013, p. 4) ukoll jagħti definizzjoni ta' x'inhu korpus meta jgħid li hu "kollezzjoni ta' testi (sew jekk huma miktuba, kif ukoll jekk huma traskrizzjonijiet ta' taħdit), ġeneralment ta' daqs kemxejn kbir, li wieħed jista' juża biex ifittex kliem jew frażijiet, kif ukoll sekwenzi ta' kategoriji grammatikali (pereżempju, sekwenzi differenti ffurmati minn aġġettiv u nom)." Il-korpus tal-Malti (MLRS – Maltese Language Resourse Server) huwa proġett immexxi mid-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-Istitut tal-Lingwistika fl-Università ta' Malta. Dan il-proġett issawwar ħalli jgħin aktar lill-istudenti fl-istħarriġ li jkunu qed jagħmlu dwar il-lingwa Maltija. B'hekk it-tiftixa ma tibqax issir aktar b'mod manwali u bl-għajnuna ta' dan il-programm ir-riċerkatur se jkollu riżultat malajr, wara ftit sekondi.

Minn żmien għal żmien, bħal kull riżorsa diġitali oħra, il-korpus tal-MLRS ukoll jgħaddi minn diversi innovazzjonijiet. L-ewwel verżjoni kienet tinkludi ġabra ta' madwar 100 miljun kelma minn diversi oqsma differenti filwaqt li fit-tieni verżjoni kien hemm żvilupp ta' madwar 125 miljun kelma. F'din il-verżjoni, Gatt (2013) jistqarr li kull kelma, numru jew simbolu fit-test jintrabtu ma' tabella li tindika l-kategorija grammatikali. Fl-2016 il-korpus tal-Malti għadda mill-aħħar innovazzjoni li fiha ġiet imnedija t-tielet edizzjoni. Din l-estensjoni kompliet iżżid l-ammont ta' kliem għal 250 miljun kelma kif ukoll in-numru ta' kampjuni tela' għal 253,063 kelma. Fil-korpus hemm it-tokens li, skont Gatt (2013, p. 5) dawn huma "sekwenzi ta' simboli li għandhom funzjoni unitarja f'test miktub, sew jekk hija kelma, numru, punteġġjatura jew simbolu ieħor."

| Qasam | Numru ta' tokens |
|---|---|
| Testi akkademiċi u xjentifiċi | 683,919 |
| Stampa: Aħbarijiet kulturali | 761,317 |
| Liġijiet Ewropej | 22,821,688 |
| Liġijiet Maltin | 6,149,850 |
| Testi ta' letteratura u kritika | 1,882,985 |
| Aħbarijiet kurrenti | 89,235,823 |
| Artikli ta' opinjoni u bloggs | 6,468,544 |
| Dokumenti u dibattiti parlamentari | 119,733,592 |
| Testi reliġjużi | 439,939 |
| Stampa: Aħbarijiet sportivi | 1,079,198 |

Tabella 3: Il-kompożizzjoni tal-kliem fil-korpus verżjoni 3
Sors: Dr Albert Gatt (komunikazzjoni personali, 2017)

F'parti mill-korpus tal-Malti nsibu l-'Ġabra.' Hekk kif kiteb Camilleri (2013) fis-sit elettroniku tal-'Ġabra' biex jiddeskriviha, jistqarr li din hija proġett li beda jinbena bil-mod fl-

2013 bħala parti mir-riċerka tal-Masters tiegħu. Camilleri (2013) ikompli jsostni li l-'Ġabra' hija kollezzjoni ta' kliem li ġej minn diversi riżorsi differenti li finalment jingħaqad f'sistema kompjuterizzata waħda. Sfortunatament qabel, il-'Ġabra' kienet miżmuma b'namur lejn il-lingwa Maltija u ftit li xejn kienu jagħmlulha tiġdid fis-sistema, sakemm fl-2015 dan il-proġett beda jingħata aktar importanza u l-għajnuna kollha meħtieġa mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti kif ukoll mill-Università ta' Malta.

Dan ix-xogħol ta' aġġornament fuq dan il-proġett għadu għaddej u se jibqa' għaddej sakemm eventwalment xi darba jkun hemm il-lessiku kollu b'mod aġġornat li għandu x'jaqsam mal-Malti. Madanakollu, s'issa l-'Ġabra' tikkonsisti f'16,593 entrata u 4,514,450 forma inflettiva ta' kliem. Ħafna minn dan il-kliem huwa marbut mal-għerq, jinkludi traduzzjoni għall-Ingliż u huwa mmarkat b'numru varjat ta' karatteristiċi morfoloġiċi.

L-ewwel parti sostanzjali tar-riċerka tiegħi kienet li nkompli ngħin biex dan il-lessiku jkompli jiġi aġġornat. Fl-analiżi tiegħi, analizzajt u kkoreġejt fejn kien hemm bżonn il-familji kollha marbuta mal-parteċipju attiv Semitiku verbali biex eventwalment, aktar 'il quddiem, jiġu miżjuda b'mod korrett fis-sistema kompjuterizzata tal-'Ġabra.' Dan kollu huwa parti minn proġett bl-isem ta' MaltiTek (ara Appendiċi 2).

L-ammont ta' familji li kelli nanalizza kien ta' għaxra, u dawn huma l-familji tal-parteċipji attivi verbali Semitiċi: *riesaq, miexi, għaddej, dieħel, ħiereġ, ġie, sejjer, tiela', nieżel* u *tielaq*. Dan il-proġett huwa ta' għajnuna wkoll għal kull għalliem minħabba li 'l quddiem, l-għalliema jistgħu jirreferu għall-'Ġabra' biex jaraw il-familja kollha ta' dawn il-parteċipji attivi fil-forma korretta u jistgħu juruhom ukoll lill-istudenti fil-klassi waqt il-lezzjoni tal-

grammatika marbuta mal-parteċipju attiv Semitiku verbali. Dan kollu qiegħed isir ħalli dejjem nillimitaw il-possibilità tal-iżbalji ortografiċi u l-inċertezzi.

### *4.1.3 Sehmi fil-MaltiTek*

Matul din il-ħidma kien hemm kallobrazzjoni sħiħa ma' Dr Borg mid-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-Università ta' Malta minħabba li hi assistietni tul din il-biċċa xogħol. Wara li ddeċidejt liema verbi xtaqt naħdem fuqhom infurmajt lil Dr Borg u hi provdietli l-familja kollha ta' kull verb. Kull verb kien jikkonsisti f'sitt dokumenti li jinkludu: l-imperattiv pożittiv, l-imperattiv negattiv, l-imperfett pożittiv, l-imperfett negattiv, il-perfett pożittiv u l-perfett negattiv. Ma' dawn id-dokumenti kelli nżid dokument ieħor, li fih żidt il-parteċipju attiv u l-parteċipju passiv minħabba li fil-'Ġabra' dawn kienu neqsin. B'kollox kull verb kien jammonta għal madwar 1,158 kelma u biex iffinalizzajt din il-ħidma domt 200 siegħa. Fl-aħħar bgħatthom lil Dr Borg lesti u kkoreġuti biex tkun tista' żżidhom fil-'Ġabra.'

Kien hemm diversi żbalji li ridt noqgħod attent għalihom. Ħafna mill-iżbalji huma maħluqa mis-sistema tal-kompjuter minħabba li dan il-kliem huwa ġġenerat b'mod awtomatiku minnu stess. L-aktar żball komuni li sibt preżenti fil-verbi kollha huwa li l-ispazji li suppost huma vojta minħabba li kemm grammatikalment u anke fit-taħdit dawn mhumiex possibbli, xorta waħda kienu mimlija. Hawn qed nirreferi għat-tieni persuna singular u għat-tieni persuna plural meta jerġgħu jinflettu mat-tieni persuna singular jew mat-tieni persuna plural. Verbi bħal inti 'tersaqlek', 'tersaqilkom' u 'tgħaddukom' kollha kellhom jiġu eliminati.

| | Qabel | | Wara | |
|---|---|---|---|---|
| | A | H | A | H |
| 1 | Subject | DO p2 pl | Subject | DO p2 pl |
| 2 | p1 sg | ngħaddikom | p1 sg | ngħaddikom |
| 3 | p2 sg | tgħaddikom | p2 sg | |
| 4 | Sp3sgm | jgħaddikom | Sp3sgm | jgħaddikom |
| 5 | Sp3sgf | tgħaddikom | Sp3sgf | tgħaddikom |
| 6 | Sp1pl | ngħaddukom | Sp1pl | ngħaddukom |
| 7 | Sp2pl | tgħaddukom | Sp2pl | |
| 8 | Sp3pl | jgħaddukom | Sp3pl | jgħaddukom |

Żball komuni ieħor kien li kliem li jiġi dderivat minn xi forma oħra tal-verb li mhijiex l-ewwel forma kelli neliminahom. Dan minħabba li jiena kont qed niffoka fuq l-ewwel forma tal-verb biss. Fost il-verbi li kellhom dan l-iżball insibu *għadda*, *mar*, *mexa*, *niżel* u *resaq*. Hekk ukoll meta l-verbi kellhom *–na* jew *–ha* bħala pronom dirett, il-vokali *a* ma kinitx mibdula f'*ie* fil-'Ġabra', bħal ngħidu aħna *tlajnahom* (minflok *tlajniehom*) u *jitlaqhalek* (minflok *jitlaqhielek*). Dan il-każ deher ukoll fil-'Ġabra' fil-forma tan-negattiv, fi kliem bħal *mexihulhax* (minflok *mexihulhiex)* u *tinżlunax* (minflok *tniżluniex*).

| | Qabel – Pożittiv a ---> a | | Wara – Pożittiv a ---> ie | |
|---|---|---|---|---|
| | A | Y | A | Y |
| 1 | Subject | DO p3 sg f IO p2 sg | Subject | DO p3 sg f IO p2 sg |
| 2 | p1 sg | nitlaqhalek | p1 sg | nitlaqhielek |
| 3 | p2 sg | titlaqhalek | p2 sg | |
| 4 | Sp3sgm | jitlaqhalek | Sp3sgm | jitlaqhielek |
| 5 | Sp3sgf | titlaqhalek | Sp3sgf | titlaqhielek |
| 6 | Sp1pl | nitilquhalek | Sp1pl | nitilquhielek |
| 7 | Sp2pl | titilquhalek | Sp2pl | |
| 8 | Sp3pl | jitilquhalek | Sp3pl | jitilquhielek |

| | Qabel – Negattiv a ---> a | | Wara – Negattiv a ---> ie | |
|---|---|---|---|---|
| | A | G | A | G |
| 1 | Subject | DO p1 pl | Subject | DO p1 pl |
| 2 | p2 sg | tinżelna | p2 sg | |
| 3 | Sp2pl | tinżlunax | Sp2pl | tinżluniex |

Nuqqas ieħor huwa li xi kliem kellu vokali żejda jew irduppjata. Insibu kliem bħal *tiġiilek* (minflok *tiġilek*), *jimxiilkom* (minflok *jimxilkom*) u *nimxuu* (minflok *nimxuh*), li dawn poġġejthom fil-forma korretta peress li hemm l-istess vokali doppja fl-oġġett indirett jew fl-

oġġett dirett. Simili ta' dan kien hemm xi kliem li kellu vokali differenti doppja bħal *nitilgħuek* (minflok nitilgħuk), *niġiekx* (minflok *niġikx*) u *niġiux* (minflok *niġihx*) li wkoll kelli nbiddilhom.

| | Qabel – Pożittiv Vokali doppja | | Wara – Pożittiv Vokali mhux doppja | |
|---|---|---|---|---|
| | A | K | A | K |
| 1 | Subject | IO p2 sg | Subject | IO p2 sg |
| 2 | p1 sg | niġiilek | p1 sg | niġilek |
| 3 | p2 sg | tiġiilek | p2 sg | |
| 4 | Sp3sgm | jiġiilek | Sp3sgm | jiġilek |
| 5 | Sp3sgf | tiġiilek | Sp3sgf | tiġilek |
| 6 | Sp1pl | niġulek | Sp1pl | niġulek |
| 7 | Sp2pl | tiġulek | Sp2pl | |
| 8 | Sp3pl | jiġulek | Sp3pl | jiġulek |

| | Qabel – Negattiv Vokali żejda | | Wara – Negattiv Vokali mhux żejda | |
|---|---|---|---|---|
| | A | D | A | D |
| 1 | Subject | DO p2 sg | Subject | DO p2 sg |
| 2 | p1 sg | niġiekx | p1 sg | niġikx |
| 3 | p2 sg | tiġiekx | p2 sg | |
| 4 | Sp3sgm | jiġiekx | Sp3sgm | jiġikx |
| 5 | Sp3sgf | tiġiekx | Sp3sgf | tiġikx |
| 6 | Sp1pl | niġuekx | Sp1pl | niġukx |
| 7 | Sp2pl | tiġuekx | Sp2pl | |
| 8 | Sp3pl | jiġuekx | Sp3pl | jiġukx |

F'xi wħud mill-verbi kelli nuża wkoll is-sistema tal-mudelli minħabba li meta jkun hemm il-preżenza tal-konsonanti 'għ' hemm tendenza li l-iżbalji jkunu aktar frekwenti. F'ħafna mill-kliem din il-konsonanti kienet nieqsa bħal *titlailna* (minflok *titlagħilna*) u *jitlailna* (minflok *jitlagħilna*). Hekk ukoll kien hemm każijiet meta l-*għ* tkun għadha mmarkata bl-appostrofu bħal *nitla'lek* (minflok *nitlagħlek*), *tela'li* – (minflok *telagħli*) u *itla'hom* – (minflok *itlagħhom*).

| | Qabel Mingħajr 'għ' | | Wara Bil-'għ' | |
|---|---|---|---|---|
| | A | N | A | N |
| 1 | Subject | IO p1 pl | Subject | IO p1 pl |
| 2 | p1 sg | | p1 sg | |
| 3 | p2 sg | titlailna | p2 sg | titlagħilna |
| 4 | Sp3sgm | jitlailna | Sp3sgm | jitlagħilna |
| 5 | Sp3sgf | titlailna | Sp3sgf | titlagħilna |
| 6 | Sp1pl | | Sp1pl | |
| 7 | Sp2pl | titilgħulna | Sp2pl | titilgħulna |
| 8 | Sp3pl | jitilgħulna | Sp3pl | jitilgħulna |

| | Qabel ' ---> ' | | Wara ' ---> għ | |
|---|---|---|---|---|
| | A | J | A | J |
| 1 | Subject | IO p1 sg | Subject | IO p1 sg |
| 2 | p1 sg | | p1 sg | |
| 3 | p2 sg | tlajtli | p2 sg | tlajtli |
| 4 | Sp3sgm | tela'li | Sp3sgm | telagħli |
| 5 | Sp3sgf | telgħetli | Sp3sgf | telgħetli |
| 6 | Sp1pl | | Sp1pl | |
| 7 | Sp2pl | tlajtuli | Sp2pl | tlajtuli |
| 8 | Sp3pl | telgħuli | Sp3pl | telgħuli |

L-aħħar tip ta’ bidla li kelli nagħmel kienet il-bidla vokalika li tkun qed tiġi kkondizzjonata mill-armonija vokalika. Dan minħabba li f’xi kliem l-armonija vokalika ma kinitx taqbel u b’hekk kelli nindirazzaha wkoll. Fost dan il-kliem insibu *ninżelhomlhom* (minflok *ninżilhomlhom*), *tinżellu* (minflok *tinżillu*) u *morthomlek* (minflok *morthomlok*).

| **Qabel**<br>**i ---> e** | | | **Wara**<br>**i ---> i** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | A | L | | A | L |
| 1 | Subject | IO p3 sg m | 1 | Subject | IO p3 sg m |
| 2 | p1 sg | ninżellu | 2 | p1 sg | ninżillu |
| 3 | p2 sg | tinżellu | 3 | p2 sg | tinżillu |
| 4 | Sp3sgm | jinżellu | 4 | Sp3sgm | jinżillu |
| 5 | Sp3sgf | tinżellu | 5 | Sp3sgf | tinżillu |
| 6 | Sp1pl | ninżlulu | 6 | Sp1pl | ninżlulu |
| 7 | Sp2pl | tinżlulu | 7 | Sp2pl | tinżlulu |
| 8 | Sp3pl | jinżlulu | 8 | Sp3pl | jinżlulu |

## 4.2 Ir-riżorsi

Wara li ddiskutejt sehmi fil-proġett MaltiTek issa jmiss li niddiskuti l-proċess ta’ kif ħloqt ir-riżorsi. Se nibda billi l-ewwel nispjega l-proċess tal-etika mbagħad ngħaddi għall-metodoloġija pedagoġika li applikajt tul il-ħidma tiegħi. Aktar ’il quddiem se niddiskuti t-tipi differenti ta’ evalwazzjonijiet li qgħadt attent għalihom tul dan il-proċess. Fl-aħħar parti nikkonkludi billi nitkellem dwar il-pakkett tar-riżorsi tiegħi u dak kollu li jinkludi fih.

### *4.2.1 L-etika*

F’din it-teżi, ir-riżorsi ma kinux implimentati la fil-klassi u lanqas ma kien hemm xi tip ta’ komunikazzjoni ma’ adulti bħal għalliema jew kapijiet tal-iskola. Għalhekk, aktar ’il quddiem mhu se jkun hemm l-ebda tip ta’ analiżi fuq id-data miġbura mingħand xi individwi li jistgħu jużaw dawn ir-riżorsi fil-ġejjieni. Din it-tip ta’ analiżi mal-individwi ma saritx minħabba li kif spjegajt aktar qabel f’dan il-kapitlu, il-ħolqien tar-riżorsi kellu jirrikjedi ħafna ħidma

lingwistika fl-ewwel parti tar-riċerka, eżattament fil-parti tal-'Ġabra'. Dan kollu juri li l-proċeduri tal-etika li jipproteġu l-umani għal din it-teżi ma kinux meħtieġa (ara Appendiċi 3).

Mill-banda l-oħra, l-aspett tal-etika ġie implimentat waqt il-ħolqien tar-riżorsi minħabba li matul din il-ħidma xorta waħda kelli nimxi ma' prinċipji fundamentali. Resnik (2011) jispjega li l-etika meta qed tiġi applikata fir-riċerka tinkludi dawk l-istrateġiji li kull riċerkatur irid joqgħod attent għalihom, mill-bidu sal-aħħar fażijiet tal-istudju li jkun qed iwettaq. Permezz ta' dawn l-istrateġiji, l-informazzjoni miġbura tkun aktar rispettata, onesta, kompluta u ta' kwalità.

Gatt, f'Camilleri Grima u Portelli (2017), jistqarr li sabiex l-edukazzjoni tibqa' effettiva jeħtiġilha timxi mad-dinja ta' barra. Dan kien l-ewwel pass li ħadt ħsieb li nżomm f'moħħi tul din il-ħidma. Minħabba f'hekk ħloqt riżorsi kemm tradizzjonali kif ukoll teknoloġiċi biex lill-istudenti nkun qed nirrelatahom aktar mad-dinja tal-informatika li huma jgħixu daqstant fiha. F'dawn iż-żewġ tipi ta' riżorsi applikajt diversi karatteristiċi relatati mal-etika.

Cohen et. al (2006) jenfasizzaw dwar l-importanza li għandha l-etika u li din trid tkun imdaħħla kif ukoll ikkunsidrata qabel ma r-riċerkatur jibda l-proċedura tar-riċerka tiegħu. Hemm aktar kunċetti li kelli noqgħod attent għalihom waqt il-ħolqien tal-pakkett tar-riżorsi tiegħi, fosthom il-preċiżjoni, ir-relevanza u kemm ir-riżorsi huma adatti għall-kuntest speċifiku li se jintużaw fih. Kull riżorsa ħadt ħsieb li tkun preċiża fis-sustanza u l-preżentazzjoni tagħha. Għalhekk minħabba l-fatt li dawn ir-riżorsi se jintużaw minn studenti li ma għandhomx profiċjenza kbira fil-Malti ħadt ħsieb li napplika struttura bażika u lingwaġġ ċar ħalli b'hekk ir-riżorsi jinftiehmu b'aktar faċilità.

Waqt il-ħidma ta' dawn ir-riżorsi kont ċert li r-riżorsi huma adattabbli minħabba li kull għalliem għandu għażla vasta ta' riżorsi minn fejn jista' jagħżel biex b'hekk juża dik ir-riżorsa li tgħodd l-aktar għall-istudenti tiegħu. Jekk l-għalliem xorta waħda jħoss li għandu jadatta r-riżorsi tiegħu biex jilħaq aktar l-għan tal-lezzjoni, jista' jagħmel dan ukoll minħabba li jiena ħallejt spażju biżżejjed ħalli l-għalliem stess ikun jista' jirranġa u jbiddel ir-riżorsa skont il-ħtiġijiet tal-istudenti u tal-klassi tiegħu. Dan il-punt ukoll wassalni biex bħala prinċipji nagħti kas li r-riżorsi jkunu aċċessibbli u li kull waħda għandha x'taqsam mas-suġġett u mal-għan li rrid nilħaq permezz ta' dik ir-riżorsa speċifika. B'hekk għal kull riżorsa kelli noqgħod attent u nistudja sew x' tip ta' materjal se nuri bħala stampi, vidjows, kuluri, tipa, u d-disinn tal-isfond, fost l-oħrajn. Hekk ukoll fihom ridt nirrispetta d-diversità li hemm fil-klassi ħalli ħadd ma jħossu skomdu jew offiż b'dak li nkun ippreżentajt fil-klassi. Meta l-istudenti jħossuhom offiżi jew irrabjati bil-materjal li qed jiġi ppreżentat fil-klassi jistgħu jitħawdu u ma jagħtux il-massimu tagħhom fit-tagħlim, u b'hekk il-lezzjoni ma tkunx ta' suċċess (Woolfolk, 2016). Għalhekk kelli noqgħod attent ħafna għal dan il-punt peress li f'kull klassi d-diversità hija dejjem preżenti. L-istudenti jinterpretaw u jħarsu lejn id-dinja ta' madwarhom skont l-isfond kulturali, reliġjuż u soċjali li huma jħaddnu.

Permezz ta' dawn il-karatteristiċi tal-etika dejjem ħarist li r-riżorsi jkunu mill-aktar effiċjenti u jservu ta' aktar għajnuna għall-għalliema. B'dan il-mod isibuha aktar faċli li jiġbdu l-attenzjoni tal-istudenti, it-tagħlim ikun aktar interessanti u tiżdied aktar l-interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti.

### *4.2.2 Metodoloġija pedagoġika*

Prinċipju ewlieni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali huwa li jippromwovi l-metodu tat-tagħlim li fih l-istudent huwa dejjem fiċ-ċentru ħalli b'hekk inrawmu studenti attivi waqt il-proċess

edukattiv tagħhom (NCF, 2012, p. 32). Dan ukoll huwa rifless fil-Qafas tal-Kisbiet mit-Tagħlim li fih hemm kisbiet maħluqa b'mod ewlieni ħalli jkomplu jassiguraw li l-istudenti huma fiċ-ċentru tat-tagħlim.

Hemm diversi studjużi li jiddiskutu din it-tip ta' pedagoġija, fosthom Rousseau. Rousseau jargumenta li l-edukazzjoni m'għandhiex x'taqsam mal-għanijiet tal-għalliema imma l-kunċett ewlieni huwa li l-istudenti jkomplu jimmaturaw permezz tat-tagħlim (Gray et al., 2015). Għalhekk il-protagonisti fit-tagħlim ma għandhomx ikunu l-għalliema imma t-tagħlim għandu dejjem jibda mill-esperjenza tal-istudenti. L-irwol tal-għalliema ma għandux ikun li jiddettaw u jisfurzaw lill-istudenti biex jitgħallmu imma għandhom joħolqu r-riżorsi, is-sitwazzjonijiet u l-ambjenti addattati li fihom l-istudenti jkunu jistgħu jimxu 'l quddiem. Rausseau jistqarr li sabiex l-istudenti jkunu tassew fiċ-ċentru tat-tagħlim tagħhom, hija ħaġa kruċjali li huma jaħsbu u jaslu għat-tweġibiet huma stess u mhux l-għalliema jagħtuhom it-tweġibiet mill-ewwel (Gray et al., 2015). L-istudenti jridu jfittxu t-tagħlim u f'dan il-waqt l-għalliema għandhom jakkumpanjawhom u joffru l-għajnuna tagħhom kull meta jkun hemm bżonn.

Hirsch (1996) ikompli jistqarr li l-għan ewlieni tal-edukaturi llum il-ġurnata għandu jkun li jgħinu lill-istudenti jsiru ħassieba kritiċi, jiġifieri li jkunu kapaċi jaħsbu b'mod indipendenti meta jiltaqgħu ma' diffikultajiet li mhumiex familjari magħhom. Dan iwassalhom biex jitgħallmu jsibu s-soluzzjoni u jkunu aktar konxji ta' kif huma għandhom jitgħallmu. B'dan il-mod l-iskejjel ikunu qed iġibu lill-istudenti konxji tal-bżonn li jkomplu jitgħallmu tul il-ħajja.

Ħassieb ieħor li jitkellem dwar din it-tip ta' pedagoġija huwa Dewey (1986). Dewey ukoll jemmen li l-istudenti għandhom ikunu fiċ-ċentru tat-tagħlim tagħhom biex huma jikbru

fl-esperjenza edukattiva tagħhom (1986). Bid-differenza ta' Rousseau (Gray et al., 2015), Dewey (1986) jemmen li t-tagħlim irid isir fil-komunità tal-klassi konġunta ma' dak li qed isir fid-dinja ta' barra. Dawn it-tnejn waqt it-tagħlim importanti li jkunu sinkronizzati flimkien minħabba li l-istudenti jitgħallmu l-aħjar meta jkun hemm relazzjoni u kontinwazzjoni bejn dak li qed jesperjenzaw fl-iskola u dak li qed jesperjenzaw id-dar jew fid-dinja 'l barra mill-iskola. Fil-prinċipju tiegħu, Dewey ukoll mexxa l-ħsieb li biex l-istudenti jkunu fil-qofol tat-tagħlim tagħhom, l-aktar ħaġa li hija importanti hija l-iżvilupp tal-istudenti u mhux l-għarfien jew l-għanijiet li jridu jilħqu l-għalliema. Fil-fatt, skont Dewey (1986), l-edukazzjoni għandha x'taqsam mal-iżvilupp.

Punt ieħor li jisħaq fuqu l-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali (2012) huwa li t-tagħlim li qed jirċievu l-istudenti jrid jgħinhom ħalli jiffunzjonaw fil-ħajja ta' kuljum. Dan ifisser li l-istudenti ma għandhomx biss jitgħallmu l-lingwa għal skop ta' eżami imma dan ħandu jsir biex huma jkun jistgħu jikkomunikaw u jinftiehmu minn ċittadini oħra fl-istess pajjiż anke ġaladarba jispiċċaw l-iskola. Dan huwa meħtieġ għax bis-saħħa t'hekk inkunu nistgħu ngħixu aħjar flimkien. Widdowson (1978) jispjega l-approċċ komunikattiv (communicative approach) waqt it-tagħlim jagħti importanza kbira li l-istudenti għandhom jitgħallmu l-lingwa billi jsaħħu l-abbiltà tagħhom fil-mod ta' kif jikkomunikaw u mhux biss jakkwistaw għarfien dwar ir-regoli u strutturi formali tal-grammatika. Hymes (1972) tkompli tgħid li l-għarfien tal-lingwa ma jfissirx biss li l-istudenti jkunu kapaċi jistrutturaw sentenzi grammatikali imma wkoll li jkunu kapaċi jużawhom fl-aspett komunikattiv tagħhom kif suppost. Sabiex l-għalliem japplika dan il-metodu tal-approċċ komunikattiv, l-istudenti jridu jkunu ppreżentati b'sitwazzjonijiet mill-aktar realistiċi u soċjalment kuntestwalizzati.

Howatt (1984) timplika li l-aħjar mod ta' kif għandha tiġi mgħallma lingwa huwa permezz ta' diversi attivitajiet li fihom l-istudenti jiffukaw fuq it-tifsir u l-aspett komunikattiv ta' dak li jkun qiegħed jingħad. Dan it-tip ta' approċċ jimmotiva wkoll lill-għalliema biex waqt il-lezzjonijiet tagħhom jagħmlu użu mit-tieni approċċ, l-approċċ msejjes fuq it-taħriġ awtentiku (Tasked-Based Approach). Dan l-approċċ jenfasizza li li l-aħjar mod ta' kif għandha tiġi mgħallma l-lingwa huwa billi jsiru attivitajiet interessanti li fihom l-istudenti qed jingħataw għan li jridu jilħqu. Dan l-għan irid jirrifletti u jkun simili ta' dak li se jiltaqgħu miegħu l-istudenti fid-dinja 'l barra mill-iskola. Nunan (2006) jistqarr li hemm tipi differenti ta' ħidmiet li l-istudenti jistgħu jagħmlu tul l-attivitajiet imma l-enfasi fihom irid ikun li l-istudenti jifhmu dak li qed jingħad u jikkomunikaw ma' xulxin minflok jiffukaw biss fuq forom grammatikali.

Għalhekk waqt il-ħolqien tar-riżorsi dejjem żammejt f'moħħi dawn it-tipi ta' pedagoġiji li fuqhom huma bbażati r-riżorsi. Dan minħabba li wieħed mill-għanijiet tar-riżorsi minbarra li nagħmilhom interattivi kien li nżomm lill-istudenti dejjem fiċ-ċentru tat-tagħlim. Apparti minn hekk, l-approċċi l-oħra għenuni noħloq riżorsi li jkunu effettivi għall-ħajja reali tal-istudenti. Permezz ta' dawn il-ħsibijiet l-istudenti se jkunu aktar inkuraġġuti biex jitgħallmu kif ukoll jipparteċipaw b'mod sħiħ. Dan kollu jkompli jagħmilhom studenti aktar responsabbli tat-tagħlim tagħhom.

**4.3 Il-ħolqien tar-riżorsi**

Id-dokument maħruġ mill-Ministeru tal-Edukazzjoni ta' Saskatchewan (2013) jinkludi lista ta' kriterji li jridu jingħataw l-importanza mistħoqqa waqt li l-għalliema jew l-istaff akkademiku b'mod ġenerali jkunu qed jagħmlu evalwazzjoni tar-riżorsi li se jintużaw waqt it-tagħlim. Fost

il-kriterji ta' evalwazzjoni li jinkludi dan id-dokument insibu l-kontenut, il-konsiderazzjonijiet soċjali, id-disinn strutturali u d-disinn tekniku.

Dawn il-fatturi għandhom jingħataw l-istess importanza u jridu jittieħdu f'konsiderazzjoni li se jintużaw mal-udjenza li hemm f'dik il-klassi partikolari. Ir-riżorsi minbarra li jridu jkunu ta' kwalità hekk ukoll iridu jkunu maħluqa b'mod intelliġenti biex jaqdu l-bżonnijiet tat-tagħlim tal-istudenti.

### *4.3.1 Il-kontenut*

Dwar l-evalwazzjoni tar-riżorsi li għandha x'taqsam mal-kontenut, wieħed jista' jiddetermina kemm dak li hemm f'kull riżorsa huwa kurrenti, preċiż u awtentiku imma fuq kollox relevanti mal-kisbiet mit-tagħlim li l-istudenti jridu jilħqu li hemm indikati fil-kurrikulu (Ministeru tal-Edukazzjoni, 2002, p. 13). Eżempju ta' dan jidher fir-riżorsa numru 2 minħabba li waqt li ħloqt l-istorja qasira żammejt mal-affarijiet li l-istudenti normalment iħobbu jagħmlu l-aktar, bħall-ħruġ u d-divertiment ma' sħabhom u x-xiri tal-ħwejjeġ, dejjem fil-kuntest Malti. Hekk ukoll fir-riżorsa numru 12, biex ngħin aktar lill-istudenti fit-taħdit tagħhom ukoll tajt kas tal-aktar temi rikorrenti u għal qalb l-istudenti b'mod ġenerali. Għalhekk iddeċidejt li nuża t-tema tal-ikel, tal-annimali u dik tas-safar.

Sabiex riżorsa tkun preċiża u fl-istess ħin effettiva biex l-istudenti jitgħallmu lingwa barranija, importanti li l-kontenut ma jkunx fih żbalji tal-ortografija jew dawk grammatikali, l-istampi jridu jkunu jaqblu mal-kliem, u l-informazzjoni trid tkun imqassma b'mod intelliġenti. Għalhekk, waqt li kont qed noħloq ir-riżorsi tiegħi, fejn kien possibbli dejjem użajt sentenzi qosra u diretti imma wkoll il-vokabulajru magħżul kien wieħed sempliċi. Eżempju ta' dan jidher fir-riżorsi 2, 3, 7 u 9 fost l-oħrajn.

L-effettività fir-riżorsi ħadt ħsieb li tidher ukoll fl-għażla tal-immaġni, tabelli u tpinġijiet. Dan għamiltu billi għamilt użu ta' stampi li jkunu ċari u mhux imċajprin. Fihom ikun hemm messaġġ wieħed biss. Il-kuluri użati jikkuntrastaw tajjeb ma' xulxin kif ukoll l-istampi jaqblu mat-test jew sentenzi li l-istudenti jkunu qed jaqraw. Apparti minn hekk tajt kas ukoll li l-għażla tal-istampi tkun relevanti skont l-età u l-gosti tal-istudenti. Dan il-fatt jidher f'riżorsi numru 6, 15 u 20 fost l-oħrajn.

### *4.3.2 Il-konsiderazzjonijiet soċjali*

L-evalwazzjoni tar-riżorsi wkoll tinkludi li dawn ikunu ġusti u retti meta jikkonċernaw l-età, il-ħila, il-kultura, il-ġeneru, l-istatus ekonomiku, ir-reliġjon, il-kariga u l-orjentazzjoni sesswali tal-istudent (Ministeru tal-Edukazzjoni, 2013, p. 5). Huwa importanti li meta nagħżlu jew noħolqu riżorsi li fihom temi li huma daqsxejn kontroversjali naraw li fihom ikollhom għażla bilanċjata dwar dik il-perspettiva partikolari. Xi riżorsi jistgħu jkunu magħżula biex juru temi kurrenti u dak li seħħ fil-passat, kif ukoll biex jagħrfu t-tibdil u l-isfidi li jġib miegħu t-tibdil soċjali u ekonomiku.

Għalhekk fost l-affarijiet li r-riżorsi għandhom jikkunsidraw insibu s-sensittività tal-ġeneru u l-orjentazzjoni sesswali. Dan ifisser li r-riżorsi li jintużaw fil-klassi għandhom ikunu bilanċjati bejn iż-żewġ ġeneri u mhux immirati għal xi ġeneru partikolari minħabba li jista' jkun li l-preferenza fil-metodi ta' tagħlim tvarja bejn is-subien u l-bniet (Ministeru tal-Edukazzjoni, 2008, p. 28). Fir-riżorsi tiegħi għalhekk ħadt ħsieb li l-kuluri, l-ismijiet, l-istampi u l-lingwaġġ użati jkunu bilanċjati bejn il-ġeneri ħalli fil-klassi dejjem inżomm ukoll ambjent inklussiv.

Hekk ukoll ir-riżorsi għandhom jagħtu kas id-diversità u l-multikulturaliżmu li jeżistu f'soċjetajiet differenti. Studenti li ġejjin minn kulturi jew sfondi etniċi differenti hemm bżonn li jaraw lilhom infushom riflessi wkoll fil-materjal edukattiv li qed jintuża. Meta fil-klassi jkun hemm taħlit fil-kultura, il-lingwa, it-traduzzjonijiet, il-valuri u l-istil ta' ħajja, l-esperjenza edukattiva tal-istudenti se tkun aktar pożittiva. Dan il-fatt deher fir-riżorsi tiegħi minħabba li fihom jinkludu gruppi differenti ta' persuni li għandhom etajiet differenti u li huma ġejjin ukoll minn sfond kulturali differenti. Apparti minn hekk, fir-riżorsi inkludejt nies li għandhom karnaġġjon, klassi soċjali, użanzi, postijiet, gosti, kulturi u drawwiet li ma nsibuhomx biss hawn Malta imma huma mifruxa f'pajjiżi madwar id-dinja. Permezz ta' dawn l-inizjattivi l-istudenti fil-klassi se jħossuhom aktar konxji u rispettati fejn tidħol id-diversità kif ukoll id-drittijiet umani li jeżistu madwarhom.

Importanti li waqt l-evalwazzjoni tar-riżorsi kull għalliem ikun konxju li l-istudenti fil-klassi għandhom il-valuri, it-twemmin u l-għarfien tagħhom b'mod individwali u li dan jirrifletti fuq il-personalità, il-kultura u l-isfond soċjali tagħhom (Ministeru tal-Edukazzjoni, 2002, p. 41). Dan kollu jrid ikun ikkunsidrat u jiġi rispettat fil-materjal li jintuża fil-klassi.

### *4.3.3 Id-disinn strutturali*

L-evalwazzjoni għandha wkoll issir lid-disinn strutturali. Dan jiġifieri li din trid ukoll issir fuq l-għanijiet, l-objettivi, l-istrateġiji tat-tagħlim u l-mod ta' kif se jsir l-assessjar (Ministeru tal-edukazzjoni, 2002, p. 30). Min qed jevalwa dawn ir-riżorsi għandu jibda billi l-ewwel jagħti struzzjonijiet tal-objettivi u wara għandha ssir il-ħidma tul il-proċess sħiħ tat-tagħlim skont l-objettivi magħżula. Din il-ħidma mbagħad għandha tiġi ġġudikata skont jekk l-objettivi u l-għan ta' dik ir-riżorsa partikolari ntlaħqux jew le.

Sabiex kulħadd jilħaq il-potenzjal meħtieġ f'dak li jkun qed jagħmel, l-istruzzjonijiet u l-objettivi li jridu jintlaħqu minn kull student iridu jkunu ċari u jinftiehmu. Għalhekk, fir-riżorsi tiegħi, wara li ktibt it-titlu inkludejt ukoll l-għan li jrid jintlaħaq kif ukoll tajt struzzjonijiet dettaljati biex iservu ta' linji gwida dwar kif għandhom jintużaw. Fl-aħħar inkludejt ukoll il-livell ta' diffikultà. Dan għamiltu biex b'hekk l-istudenti jkollhom informazzjoni li hija kemm jista' jkun aċċessibbli.

Apparti minn hekk, ir-riżorsi jridu jinvolvu kemm jista' jkun għażla wiesgħa ta' preferenzi differenti fit-tagħlim tal-istudenti (Ministeru tal-edukazzjoni, 2008, p. 21). Fil-bidu tar-riżorsi wkoll indikajt liema huma l-aktar preferenzi li se jintużaw f'dik ir-riżorsa partikolari. B'dan il-mod l-istudenti se jagħtu kontribut akbar waqt it-tagħlim.

Permezz ta' dan il-metodu żammejt f'moħħi wkoll li l-istudenti kemm jista' jkun jipparteċipaw kontinwament fit-tagħlim tagħhom. Dan wassalni biex noħloq riżorsi li fihom l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jaħsbu b'mod kritiku, ifittxu t-tweġiba għal dik il-problema, kif ukoll, fejn hu possibbli, jagħmlu diskussjoni fi gruppi. Hemm riżorsi oħrajn li jinkoraġġixxu lill-istudenti biex huma jwettqu ħidma b'mod indipendenti.

Dan kollu jitlob lill-istudenti biex waqt il-ħidma tagħhom ikunu aktar kreattivi u fl-istess ħin iżommu ruħhom aktar okkupati ħalli jaħsbu aktar dwar dak li qed jitgħallmu, kif ukoll jibqgħu jaġġornaw ruħhom mat-tagħrif. Sabiex inkompli nżid l-interess tal-istudenti fit-tagħlim tagħhom, ħadt ħsieb ukoll li noħloq kemm riżorsi tradizzjonali kif ukoll dawk teknoloġiċi. Din il-varjetà wiesgħa fir-riżorsi għandha tinkoraġġixxi lill-istudenti biex jirriflettu fuq dak li jkunu għadhom kemm għamlu ħalli b'hekk jitgħallmu wkoll ikunu kritiċi ta' xogħolhom u jitgħallmu mill-iżbalji tagħhom stess.

Id-disinn strutturali jrid jingħata l-importanza tiegħu kemm waqt il-ħolqien kif ukoll waqt l-evalwazzjoni tar-riżorsi imma huwa fatt li ma nistgħux ma nagħtux kas id-disinn tekniku li permezz tiegħu tingħata forma tanġibbli u reali lir-riżorsi li nkunu qed noħolqu. Meta d-disinn tekniku jingħaraf mill-bidu dwar kif għandu jintuża bl-aħjar mod possibbli waqt dan il-proċess, iġib miegħu diversi vantaġġi fuq it-tagħlim tal-istudent.

### *4.3.4 Id-disinn tekniku*

Il-forma ta' kif l-informazzjoni qed tiġi ppreżentata fir-riżorsi hija importanti ħafna. Riżorsi tajbin irid ikollhom kollezzjoni ta' informazzjoni miġbura u ppreżentata b'mod li jiffaċilitaw it-tagħlim (Ministeru tal-Edukazzjoni, 2013, p. 5). Mil-lenti teknika, riżorsi li huma strutturati b'mod tajjeb jiżguraw li l-istudenti jkollhom aċċess komplet u jifhmu aktar il-materjal li qed jiġi ppreżentat lilhom. Meta t-teknika fir-riżorsi ma tkunx ta' livell għoli, l-istudenti se jbatu fit-tagħlim tagħhom minħabba li din se toħloq fruntieri akbar. B'hekk, waqt il-ħolqien tar-riżorsi tiegħi qgħadt attent li l-kliem kif ukoll l-istampi jkunu jidhru ċari u mhux imċajprin. Meta użajt vuċijiet irrekordjati ħadt ħsieb li ma jkollhomx interferenza u li min qed jaqra jkollu leħnu ta' kwalità. Anke jekk il-kontenut ikun eċċellenti, riżorsi li jkollhom difett tekniku jridu jiġu evitati xorta waħda.

Minbarra dawn l-affarijiet ħadt ħsieb ukoll li meta se nagħmel użu minn xi ħaġa, kemm jekk hija stampa, ħsejjes, kliem, dijagramma u l-bqija, dejjem iridu jkunu jirrelataw ma' xulxin ħalli b'hekk waħda tgħin lill-oħra. Fl-istess ħin ikunu qed jissapportjaw aktar lill-istudenti biex jifhmu l-għan tal-lezzjoni u dak li hu mistenni mingħandhom f'dak it-taħriġ partikolari.

Waqt il-ħolqien tar-riżorsi, minkejja li għamilt użu tal-kliem diversi drabi, madanakollu fil-preżentazzjonijiet illimitajt kemm stajt li jkun hemm kitba biss, sabiex nimmotiva lill-istudenti u r-riżorsa tkun aktar attraenti għalihom. Minflok, użajt aktar il-grafika, l-istampi, il-kuluri u l-ħsejjes minħabba li dawn jiġbdu aktar l-attenzjoni tal-istudenti speċjalment fejn hemm l-aktar punti importanti (Ministeru tal-Edukazzjoni, 2013). Hekk ukoll it-tipa tvarja skont l-użu tal-kliem minħabba li ġeneralment it-titli kont niktibhom b'tipa akbar u bil-grassett filwaqt li għall-istruzzjonijiet jew għall-eżerċizzji kont nuża tipa iżgħar mingħajr l-użu tal-grassett, ġeneralment dik ta' 13 pt.

Importanti wkoll li biex riżorsa tkun effettiva tassew l-informazzjoni li tkun qed tintuża tkun tassew organizzata imma wkoll konsistenti (Ministeru tal-Edukazzjoni, 2002, p. 32). B'hekk l-istruttura magħżula ma tkunx qed tfixkel lill-istudenti mit-tagħlim tagħhom. Sa mill-bidu tar-riżorsi tiegħi żammejt f'moħħi dawn il-prinċipji ħalli jkomplu jassikuraw li kull min se juża dawn ir-riżorsi, kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti, ikunu jistgħu jagħmlu dan b'mod faċli.

Matul dan il-proċess hija r-responsabbiltà ta' dawk li qed joħolqu u jagħmlu l-evalwazzjoni tar-riżorsi li jżommu dejjem lill-istudenti fiċ-ċentru tat-tagħlim ħalli b'hekk inkomplu niffaċilitawlhom it-tagħlim u fl-aħħar nett kulħadd jirnexxi.

## 4.4 Il-pakkett tar-riżorsi

### *4.4.1 Il-pakkett tar-riżorsi tiegħi dwar il-parteċipju attiv verbali.*

Għal din it-teżi ħloqt pakkett ta' riżorsi (ara Appendiċi 1) varji ħalli l-istudenti jkunu jistgħu jitgħallmu t-tifsiriet tal-10 parteċipji attivi verbali. Apparti minn hekk, permezz tagħhom l-istudenti se jitgħallmu wkoll kif għandhom jużaw il-parteċipju attiv bi grammatika korretta.

B'kollox ħloqt 20 riżorsa li jinqasmu kemm f'dawk tradizzjonali, jiġifieri dawk li huma marbutin mal-karti tat-taħriġ kif ukoll f'dawk teknoloġiċi. Fil-pakkett ir-riżorsi huma gradati minħabba li l-ewwel waħda hija l-aktar sempliċi u aktar ma n-numru tar-riżorsa jikber, ir-riżorsa aktar toffri sfidi interessanti lill-istudenti. Eżempju f'riżorsa 2, l-istudenti jridu jaqraw is-sentenzi u jimmarkaw il-parteċipju attiv verbali li hemm fihom imma mbagħad f'riżorsa 20, li tirrikjedi aktar ħsieb, l-istudenti jridu jibnu sentenza weħidhom bl-użu tal-parteċipju attiv verbali, li hija relatata wkoll mal-istampa.

Dawn ir-riżorsi huma mmirati għall-istudenti li qed jitgħallmu l-Malti bħala lingwa barranija. Importanti li l-għalliema qabel ma jużawhom ikunu għallmu ammont ta' vokabularju u grammatika lill-istudenti tagħhom, u b'hekk l-istudenti jrid ikollhom bażi daqsxejn soda tal-Malti minħabba li l-parteċipju attiv verbali fin-natura tiegħu joffri daqsxejn ta' diffikultà, għax ma jinsabx f'lingwi li mhumiex Semitiċi. Il-parteċipju attiv b'mod ġenerali mhuwiex inkluż fil-pjan ta' ħidma A1 skont is-CEFR (2018) tal-Malti għall-barranin imma fis-sillabu tal-kisbiet mit-tagħlim ewlenin hemm fergħa minnu li tirreferi għalih bħala l-futur, peress li din hija waħda mill-funzjonijiet tal-parteċipju attiv verbali (eż: 'ħiereġ daqt') (ara s-sezzjoni 3.2.4.). Minkejja li dan is-sillabu tal-Malti Livell A1 ma jagħmel l-ebda referenza diretta għall-parteċipju attiv verbali, ir-riżorsi li ħloqt m'huma marbuta mas-sillabu tal-A1 jew mal-Los tal-Malti A1 u A2. Dan juri li l-parteċipju attiv verbali għandu jiġi mgħallem meta l-istudent jasal għal-livell ogħla tal-Malti. Madanakollu, ippruvajt nimxi fuq gradazzjoni, mill-ħafif għat-tqil kif jissuġġerixxu li jsir it-tagħlim dawn id-dokumenti.

It-temi li għażilt waqt il-ħolqien ta' dawn ir-riżorsi kienu meħuda mill-kuntesti li ħafna mill-istudenti jgħaddu minnhom fil-ħajja ta' kuljum. Perżempju nsibu diversi kuntesti bħall-iskola, films, intervisti, għand tal-ħanut, ħarġa mal-ħbieb, avvenimenti popolari, waqt

il-ħin tax-xogħol, u l-bqija. Dan għamiltu minħabba li l-istudenti qed jgħaqqdu flimkien id-dinja ta' barra ma' dak li qed jitgħallmu fil-klassi. B'dan il-mod se jsibu dawn il-lezzjonijiet aktar relevanti fil-ħajja ta' kuljum. Swain u Lapkin (1983) fl-istudju tagħhom jgħidu kif l-għażla tal-kuntest waqt it-tagħlim tal-lingwa hija importanti u trid tkun relevanti kemm għall-istudenti nfushom kif ukoll għal dak li se jkun mgħallem fil-klassi. Anderson (2005) jimplika li l-kuntest magħżul waqt il-lezzjonijiet għandu jkun simili ħafna tar-realtà tal-istudenti, kemm jekk qed jitgħallmu l-ewwel lingwa tagħhom kif ukoll jekk qed jitgħallmu lingwa barranija. Meta l-għalliema jagħmlu hekk l-istudenti mhux biss ikunu qed jitgħallmu l-lingwa imma wkoll jgħixuha.

### *4.4.2 Il-programmi użati*

Użajt erba' programmi biex noħloq ir-riżorsi diġitali, li huma: ActivInspire, PowerPoint, LearningApps u Cartoon Story Maker.

**ActivInspire**

Iddeċidejt li nuża l-ActivInspire minħabba li huwa għodda innovattiva ħafna ħalli noħloq logħob u attivitajiet interessanti. B'dan il-metodu l-istudenti jitgħallmu b'mod aktar interattiv. L-ActivInspire tani l-possibbiltà li noħloq attivitajiet fir-riżorsi tiegħi li bi programmi oħra ma stajtx nagħmel.

**PowerPoint**

Permezz tal-PowerPoint ħloqt preżentazzjonijiet addattati, strutturati u b'għamla professjonali għall-istudenti. Il-fatt li din hi għodda universali u l-istudenti huma familjari magħha għax tintuża ħafna fit-tagħlim, kompliet tħeġġiġni nużaha. Din l-għodda flimkien

mal-preżentazzjonijiet tatni l-possibbiltà li nikkombina diversi fatturi, bħall-kliem, stampi, dijagrammi, animazzjonijiet, ħsejjes irrekordjati, mużika u l-bqija.

**LearningApps**

Il-LearningApps huwa sit li jinkludi diversi mudelli li jservu bħala bażi għal min irid jagħmel użu minnhom, inkluż l-għalliema. Imbagħad l-għalliema jaddattaw il-mudell skont il-bżonn u l-għan li jridu jilħqu f'dik il-lezzjoni partikolari. Dan jista' jsir b'mod faċli ħafna. Il-mudelli jikkonsistu l-aktar f'logħob li wara li jintlagħbu, l-għalliema jistgħu jaqsmuhom mal-istudenti tagħhom biex jaħdmuhom kemm fil-klassi u anke mid-dar.

**Cartoon Story Maker**

Dan il-programm huwa ta' għajnuna kbira minħabba li jagħti l-possibbiltà li jinħolqu djalogi u konverżazzjonjiet f'forma ta' kartun animat. Kull storja għandha l-isfond tagħha li jkun magħmul minn stampa. Kull stampa mbagħad trid tinkludi l-karattri, dijagramma li fiha jkun hemm il-kliem miktub u l-leħen irrekordjat tal-karattri nfushom. B'dan il-mod l-istudenti qed jesperjenzaw il-konverżazzjoni sseħħ b'mod reali quddiemhom.

### *4.4.3 L-erba' ħiliet tal-lingwa*

Il-qari u l-kitba huma żewġ ħiliet tal-lingwa minn erbgħa minħabba li ma' dawn hemm ukoll it-taħdit u s-smigħ. Flimkien dawn jiffurmaw il-litteriżmu u għalhekk l-għalliema jridu jgħallmu lill-istudenti kif jaqraw, jiktbu, jisimgħu u jitħaddtu. Harmer (2007) jargumenta li l-ħiliet ta' komunikazzjoni jinkludu ħiliet riċettivi u dawk produttivi. It-taħdit u l-kitba huma ħiliet produttivi filwaqt li s-smigħ u l-qari huma ħiliet riċettivi. Il-ħiliet produttivi jeħtieġu l-produzzjoni ta' xi ħaġa, bħad-diskors jew silta miktuba, filwaqt li l-ħiliet riċettivi huma dawk li fihom l-istudenti jirċievu u jipproċessaw l-informazzjoni.

Rost (2011) jistqarr li kull min jipprova jitgħallem xi lingwa bħala lsien barrani, dan il-proċess huwa ferm differenti minn dak tal-lingwa nattiva u għalhekk l-istudenti tal-lingwa barranija rari jew qatt ma jilħqu l-istess kompetenza daqskemm għandhom fil-lingwa nattiva. B'hekk fir-riżorsi kollha tiegħi ħadt ħsieb li ninkludi l-erba' ħiliet tal-lingwa. Dan għamiltu billi qabel it-titlu ta' kull riżorsa inkludejt dijagramma li tindika liema huma l-ħiliet li dik ir-riżorsa partikolari se tiffoka fuqhom.

| | | | |
|---|---|---|---|
|  |  |  |  |
| Il-qari | Il-kitba | It-taħdit | Is-smigħ |

Tabella 4: L-erba' ħiliet tal-lingwa

Hemm riżorsi li fihom l-istudenti se jħaddmu ħila waħda biss filwaqt li hemm oħrajn li jinvolvu t-tħaddim ta' aktar minn ħila waħda.

Riżorsa li tinkludi ħila waħda:



**Riżorsa 6: Imla t-tisliba bil-partiċipju attiv verbali bl-għajnuna tal-istampi**

**L-għan:** L-istudenti se jagħrfu l-partiċipju attiv verbali li hemm fl-istampi ħalli b'hekk jimlew il-kaxxi l-vojta tat-tisliba. B'dan il-mod l-istudenti jkomplu jiffamiljarizzaw ruħhom mas-sensi differenti tal-partiċipji attivi verbali.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jqassam kopja ta' dan it-taħriġ lill-istudenti. L-istudenti jridu jistudjaw l-istampi u wara joħorġu s-sens li qed twassal kull stampa. Xħin dan isir, huma jridu jiktbu l-partiċipju attiv verbali fit-tisliba skont in-numru indikat taħt kull stampa li qed tintuża biex tiddeskrivi t-tifsira tagħha.

**Livell ta' diffikultà:** Ħafifa | Inqas Ħafifa ☑ | Inqas Diffiċli | Diffiċli

Riżorsi li jinkludu aktar minn ħila waħda:



**Riżorsa 12: X'inti tara?**

**L-għan:** L-istudenti se jitkellmu quddiem sħabhom dwar x'qed jaraw fl-istampi rigward suġġett wieħed biss billi jużaw il-partċipju attiv verbali.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jistieden lill-istudenti biex wieħed wieħed quddiem sħabhom tal-klassi jitkellmu dwar suġġett wieħed minn dawn it-tlieta, li huma s-sajf, in-natura u x-xogħol fir-restoranti. L-istudenti jridu jagħżlu l-karta li fuqha hemm l-istampi dwar dak is-suġġett partikolari u mbagħad jiddeskrivu x'qed jaraw billi jużaw il-partiċipju attiv verbali. Il-kelliem għandu 5 minuti ċans biex jagħmel dan. L-istudenti min-naħa l-oħra jridu jisimgħu x'qed jgħid il-kelliem u jridu jiktbu s-sentenza li fiha tinkludi l-partiċipju attiv verbali. Xħin kulħadd ilesti jridu jaqraw dawk is-sentenzi li jkunu kitbu.

**Livell ta' diffikultà:** Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli ✔ | Diffiċli



**Riżorża 13: X'qed juru l-istampi animati?**

**L-għan:** L-istudenti jridu janalizzaw l-istampi animati ħalli b'hekk permezz tal-kitba fil-linji l-vojta jiktbu 3 sentenzi dwar kull stampa, b'waħda minnhom ikollha l-użu korrett tal-partiċipju attiv verbali.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jqassam kopja tal-karta tat-taħriġ li fiha se jkun hemm il-linji li fuqhom iridu jiktbu l-istudenti. Imbagħad l-għalliem se jipproġetta l-preżentazzjoni Powerpoint fuq il-bord interattiv. L-istudenti jridu jiflu bir-reqqa l-istampi animati u jiktbu 3 sentenzi sempliċi dwarhom, b'waħda minnhom tinkludi l-użu tajjeb tal-partiċipju attiv verbali u s-sens tiegħu. Fl-aħħar l-istudenti jridu jaqraw dak li jkunu kitbu.

**Livell ta' diffikultà:** Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli ✔ | Diffiċli

Għal kull riżorsa, wara li ktibt in-numru tagħha flimkien mat-titlu, inkludejt l-għan, l-istruzzjonijiet, il-livell ta' diffikultà u t-tweġibiet. Dawn ħassejthom li huma kruċjali għall-għalliema minħabba li l-għan se jgħinhom jaraw x'se jilħqu jekk jużaw ir-riżorsa, l-istruzzjonijiet jagħtu deskrizzjoni dettaljata ta' kif taħdem, il-livell ta' diffikultà jindikalhom il-kumplessità tagħha u t-tweġibiet juru lill-għalliema x'inhuma r-risposti f'dak l-eżerċizzju jew attività partikolari.

### *4.4.4 Ir-riżorsi u l-istil ta' preferenza fit-tagħlim*

Minbarra l-ħiliet, waqt il-ħolqien tar-riżorsi tajt ħafna importanza lill-mod partikolari ta' kif kull student jitgħallem. Hekk kif iddiskutejt f'kapitlu 2, waqt il-bini ta' dawn ir-riżorsi ġonġejt ir-riżorsi mal-erba' preferenzi tat-tagħlim: il-mod kinestetiku, il-mod viżiv, il-mod tal-qari/kitba u l-mod awditorju. Permezz ta' din il-varjetà, ir-riżorsi għandhom jilħqu ħafna mill-istudenti tal-klassi, it-tagħlim se jkun aktar interessanti, u se jasal kif ukoll jinftiehem mill-istudent b'mod aktar faċli. Għalhekk ir-riżorsi li ħloqt jinkludu:

*Karti tat-taħriġ*

Il-karti tat-taħriġ huma kruċjali waqt il-proċess tat-tagħlim minħabba li dawn se jservu bħala għodda ta' referenza utli ħafna meta l-istudenti jkunu 'l bogħod mill-konfini tal-klassi (Portelli u Camilleri Grima, 2002). Għalhekk il-karti tat-taħriġ li ħloqt fil-pakkett tar-riżorsi, minbarra li fihom inkorporajt l-attivitajiet, ħadt ħsieb li jinkludu dan li ġej:

- Noti li jissarrfu bħala linji gwida għall-istudenti biex jiftakru aktar dak li jkun ġie diskuss qabel fil-klassi.
- Jiġbru l-aktar punt kruċjali li jridu jitgħallmu l-istudenti.
- Jiffaċilitaw il-proċess tat-tagħlim.

Kont ċert li minn riżorsa għall-oħra, l-istudenti jkollhom varjetà ta' eżerċizzji fil-karti tagħhom. Barra minn hekk, tul il-karti tat-taħriġ għamilt użu minn żewġ tipi ta' mistoqsijiet: mistoqsijiet magħluqa u mistoqsijiet miftuħa. Fost it-taħriġiet insibu: Aqsam f'kolonni, Imla l-vojt, Ikteb sentenza, Tisliba, Agħżel it-tajba, Fittiexa, Ifforma sentenzi bil-kliem provdut, Qabbel bejn żewġ kolonni, Kompli s-sentenza, Veru jew falz u Imla l-gradilja.



Imla din il-gradilja bil-partiċipji attivi verbali li sibt mis-silta.

| Maskil | Femminil | Plural |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

Stampa 1: Aqsam f'kolonni



**Diskursata bejn John u l-librara**

**Taħriġ A:** Isma' din il-konverżazzjoni bejn John u l-librara u imla l-vojt.

John u l-librara qed jitkellmu fil-librerija.

**John:** Bonġu. Qiegħed nagħmel riċerka dwar it-tradizzjonijiet Maltin għall-proġett tal-iskola. Aktar tard ____________ ommi tgħinni. Liema huma dawn il-kotba, jekk jogħġbok, għax issa ____________ iż-żmien?

**Librara:** Bonġu. Stennieni ftit hawn ħalli nfittixlek ftit... Waqt li kont ____________ u nfittex sibt dawn il-kotba dwar it-trasport, il-festi u l-logħob imma daqt ____________ oħrajn ġodda.

**John:** Peress li ____________ ħafna nies fil-librerija ____________ fuq l-imwejjed ħalli nfittex f'aktar dettall.

**Librara:** Tajjeb ħafna. Taf fejn qegħdin l-imwejjed biex tkun tista' taħdem fis-silenzju?

**John:** Le. Jimporta tgħidli għax din hija l-ewwel ġurnata tiegħi hawn?

Stampa 2: Imla l-vojt

Ikteb sentenza bil-parti̇ċipju attiv verbali li qed jidher fl-istampa.

Stampa 1: ____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

Stampa 2: ____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

Stampa 3: ____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

Stampa 3: Ikteb sentenza




Stampa 4: Tisliba

**Fehim mis-smigħ**

**Konverżazzjoni bejn ġurnalist u kantanta.**

Imla l-vojt u agħżel it-tweġiba t-tajba.

1. Minkejja li ________________ diversi diski liema hi d-diska favorita tal-kantanta?

- ☐ *Kewkba* ta' Janice Mangion.
- ☐ *Sempliċità* tal-grupp The Travellers.
- ☐ *Għal Dejjem Żagħżugħ* ta' Sammy Bartolo.

2. Għas-sena ________________ x'għandha ppjanat il-kantanta?

- ☐ Li ssiefer bħala vaganza.
- ☐ Tkanta f'diversi pajjiżi barranin.
- ☐ Tieqaf mill-kant.

Stampa 5: Agħżel it-tajba

**Il-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI**

Sib għaxar parti̇ċipji attivi verbali differenti.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Y | W | G | S | F | S | V | G | S | Q |
| P | Ħ | R | S | E | R | R | R | T | F |
| N | E | R | E | S | Q | I | N | Y | F |
| G | R | M | J | W | R | R | R | I | U |
| F | Ġ | E | J | E | D | D | A | GĦ | E |
| H | I | X | E | T | IE | L | A | Q | G |
| P | N | J | R | G | Ħ | F | G | O | N |
| L | T | I | F | N | E | Ż | L | I | N |
| U | Y | N | T | IE | L | A | ' | P | D |
| J | Q | X | F | F | G | J | G | W | E |

Stampa 6: Fittiexa

1.



____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

studenti | gradwati | università | ferħanin | toga

Stampa 7: Ifforma sentenza bil-kliem provdut

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| sejrin | | Salvu qal lil Ġanni li kien __________ġewwa ħalli żgur isib post fuq quddiem nett. |
| tielaq | | Għal-laqgħa kienu __________ diversi partitarji. |
| għaddejjin | | Malli beda __________il-ħin, xi nies minn tal-banda infurmaw lil kulħadd li l-laqgħa kienet se tibda. |
| dieħel | | Ġanni u Salvu baqgħu __________ minn quddiem il-knisja sakemm waslu l-każin. |

Stampa 8: Qabbel bejn żewġ kolonni

2. Kompli dawn is-sentenzi eżattament kif instemgħu fis-silta.

- F'daqqa waħda jilmħu lill-mara tal-president ____________________
  ____________________________________________.
- Kien hemm min beda __________________________________
  ____________________________________________.
- Wara ftit mhux ħażin ifittxu ____________________________
  ____________________________________________.
- In-nies bdew ____________________________________
  ____________________________________________.

Stampa 9: Kompli s-sentenza

3. Immarka Veru jew Falz.

1. Għal-laqgħa ma kien sejjer ħadd mill-partitarji. Veru/Falz
2. Ħadd ma kien tiela' fuq il-bejt. Veru/Falz
3. Salvu kien dieħel ġewwa biex isib post tajjeb. Veru/Falz
4. Fl-aħħar raw lill-mara tal-president miexja lejn il-każin. Veru/Falz

Stampa 10: Veru jew Falz

4. Imla l-kaxxi bil-parteċipju attiv verbali skont il-ġens u l-għadd li nstemgħu fis-silta.

| | Singular | | Plural |
|---|---|---|---|
| | Maskil | Femminil | |
| Parteċipju Attiv Verbali | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

Stampa 11: Imla l-gradilja

*Leħħiet*

Il-leħħiet huma karti tal-logħob li jinvolvu kliem, numri, stampi u disinji ħalli b'hekk l-istudenti jirċievu l-informazzjoni b'mod aktar interattiv. Dawn il-modi differenti jistgħu jkunu kemm fuq naħa waħda kif ukoll fuq iż-żewġ naħat tal-leħħa. Il-leħħiet jistgħu jiffaċilitaw l-aktar it-tagħlim meta l-istudenti qed jitgħallmu xi ħaġa ġdida għall-ewwel darba (Savage u Fautley, 2013). Għalhekk waħda mir-riżorsi tal-bidu tinvolvi l-użu tal-leħħiet peress li l-istudenti jridu jgħaqqdu flimkien żewġ leħħiet li jikkorrispondu ma' xulxin. Hekk ukoll lejn l-aħħar għamilt attività oħra li hija daqsxejn differenti għax fiha hemm l-element teknoloġiku imma wkoll tinvolvi l-użu tal-leħħiet.




Stampa 12: Leħħiet tradizzjonali




Stampa 13: Leħħiet bl-użu tat-teknoloġija

*Stampi*

Stampa hija riproduzzjoni ta' persuna, oġġett jew xi ħaġa li tinsab fid-dinja reali jew dik immaġinattiva. L-immaġni huma wieħed mill-aktar modi użati biex iwasslu messaġġi b'mod universali (Kress, 2011). L-użu tal-istampi fit-tagħlim tal-lingwa, anke fil-każ ta' dik barranija, jgħin lill-istudenti biex jifhmu aktar, irawwem kuxjenza multikulturali u jevita l-bżonn li l-għalliema joqogħdu jittraduċu l-ħin kollu (Kress, 2011). Fl-attivitajiet li ħloqt, l-istampi kienu użati kontinwament biex inqarreb aktar lill-istudenti lejn l-għan ta' kull riżorsa.




Stampa 14: Stampi f'riżorsa 8



Stampa 15: Stampi f'riżorsa 11



Stampa 16: Stampi f'riżorsa 12



<u>**Logħba ta' rwol bejn il-ġurnalist u l-kantanta.**</u>

Il-konverżazzjoni tista' tibda hekk:

Ġurnalist: "L-għodwa t-tajba mill-programm mużikali *The Show*!"

Kantanta: "Lilek ukoll. Il-pjaċir huwa tiegħi."

Ġurnalist: ..........

(Hawn l-istudenti se jkomplu din il-konverżazzjoni billi jużaw il-partiċipju attiv verbali. L-istudenti jistgħu jinterpretaw karattri jew temi differenti.)

Stampa 17: Stampa f'riżorsa 14

*Preżentazzjonijiet*

Walker (2008) tistqarr li l-preżentazzjonijiet fuq il-PowerPoint saru għodda importanti ħafna waqt il-lezzjoni minħabba li permezz tagħhom l-għalliema jistgħu jaċċessaw aktar malajr testijiet ta' kitba, stampi, ħsejjes u filmati. F'dawn ir-riżorsi ħloqt ukoll preżentazzjonijiet interattivi ħalli nżid il-parteċipazzjoni tal-istudenti. Bħala preżentazzjonijiet fil-pakkett tar-riżorsi tiegħi għamilt testi biex jaqrawhom l-istudenti, jibnu sentenza sħiħa skont l-istampa u jkomplu s-sentenza skont l-istampa.






Stampa 18: Qari ta' silta



Stampa 19: Iddeskrivi l-istampi




Stampa 20: Kompli s-sentenza skont l-istampa

*Interazzjonijiet u kwiżis*

Il-logħob u t-tagħlim jimxu id f'id ħalli b'hekk l-istudenti jitgħallmu waqt li jkunu qed jieħdu pjaċir. Meta l-għalliema se jagħmlu użu mil-logħob fit-tagħlim ikunu qed joffru element ta' sorpriża u fl-istess ħin ikunu qed jimmotivaw lill-istudenti biex ikunu aktar attivi waqt il-lezzjonijiet. Fost l-attivitajiet li ħloqt insibu: Agħżel it-tweġiba/l-istampa t-tajba, kwiżis u logħob ieħor fuq il-bord interattiv.




Stampa 21: Poġġi l-partiċipju attiv verbali fil-kaxxa t-tajba




Stampa 22: Poġġi l-partiċipju attiv verbali fis-sentenza t-tajba




Stampa 23: Agħżel l-istampa t-tajba




Stampa 24: Agħżel il-partiċipju attiv verbali t-tajjeb




Stampa 25: Imla l-vojt



Stampa 26: Aqta' x'inhu l-partiċipju attiv verbali




Stampa 27: Kwiżż

*Irrekordjar*

Is-smigħ huwa wkoll ħila importanti waqt l-akkwist tal-lingwa u għalhekk ħloqt riżorsi li fihom siltiet irrekordjati ħalli l-istudenti jisimgħu minn kelliema nattivi kif jitħaddem fil-lingwa l-parteċipju attiv verbali f'kuntest. Permezz tas-siltiet irrekordjati fil-klassi, l-istudenti qed ikollhom l-opportunità li jesperjenzaw is-smigħ tal-lingwa u fl-istess ħin jipprattikaw il-ħila tat-taħdit "as they allow language students to practise and enhance their speaking skills outside the classroom while receiving feedback on their performance" (Pop, Tomuletiu, u David, 2011, p. 1199). B'dan il-mod, l-istudenti qed isiru aktar fluwenti fil-lingwa li qed jitgħallmu. Fost ir-riżorsi li ħloqt f'dan il-qasam hemm intervista animata, silta rrekordjata u l-logħba ta' rwol.




Stampa 28: Intervista rrekordjata

### 4.5 Il-konklużjoni

F'dan il-kapitlu spjegajt kif wasalt biex ħloqt il-pakkett tar-riżorsi dwar il-parteċipju attiv verbali Semitiku. Bdejt billi ddeskrivejt l-etika u l-metodoloġija pedagoġika li applikajt matul dan il-proċess. Imbagħad tajt direzzjoni lejn x'tip ta' evalwazzjoni ħaddimt f'dawn ir-riżorsi. Finalment ikkonkludejt billi ddiskutejt l-għodda li użajt biex il-pakkett tar-riżorsi jolqot kemm jista' jkun il-preferenzi tal-istudenti fit-tagħlim tagħhom.

# 5. Deskrizzjoni tar-Riżorsi

Il-ħsieb ta' dan il-kapitlu huwa li ssir deskrizzjoni dettaljata tal-pakkett tar-riżorsi li ħloqt dwar il-parteċipju attiv verbali Semitiku. B'hekk se nistħarreġ l-għoxrin riżorsa li fih dan il-pakkett minn diversi fatturi komuni, fosthom l-isem, l-għan, il-ħidma kif se ssir fil-klassi mill-istudenti, l-għodda li hemm bżonn għal din ir-riżorsa, id-deskrizzjoni tal-attivitajiet, l-istruzzjonijiet u xi suġġerimenti. Għal kull riżorsa żammejt mal-prinċipju tat-tema tas-soċjokulturaliżmu, li r-riżorsi huma artefatti ħalli b'hekk l-istudent ikun aktar motivat waqt it-tagħlim. Barra minn hekk, tajt kas ukoll li f'dak kollu li tinkludi kull riżorsa, l-istudent ikun il-punt fokali waqt it-tagħlim u ma jitgħallmux biss l-istrutturi grammatikali tal-parteċipju attiv verbali imma jiġu konxji ta' kif jistgħu jużawh waqt li qed jikkomunikaw fil-ħajja ta' kuljum.

## 5.1 Deskrizzjoni tar-riżorsi

### *5.1.1 Riżorsa 1*

L-isem tar-riżorsa: Qiegħed il-parteċipji attivi verbali t'hawn taħt fil-kaxxi tal-femminil u l-plural

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti se jaqraw il-parteċipji attivi li hemm taħt nett fil-paġna mbagħad se jikkategorizzawhom fil-kaxxi tal-femminil u l-plural. B'dan il-mod l-istudenti se jiġu konxji li l-parteċipju attiv verbali  jinqasam fi tlieta: il-maskil, il-femminil u l-plural.

Il-ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Kompjuter, bord interattiv, l-eżerċizzju interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa hija mmirata għal dawk l-istudenti li għadhom kemm bdew jistudjaw il-parteċipju attiv verbali. Għal din ir-riżorsa, l-istudenti se jħaddmu l-aktar il-ħila tal-qari. L-aktar stili ta' tagħlim li jistgħu jintużaw mill-istudenti huma:

1. L-aspett viżiv qed jintuża minħabba li l-mod kif inhi mqassma r-riżorsa u l-kuluri se jgħinu lill-istudenti biex jiftakru minn xiex jikkonsisti l-parteċipju attiv verbali fil-Malti;
2. L-aspett kinestetiku qed jintuża peress li l-istudenti jridu jipparteċipaw billi jmexxu b'mod fiżiku, jiġifieri billi joħorġu 'l barra minn posthom u jmexxu l-parteċipju attiv verbali għal ġol-kaxxa t-tajba permezz tal-pinna elettronika.

L-istruzzjonijiet: Din l-attività se ssir permezz tal-ActivInspire. L-għalliem se jipproġetta dan l-eżerċizzju fuq il-bord interattiv imbagħad flimkien mal-istudenti se jaqraw il-parteċipji attivi verbali kollha li hemm fl-ewwel paġna. L-għalliem se jqabbad studenti differenti biex ipoġġu l-parteċipju attiv verbali fil-kaxxa t-tajba f'tal-femminil jew plural. Jekk l-istudenti jpoġġu parteċipju attiv verbali fil-kaxxa korretta jibqa' hemm filwaqt li jekk ipoġġuh f'dik mhux korretta jerġa' jmur fil-post oriġinali tiegħu. Dawn il-passi jridu jiġu repetuti għat-tieni paġna li fiha hemm l-aħħar ħames parteċipji attivi verbali.

Suġġerimenti: Jekk l-istudenti jsibuh daqsxejn diffiċli dan l-eżerċizzju, l-għalliem jista' jpoġġilhom il-parteċipji attivi verbali f'kuntest mill-ħajja ta' kuljum ħalli b'hekk jgħin aktar lill-istudenti jaslu għat-tweġiba t-tajba weħidhom. B'dan il-mod l-għalliem ikun qed jagħmel kif jisħaq Vygotsky (1997) (ara sezzjoni 2.1), fejn apparti li jirrelata l-ambjent soċjali tal-istudent mat-tagħlim fl-iskola għandu wkoll joħloq attivitajiet addattati u ta' sfida għall-istudenti. L-għalliem ukoll jista' joffri l-possibbiltà biex l-istudenti l-oħra tal-klassi jgħinu wkoll lil min isib xi diffikultà.

### *5.1.2 Riżorsa 2*

L-isem tar-riżorsa: Aqra u mmarka

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti jsegwu l-preżentazzjoni ħalli fiha jsibu l-parteċipji attivi verbali fis-silta u jkomplu l-eżerċizzju.

Il-ħidma: Xogħol fi gruppi.

L-għodda: Kompjuter, bord interattiv, pinna elettronika, eżerċizzju bil-preżentazzjoni PowerPoint u l-karta tat-taħriġ.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa hija maħluqa għal dawk l-istudenti li għadhom fil-bidu tat-tagħlim tagħhom tal-parteċipju attiv verbali. Permezz ta' din ir-riżorsa, l-istudenti se jagħmlu użu l-aktar minn tliet ħiliet tal-lingwa, li huma l-qari, is-smigħ, u l-kitba. Barra minn hekk, din ir-riżorsa fost it-tipi differenti ta' tagħlim l-aktar li tkopri huma:

1. L-ewwel wieħed huwa l-istil viżiv li qed jintlaħaq permezz tal-istampi, imma wkoll permezz tal-kliem li huwa fil-parteċipju attiv verbali, li mill-kulur iswed tiegħu jinqaleb għall-aħdar;
2. It-tieni stil huwa dak awditorju li qed jintlaħaq peress li l-istudenti qed jisimgħu lil xulxin waqt li qed jaqraw it-test.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jaqsam l-istudenti fi gruppi u kull wieħed se jkun fih massimu ta' 4 studenti. L-għalliem se jqassam karta tat-taħriġ li fiha gradilja bi tliet kolonni (maskil, femminil u plural). Wara se jqabbad l-istudenti f'kull grupp biex jaqraw paragrafu kull wieħed u fih l-istudenti kollha tal-klassi jridu jsibu l-parteċipji attivi verbali li hemm fih. Billi juża l-bord interattiv, l-għalliem se jagħfas fuq kull kelma fuq il-PowerPoint li jibdew jgħidulu

l-istudenti u jekk tkun parteċipju attiv verbali, il-kelma se tinbidel fil-kulur aħdar. F'dan il-ħin l-istudenti jridu jiktbu l-parteċipju attiv fil-kolonna t-tajba u jkomplu l-filliera ta' dak il-parteċipju attiv verbali.

Suġġerimenti: L-għalliem minflok joqgħod jimmarka fuq il-bord interattiv dak li jgħidulu l-istudenti jista' jqabbad rappreżentant minn kull grupp sabiex joħroġ u jimmarka hu minflok l-għalliem. Permezz ta' din l-inizjattiva, kif semma Dewey (1986) (ara sezzjoni 4.2.2) fit-teorija tiegħu, l-istudenti fil-klassi qed ikunu aktar attivi, involuti u b'hekk aktar fiċ-ċentru tat-tagħlim tagħhom.

### *5.1.3 Riżorsi 3 u 4*

L-isem tar-riżorsi: Puzzle

L-għan tar-riżorsi: L-istudenti se jgħaqqdu s-sentenza mal-istampa biex jibdew jiffamiljarizzaw ruħhom mat-tifsiriet differenti tal-parteċipji attivi verbali.

Ħidma: Xogħol fi gruppi.

L-għodda: Leħħiet.

Deskrizzjoni tal-attività: Dawn iż-żewġ riżorsi huma għal dawk l-istudenti li għadhom kemm bdew jitgħallmu dwar il-parteċipju attiv verbali. F'dawn ir-riżorsi huma se jħaddmu l-aktar il-ħila tal-qari. Matul din ir-riżorsa l-istili different ta' tagħlim li l-istudenti jistgħu jħaddmu l-aktar huma:

1. L-istil viżiv, minħabba li l-leħħiet fihom ammont sostanzjali ta' stampi, kuluri u anke t-tipa tidher b'mod ċara;

2. L-istil loġiku, peress li l-istudenti wara li jiffurmaw l-istampi jridu jaħsbu u jevalwaw bir-reqqa ma' liema sentenzi se jabbinaw l-istampi;
3. L-istil kinestetiku jintuża meta l-istudenti jgħaqqdu l-biċċiet differenti tal-leħħiet ma' xulxin.

L-istruzzjonijiet: Sa mill-bidu ta' kull puzzle, l-għalliem irid jiġbor l-istudenti fi gruppi ta' erbgħa. Hekk ukoll qabel ma jagħtihom il-leħħiet irid jiġborhom flimkien skont it-tifsiriet relatati ma' kull parteċipju attiv verbali. Imbagħad irid jaqsam il-leħħiet min-nofs ħalli l-istudenti jkollhom l-istampa mifruda minn mas-sentenza. Finalment ukoll l-għalliem irid jaqsam l-istampi f'erbgħa skont kif inhu indikat mal-linji s-suwed. Wara, il-biċċiet kollha jridu jitqassmu lill-istudenti. L-istudenti mbagħad iridu jgħaqqdu l-biċċiet flimkien mal-istampa u wara jridu jsibu s-sentenza li hi l-aktar viċin tal-istampa.

Suġġerimenti: L-għalliem irid jaċċerta ruħu li l-gruppi huma ġusti skont l-abbiltà tal-istudenti. B'dan il-mod hu jkun qed joħloq ambjent aktar inklussiv hekk kif jisħaq Vygotsky (1987) (ara sezzjoni 2.1) fit-teorija tiegħu li l-għalliem fit-tagħlim tiegħu għandu dejjem jiffavorixxi l-kunċett ta' inklużjoni kemm fejn jidħol l-isfond kulturali kif ukoll l-abbiltà tal-istudenti nfushom.

### *5.1.4 Riżorsa 5*

L-isem tar-riżorsa: Fittex miċ-ċirku

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti se jaqraw is-sentenza u miċ-ċirku se jagħżlu l-forma korretta tal-parteċipju attiv verbali.

Ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Kompjuter, bord interattiv, l-eżerċizzju interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hija maħluqa għal dawk l-istudenti li għadhom fil-bidu tat-tagħlim tagħhom ta' dan il-kunċett grammatikali tal-partiċipju attiv. F'din ir-riżorsa l-istudenti se jagħmlu użu minn żewġ ħiliet tal-lingwa li huma l-qari u s-smigħ. Din l-attività tista' tkopri żewġ stili mit-tipi differenti ta' tagħlim:

1. L-istil verbali, peress li lill-istudenti qed jiġu ppreżentati sentenzi miktuba u huma jridu jaqrawhom;
2. L-istil loġiku, peress li l-istudenti wara li jifhmu s-sentenza jridu jirraġunaw is-sens tagħha ħalli b'hekk ikunu jistgħu jagħżlu l-partiċipju attiv verbali t-tajjeb.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem irid jagħżel student għal kull sentenza biex jaqraha minn fuq il-bord interattiv. Xħin jifhem is-sens tas-sentenza l-istudent irid jaqbad partiċipju attiv verbali miċ-ċirku li hemm mal-ġenb u b'mod manwali jpoġġih fuq il-linja l-vojta li hemm fiha. Jekk l-istudent jagħżel il-forma tal-partiċipju attiv verbali l-ħażina, b'mod awtomatiku l-forma magħżula minn fuq il-linja fis-sentenza se terġa' tmur lura fiċ-ċirku. Madanakollu, jekk l-għażla tkun tajba din se tibqa' f'dak il-post.

Suġġerimenti: L-għalliem irid jinkoraġġixxi kemm jista' jkun lill-istudenti jagħmlu użu mill-istil ta' tagħlim ippreferut tagħhom minħabba li kif tistqarr Woolfolk (2016) (ara sezzjoni 2.3.1) meta jsir hekk l-istudenti se jifhmu aktar l-informazzjoni li qed tiġi diskussa waqt il-lezzjoni.

### ***5.1.5 Riżorsa 6***

L-isem tar-riżorsa: Imla t-tisliba bil-partiċipju attiv verbali bl-għajnuna tal-istampi

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti se jagħrfu l-parteċipju attiv verbali li hemm fl-istampi ħalli b'hekk jimlew il-kaxxi l-vojta tat-tisliba. B'dan il-mod l-istudenti jkomplu jiffamiljarizzaw ruħhom mas-sensi differenti tal-parteċipji attivi verbali.

Il-ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Whiteboard, marker u l-karta tat-taħriġ.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa hija mmirata għal dawk l-istudenti li bdew jaħkmu aktar dan il-kunċett grammatikali, peress li din ir-riżorsa hija daqsxejn aktar elaborata. Bħala ħiliet għal din ir-riżorsa l-istudenti se jħaddmu l-ħila tal-kitba. Mill-banda l-oħra l-aktar stil ta' tagħlim li se jintuża mill-istudenti huwa dak viżiv peress li l-istudenti jridu janalizzaw l-istampi u wara jridu jniżżlu l-parteċipju attiv verbali fit-tisliba.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jqassam kopja ta' dan it-taħriġ lill-istudenti. L-istudenti jridu jistudjaw l-istampi u wara joħorġu s-sens li qed twassal kull stampa. Xħin dan isir, huma jridu jiktbu l-parteċipju attiv verbali fit-tisliba skont in-numru indikat taħt kull stampa li qed tintuża biex tiddeskrivi t-tifsira tagħha.

Suġġerimenti: Sabiex l-għalliem jgħin aktar lill-istudenti, jista' jikteb fuq il-whiteboard is-sentenza li l-istudenti jkunu qed jgħidulu waqt li huma jkunu qed jiddeskrivulu l-istampa. Imbagħad l-istudenti jistgħu jiktbuha taħt it-tisliba bħala referenza għall-futur. B'dan il-mod l-għalliem ikun qed jagħmel kif jissuġġerixxi Rousseau (Gray et al., 2015) (ara sezzjoni 4.2.2) li l-għalliem għandu jkollu r-rwol ta' faċilitatur biex jgħin lill-istudenti jaslu għat-tweġiba t-tajba.

### *5.1.6 Riżorsa 7*

L-isem tar-riżorsa: Agħżel l-istampa t-tajba

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti se jaqraw is-sentenza u jaraw l-istampi li qegħdin fil-preżentazzjoni ħalli jiffamiljarizzaw ruħhom ma' xi wħud mis-sensi tal-għaxar partiċipji attivi verbali.

Ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Kompjuter, bord interattiv, eżerċizzju bil-preżentazzjoni PowerPoint u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa hija maħluqa primarjament għal dawk l-istudenti li bdew jifhmu aktar il-kunċett tal-partiċipju attiv verbali. Fiha l-istudenti se jagħmlu użu mill-ħiliet tal-qari u tas-smigħ. Fost l-istili ta' tagħlim l-istudenti se jużaw l-aktar:

1. L-istil viżiv, peress li r-riżorsa fiha ammont kbir ta' stampi u l-istudenti jridu jagħżlu l-istampa t-tajba skont is-sens tas-sentenza;
2. L-istil kinestetiku, peress li l-istudenti jridu jqumu minn posthom u jagħżlu t-tweġiba korretta.

L-istruzzjonijiet: L-istudenti jridu jaqraw is-sentenza li hemm fil-preżentazzjoni, jiflu sew l-istampi u wara jiddeċiedu liema stampa tirrelata l-aktar mas-sentenza partikulari. Wara kull għażla se titla' t-tabella "Proset!" jekk jagħżlu t-tweġiba t-tajba jew t-tabella "Erġa' pprova!" jekk jagħżlu t-tweġiba l-ħażina.

Suġġerimenti: Din ir-riżorsa minbarra li tista' tintuża bħala eżerċizzju fil-klassi, l-għalliem jista' jużaha bħala kwiżż biex b'hekk ikompli jżid l-interattività fil-klassi. Meta l-għalliem jagħmel użu tal-istampi waqt it-tagħlim, hekk kif isostni Wright (1989), se jiffaċilita t-tagħlim għall-istudenti sabiex jinterpretaw l-istampi u b'hekk għandhom jinteressaw ruħhom aktar fil-lezzjoni.

### *5.1.7 Riżorsa 8*

L-isem tar-riżorsa: Diskursata bejn John u l-librara

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti jridu jisimgħu b'reqqa din id-diskursata li se tinqara mill-għalliem u wara jimlew l-ispazji l-vojta ta' kull eżerċizzju.

Ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Silta tal-qari u karta tat-taħriġ.

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hija maħluqa għal dawk l-istudenti li qed jiffamiljarizzaw ruħhom aktar ma' dan il-kunċett tal-parteċipju attiv. F'din ir-riżorsa, primarjament l-istudenti se jħaddmu l-ħila tas-smigħ filwaqt li se jagħmlu użu wkoll mill-ħiliet tal-qari u tal-kitba. Mill-istili differenti ta' tagħlim l-aktar li se jiġu mħaddma huma:

1. L-istil awditorju, peress li l-istudenti waqt il-qari tas-silta se jisimgħu kif il-parteċipji attivi verbali jintużaw fil-lingwa;
2. Hekk ukoll fil-karta tat-taħriġ huma se jagħmlu użu mill-istil verbali peress li l-istudenti se jiktbu u jaqraw il-parteċipju attiv b'mod korrett.

L-istruzzjonijiet: Din id-diskursata se tinqara mill-għalliem. Għall-ewwel qari, l-istudenti mhux se jkollhom il-karta quddiemhom. Malli jitlesta l-qari se titqassam il-karta tat-taħriġ lill-istudenti. L-istudenti se jingħataw 10 minuti ċans biex jaqraw il-karta u jimlew l-ispazji l-vojta. Wara se jerġa' jsir l-aħħar qari tad-diskursata imma din id-darba l-istudenti se jkollhom ċans jiktbu wkoll.

Suġġerimenti: Waqt il-qari tal-fehim mis-smigħ, l-għalliem irid jaċċerta ruħu li l-qari jsir b'leħen sod li jinstema' b'mod ċar minn kull naħa tal-klassi. B'hekk ikun żgur li l-istudenti jieħdu l-massimu tat-tagħlim tagħhom minn dan l-eżerċizzju. Portelli u Camilleri Grima (2002, p. 151) jenfasizzaw li l-qari bis-sens isir meta l-qarrej fil-qari tiegħu jinkludi l-"użu ta' vuċi drammatizzata, pawżi, interpretazzjoni tal-emozzjoni permezz tal-vuċi, u attenzjoni lir-ritmu fost l-oħrajn." Jekk l-għalliem xorta waħda jħoss li leħnu ma jipproġettax daqstant tajjeb jista' jsemma' lill-istudenti leħen irrekordjat ta' qarrej li għandu leħnu ta' kwalità.

### *5.1.8 Riżorsa 9*

L-isem tar-riżorsa: Agħżel il-forma t-tajba tal-partiċipju attiv verbali

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti se jaqraw is-sentenza u mbagħad iridu jimlew l-ispazju l-vojt billi jagħżlu l-forma t-tajba tal-partiċipju attiv verbali.

Ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Kompjuter, bord interattiv, eżerċizzju interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa hija mmirata biex tilħaq lil dawk l-istudenti li bdew javvanzaw bil-mod fl-istudju tagħhom ta' dan il-kunċett grammatikali. Bħala ħiliet għal din ir-

riżorsa, l-istudenti se jħaddmu l-ħila tal-qari kif ukoll tal-kitba. Waqt dan l-eżerċizzju l-istili differenti ta' tagħlim li jistgħu jintużaw l-aktar mill-istudenti huma:

1. L-istil loġiku, peress li l-istudenti f'din ir-riżorsa jridu jaħsbu liema huwa l-għerq it-tajjeb u wara jifformulaw il-parteċipju attiv verbali;
2. L-istil kinestetiku, minħabba li l-istudenti jridu jqumu minn posthom ħalli jagħżlu t-tweġiba t-tajba minn fuq il-bord interattiv.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jipproġetta dan l-eżerċizzju fuq il-bord interattiv. F'dan il-ħin l-istudenti jridu jaqraw is-sentenza u jiktbu li hemm fil-bord fuq karta. Biex ikun hemm aktar element ta' logħba l-għalliem se jagħti ħin biżżejjed lill-istudenti biex jeżaminaw u jaslu għall-konklużjoni tagħhom. Fl-aħħar, l-għalliem se jistieden lill-istudenti biex jimmarkaw dak li kitbu fuq il-karta, jagħżlu fuq il-bord u b'mod awtomatiku l-programm se jiġġenera risposta skont it-tweġiba magħżula.

Suġġerimenti: L-għalliem għandu jinduna li f'dan l-eżerċizzju żammejt kull slajd b'sentenzi qosra u b'vokabularju ħafif biex l-istudenti jifhmu s-sens ta' kull sentenza qasira. Dan għamiltu minħabba li Portelli u Camilleri Grima (2002) jissuġġerixxu li l-kontenut ippreżentat fl-islajds m'għandux għalfejn ikun twil iżżejjed minħabba li jekk ikun, din il-preżentazzjoni tista' ddejjaq lill-istudenti. Madankollu, jekk l-għalliem iħoss li l-istudenti huma kapaċi jifhmu sentenzi itwal, l-għalliem jista' jtawwal is-sentenzi biex b'hekk dan l-eżereċizzju jkun aktar ta' sfida għall-istudenti.

### *5.1.9 Riżorsa 10*

L-isem tar-riżorsa: Agħżel il-Parteċipju Attiv Verbali t-tajjeb

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti jridu jaqraw is-sentenza u mit-tliet parteċipji attivi verbali jridu jagħżlu l-aktar wieħed li joqgħod fl-ispazju l-vojt tas-sentenza.

Ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Kompjuter, bord interattiv, eżerċizzji bil-preżentazzjoni PowerPoint u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hija maħluqa għal dawk l-istudenti li jkunu familjari mal-kunċett tal-parteċipju attiv. Permezz ta' din l-attività, l-istudenti se jagħmlu użu mill-ħiliet tas-smigħ u l-qari. Fiha l-aktar żewġ stili ta' tagħlim li se jużaw huma:

1. L-istil viżiv se jintuża peress li l-kostruzzjoni tal-islajds se tgħin lill-istudenti jifhmu aktar dak li hu ppreżentat lilhom. Hekk ukoll, l-istil viżiv se jgħin lill-istudenti jiftakru liema kienet l-għażla t-tajba minħabba li l-parteċipju attiv verbali t-tajjeb b'mod awtomatiku se jimxi f'postu fis-sentenza filwaqt li l-parteċipju attiv verbali l-ħażin se jbiddel il-kulur tiegħu għall-aħmar;
2. L-istil loġiku, minħabba li l-istudenti jridu jaħdmu u jaħsbu liema parteċipju attiv verbali huwa korrett għal dik is-sentenza.

L-istruzzjonijiet: Il-preżentazzjoni se tiġi proġettata mill-għalliem fuq il-bord interattiv. L-istudenti se jaqraw is-sentenza, imbagħad iridu jagħżlu liema huwa l-aktar parteċipju attiv verbali addattat għas-sentenza. Wara, jagħfsu fuq it-tweġiba. B'mod awtomatiku, jekk it-tweġiba hija tajba, il-parteċipju attiv verbali jimxi  f'postu fis-sentenza, imma jekk it-tweġiba tkun ħażina, il-parteċipju attiv verbali  magħżul jinbidel f'aħmar. Dawn il-passi japplikaw għaż-żewġ eżerċizzji.

Suġġerimenti: F'din l-attività l-għalliem jista' wkoll jgħid lill-istudenti biex jingħaqdu fi gruppi żgħar ħalli qabel ma jgħidu t-tweġiba tagħhom ikunu jistgħu jiddiskutuha flimkien. B'dan il-mod l-istudenti jiddiskutu flimkien dak li jafu diġà u l-għalliem ikompli jmexxihom 'il quddiem fl-aspetti l-ġodda tal-parteċipju attiv verbali. Meta l-għalliem jagħmel hekk ikun qed jiżgura li t-tagħlim ikun qed iseħħ fiż-żona ta' żvilupp imqarreb (ara sezzjoni 2.1) kif jissuġġerixxi Vygotsky (1997) fit-teorija tiegħu tas-soċjokulturaliżmu.

### *5.1.10 Riżorsa 11*

L-isem tar-riżorsa: Aqta' x'inhu

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti fi gruppi jsewgu b'reqqa l-preżentazzjoni ħalli jiskopru liema parteċipju attiv verbali qiegħda tirrappreżenta l-istampa.

Ħidma: Xogħol fi gruppi.

L-għodda: Kompjuter, bord interattiv, eżerċizzju bil-preżentazzjoni PowerPoint, il-pinna elettronika u l-karta tat-taħriġ.

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hi maħsuba għal dawk l-istudenti li huma familjari ma' dan il-kunċett tal-parteċipju attiv. F'din l-attività l-istudenti se jagħmlu użu minn żewġ ħiliet li huma l-kitba u l-qari. Barra minn hekk, f'din ir-riżorsa l-aktar stili li l-istudenti jistgħu jħaddmu huma:

1. L-ewwel stil ta' tagħlim huwa dak viżiv minħabba li l-istudenti jridu jaraw il-kaxxi jinqelbu u mill-istampa se jiftakru aktar is-sens ta' dak il-parteċipju attiv verbali;
2. It-tieni stil huwa dak verbali peress li l-istudenti jridu jiktbu sentenza bil-parteċipju attiv verbali relatat mal-istampa u wara jaqrawha quddiem sħabhom tal-klassi.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jaqsam il-klassi fi gruppi. Kull grupp irid ikollu massimu ta' erba' studenti kif ukoll jagħżel rappreżentant. L-għalliem se jqassam karta lil kull grupp ħalli jikteb is-sentenza fuqha. Wara, l-għalliem irid jipproġetta l-preżentazzjoni PowerPoint fuq il-bord interattiv. Huwa jrid jibda jikxef l-istampa, billi jikxef x'hemm taħt kull kaxxa. Malli l-istudenti jidentifikaw x'inhu l-parteċipju attiv verbali, ir-rappreżentant bil-għajnuna tal-grupp irid jikteb sentenza bih u xħin ilesti jgħolli jdejh. Malli jsir dan, l-għalliem iwaqqaf mill-kxif tal-istampa. Ir-rappreżentant irid jaqra s-sentenza u f'dan il-mument l-għalliem jikkonferma jekk is-sentenza hijiex tajba jew ħażina. Jekk hija ħażina l-proċess tal-kxif ikompli sakemm grupp jidentifika l-parteċipju attiv it-tajjeb u jikteb sentenza korretta bih. Finalment il-grupp li jidentifika l-aktar mill-parteċipji attivi verbali jkun ir-rebbieħ ta' din l-attività.

Suġġerimenti: Din l-attività tista' tintuża fl-aħħar tal-lezzjoni biex b'hekk isservi ta' sommarju dwar is-sensi differenti li jġorr miegħu kull parteċipju attiv verbali li jkunu tgħallmu l-istudenti. Permezz ta' din ir-riżorsa l-għalliem ikun qed joffri wkoll element ta' sorpriża peress li l-istudenti ma jkunux jafu x'hemm wara dawk il-kaxxi. Dan iwassal għal aktar interattività u parteċipazzjoni min-naħa tal-istudenti fil-lezzjoni. B'dan il-mod, kif isostni Gatt (2010) (ara sezzjoni 2.3), l-għalliem ikun qed jagħmel użu tajjeb mit-teknoloġija, li tgħin lill-istudenti jitgħallmu aktar u jimxu 'l quddiem fit-tagħlim tagħhom b'mod interattiv.

### *5.1.11 Riżorsa 12*

L-isem tar-riżorsa: X'inti tara?

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti se jitkellmu quddiem sħabhom dwar x'qed jaraw fl-istampi rigward suġġett wieħed biss billi jużaw il-partċipju attiv verbali.

Ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Karta tat-taħriġ bl-istampa u karta tat-taħriġ bil-linji.

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hija maħsuba għal dawk l-istudenti li huma familjari ma' dan il-qasam grammatikali tal-parteċipju attiv. Matul din l-attività l-istudenti se jużaw tliet ħiliet, li huma t-taħdit, il-kitba u s-smigħ. Hekk ukoll din ir-riżorsa tista' tkopri tliet stili ta' tagħlim:

1. L-istil viżiv qed jitħaddem peress li l-istudenti jridu jaraw ammont ta' stampi dwar l-istess suġġett u jridu jiktbu ftit sentenzi dwarhom;
2. L-istil awditorju qed jiġi applikat minħabba li l-istudenti jridu jsemmgħu lil xulxin dak li jkunu kitbu qabel dwar l-istampi;
3. L-istil kinestetiku se jiġi applikat peress li l-istudenti qed joħorġu jagħmlu preżentazzjoni ta' dak li jkunu kitbu quddiem sħabhom.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jistieden lill-istudenti biex wieħed wieħed quddiem sħabhom tal-klassi jitkellmu dwar suġġett wieħed minn dawn it-tlieta, li huma: is-sajf, in-natura u x-xogħol fir-restoranti. L-istudenti jridu jagħżlu l-karta li fuqha hemm l-istampi dwar dak is-suġġett partikolari u mbagħad jiddeskrivu x'qed jaraw billi jużaw il-parteċipju attiv verbali. Il-kelliem għandu 5 minuti ċans biex jagħmel dan. L-istudenti min-naħa l-oħra jridu jisimgħu x'qed jgħid il-kelliem u jridu jiktbu s-sentenza li fiha tinkludi l-parteċipju attiv verbali. Xħin kulħadd ilesti jridu jaqraw dawk is-sentenzi li jkunu kitbu.

Suġġerimenti: L-istampi użati, b'mod speċjali f'din ir-risorsa, huma meħuda minn kuntesti li jħobbu jagħmlu ħafna l-istudenti. B'dan il-mod meta l-għalliem jagħmel użu minnhom, ikun qed jgħaqqad id-dinja ta' barra li jgħixu fiha l-istudenti ma' dik tal-klassi. B'din il-prattika l-għalliem ikun qed iħaddan dak li jistqarr Dewey (1986) (ara sezzjoni 4.2.2) fit-teorija tiegħu li

l-għalliem għandu jżomm id-dinja ta' barra u d-dinja li qed tinħoloq fil-klassi f'armonija waħda.

### *5.1.12 Riżorsa 13*

L-isem tar-riżorsa: X'qed jagħmlu l-istampi animati?

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti jridu janalizzaw l-istampi animati ħalli b'hekk permezz tal-kitba fil-linji l-vojta jiktbu 3 sentenzi dwar kull stampa, b'waħda minnhom ikollha l-użu korrett tal-partiċipju attiv verbali.

Ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Kompjuter, eżerċizzju bil-preżentazzjoni PowerPoint u l-karti tat-taħriġ.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa hija effettiva għal dawk l-istudenti li għandhom kunfidenza fl-użu tal-partiċipju attiv verbali fil-Malti. Iż-żewġ ħiliet li se jħaddmu l-istudenti matul din ir-riżorsa huma l-qari u l-kitba. Fost l-istili ta' tagħlim, din ir-riżorsa l-aktar li tinkludi huma tlieta:

1. L-istil viżiv qed jintuża peress li l-istudenti se jaraw l-istampa animata u minnha jridu joħorġu s-sens tal-partiċipju attiv verbali;
2. L-istil loġiku qed jintuża peress li l-istudenti jridu janalizzaw u jaħsbu x'qed tirrappreżenta l-istampa, il-messaġġ li fiha;
3. L-istil verbali se jiġi applikat peress li l-istudenti jridu jiktbu t-tliet sentenzi dwar l-istampi li jkunu analizzaw aktar kmieni mbagħad jaqrawhom quddiem sħabhom.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jqassam kopja tal-karta tat-taħriġ li fiha se jkun hemm il-linji li fuqhom iridu jiktbu l-istudenti. Imbagħad l-għalliem se jipproġetta l-preżentazzjoni Powerpoint fuq il-bord interattiv. L-istudenti jridu jiflu bir-reqqa l-istampi animati u jiktbu 3 sentenzi sempliċi dwarhom, b'waħda minnhom tinkludi l-użu tajjeb tal-parteċipju attiv verbali u s-sens tiegħu. Fl-aħħar l-istudenti jridu jaqraw dak li jkunu kitbu.

Suġġerimenti: Meta l-istampi jkunu animati, l-istudenti jistgħu jindunaw b'mod aktar faċli s-sens li qed iwasslu l-istampi milli meta jkunu statiċi. Għalhekk meta l-għalliem juża dawn it-tipi ta' stampi l-istudenti se jieħdu aktar pjaċir u b'konsegwenza t'hekk huma se jkunu aktar motivati biex jitgħallmu. Meta l-għalliem ikun qed jgħin lill-istudenti jkunu motivativi waqt it-tagħlim, kif issostni Houcine (2011) (ara sezzjoni 2.3), huma se jitgħallmu l-lingwa barranija aktar malajr. Bħala taħriġ alternattiv, l-għalliem jista' jippreżenta l-istampa biss lill-istudenti bla ma jurihom il-kelma li tindikalhom kif għandhom jibdew is-sentenza.

### *5.1.13 Riżorsa 14*

L-isem tar-riżorsa: Konverżazzjoni bejn ġurnalist u kantanta

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti jsegwu l-konverżazzjoni u jwieġbu l-mistoqsijiet dwarha. Fl-aħħar iridu jipparteċipaw f'taħdita bejniethom.

Ħidma: Xogħol individwali u fi gruppi.

L-għodda: Kompjuter, speakers, silta rrekordjata tal-qari u l-karti tat-taħriġ.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa hija maħluqa għal dawk l-istudenti li huma familjari mal-parteċipju attiv. Permezz tagħha l-istudenti se jagħmlu użu minn tliet ħiliet tal-lingwa, li

huma s-smigħ, il-kitba u t-taħdit. Hekk ukoll bħala stili differenti ta' tagħlim f'din ir-riżorsa l-istudenti jistgħu jużaw diversi minnhom. Fosthom insibu:

1. L-istil viżiv, peress li d-djalogu huwa animat u fih l-istudenti jistgħu jaraw il-karattri li qed jitkellmu;
2. L-istil awditorju, peress li l-istudenti jridu jsewgu t-taħdita bir-reqqa ħalli jkunu jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet;
3. L-istil kinestetiku,  peress li l-istudenti fl-aħħar iridu jieħdu sehem f'logħba ta' rwol bejniethom;
4. L-istil loġiku, peress li l-istudenti jridu jikkonċentraw u jaħsbu fid-dettall fuq dak li qiegħed jingħad, kif ukoll fil-logħba ta' rwol iridu jaħsbu kif se jużaw il-parteċipju attiv verbali waqt it-taħdit tagħhom;
5. L-istil verbali, minħabba li l-istudenti qed jużaw il-kitba u l-kliem biex iwasslu t-tweġibiet tagħhom dwar dak li fehmu fl-eżerċizzji.

<u>L-istruzzjonijiet:</u> L-għalliem se jqassam il-karta tat-taħriġ bil-mistoqsijiet. Imbagħad l-għalliem irid jagħti ftit tal-ħin ħalli l-istudenti jaqraw il-mistoqsijiet. Wara, l-istudenti jintalbu jsegwu l-konverżazzjoni u mbagħad jerġgħu jingħataw ftit tal-ħin biex iwieġbu l-mistoqsijiet. Finalment l-istudenti jerġgħu jsegwu l-konverżazzjoni biex ikollhom ċans jimlew il-mistoqsijiet li jkunu ħallew barra u fl-istess ħin jirrevedu dawk li jkunu diġà mlew. Xħin ilestu minn dan l-eżerċizzju l-istudenti se jieħdu sehem f'taħdita bejniethom billi jużaw tajjeb il-forom u s-sens tal-parteċipju attiv verbali.

<u>Suġġerimenti:</u> Din ir-riżorsa hija ta' benefiċċju kbir għall-istudenti minħabba li permezz tagħha fil-klassi qed jipprattikaw il-mod ta' kif għandu jintuża l-parteċipju attiv verbali fid-

dinja lil hinn mill-klassi. Meta l-għalliem ikun qiegħed jinkoraġġixxi dawn it-tipi ta' eżerċizzji, hekk kif tikkummenta Hymes (1972) (ara sezzjoni 4.2.2), l-istudenti mhux biss qed jitgħallmu l-istrutturi grammatikali imma qed jagħmlu użu minnhom fl-aspett komunikattiv.

### *5.1.14 Riżorsa 15*

<u>L-isem tar-riżorsa:</u> Fittex il-pari

<u>L-għan tar-riżorsa:</u> L-istudenti jridu jaqraw is-sentenzi li jinkludu l-parteċipju attiv verbali u janalizzaw l-istampi bir-reqqa ħalli jkunu kapaċi jirrelataw is-sens li hemm fl-istampa ma' dak tas-sentenzi.

<u>Ħidma:</u> Xogħol individwali.

<u>L-għodda:</u> Kompjuter, bord interattiv, attività interattiva u l-pinna elettronika.

<u>Deskrizzjoni tal-attività:</u> Din ir-riżorsa hija maħluqa għal dawk l-istudenti li għandhom ħakma tajba tal-parteċipju attiv verbali. Fiha l-istudenti se jħaddmu żewġ ħiliet, li huma l-qari u s-smigħ. Mill-istili differenti ta' tagħlim, l-aktar tlieta li tkopri din ir-riżorsa huma:

1. L-ewwel stil huwa dak viżiv, peress li l-istudenti jridu janalizzaw l-ammont ta' stampi li mbagħad iridu jgħaqqduhom mal-istampa;
2. It-tieni stil huwa dak loġiku, peress li l-istudenti jridu jagħrfu s-sens li hemm wara s-sentenzi u l-istampi ħalli wara jgħaqqduhom flimkien;
3. It-tielet stil huwa l-kinestetiku, peress li l-istudenti jridu jkunu attivi għax se jqumu minn posthom u jimmarkaw it-tweġiba t-tajba.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem irid jipproġetta din l-attività fuq il-bord interattiv. L-għalliem se jqabbad numru ta' studenti biex jaqraw is-sentenzi li fihom il-parteċipju attiv verbali fil-klassi b'vuċi għolja u li tinstema' mill-bqija tal-klassi. Imbagħad irid jagħti 5 minuti ċans biex l-istudenti jkunu jistgħu janalizzaw l-istampi. Malli jgħaddi l-ħin l-għalliem jibda joħroġ lill-istudenti biex jgħaqqdu s-sentenzi mal-istampi u b'hekk jibdew jingħaqdu l-pari flimkien. Fl-aħħar, b'mod awtomatiku, il-kompjuter se jimmarka t-tweġibiet tajbin bil-kulur aħdar filwaqt li dawk li huma ħżiena se jimmarkahom bil-kulur aħmar. L-għalliem jerġa' jqabbad lill-istudenti biex jirranġaw dawk il-pari li huma bl-aħdar u jsibu l-par it-tajjeb għalihom sakemm finalment il-pari kollha jiġu mmarkati bl-aħdar.

Suġġerimenti: Jekk l-għalliem iħoss li din l-attività aħjar tinħadem fi grupp tista' ssir ukoll minflok issir b'mod individwali. Dan jista' jagħmlu billi l-ewwel jara min jixtieq jaħdem fi gruppi, imbagħad jifforma l-gruppi ħalli finalment rappreżentant minn kull grupp joħroġ jimmarka t-tweġibiet li jkunu mmarkaw hu u sħabu bħala grupp. Meta l-għalliem jagħti l-opportunità lill-istudenti tiegħu sabiex jaħdmu fi gruppi, skont Portelli u Camilleri Grima (2017), l-għalliema jkunu qed iħaddnu aktar il-filosofija ta' sistema ta' tagħlim li tinkoraġġixxi lill-istudent li jkun aktar awtonomu.

### *5.1.15 Riżorsa 16*

L-isem tar-riżorsa: Fittex il-parteċipji attivi verbali mill-fittiexa u użahom fis-sentenzi t'hawn taħt

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti jridu jfittxu l-għaxar parteċipji attivi verbali fil-fittiexa u wara jużawhom fl-ispazju l-vojt li hemm fis-sentenzi.

Ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Il-karta tat-taħriġ.

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hija maħluqa għal dawk l-istudenti li għandhom ħakma tajba ħafna tal-kunċett grammatikali tal-parteċipju attiv verbali. Il-ħiliet li se jħaddmu l-istudenti f'din ir-riżorsa huma l-kitba u l-qari. Fost l-istili ta' tagħlim l-istudenti se jużaw l-aktar:

1. L-istil viżiv, peress li huma jridu jfittxu l-parteċipji attivi verbali u wara jdaħħluhom fis-sentenzi. Hemm diversi stampi li jistgħu jgħinuhom u anke kif inhuma mqassma l-eżerċizzji għandhom jgħinuhom biex jikkonċentraw aktar;
2. L-istil verbali, peress li l-istudenti jridu jiktbu u jużaw il-kliem biex jimlew l-ispazju l-vojt li hemm fis-sentenzi.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jagħti kopja ta' dawn it-taħriġiet lill-istudenti. L-istudenti se jeżaminaw il-fittiexa li hemm fl-ewwel eżerċizzju u wara jridu jsibu għaxar parteċipji attivi verbali. Imbagħad iridu jaħdmu t-tieni eżerċizzju billi jiktbu l-parteċipji attivi verbali fil-linji l-vojta ħalli b'hekk ikunu jistgħu jużawhom b'mod korrett fl-ispazju l-vojt li hemm fis-sentenzi. B'dan il-mod huma qed ikomplu jitgħallmu kif jużawhom bi grammatika korretta.

Suġġerimenti: Din ir-riżorsa fiha żewġ eżerċizzji li mhumiex simili ta' xulxin imma huma fi gradazzjoni. B'dawn l-eżerċizzji differenti l-għalliem fil-klassi jkun qed joffri varjetà fix-xogħol li jridu jaħdmu l-istudenti. Barra minn hekk, l-istudenti ma jaqgħux f'monotonija imma b'dan il-mod l-għalliem ikun qed jolqot il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet ta' kull student. Portelli u Camilleri Grima (2017) jisħqu fuq l-importanza tal-gradazzjoni fl-eżerċizzji ħalli b'hekk l-għalliem ikollu idea ċara ta' x'inhi l-abbiltà tal-istudent f'dak il-qasam partikolari.

Hekk ukoll fl-aħħar ta' kull eżerċizzju l-għalliem jista' jqabbad lill-istudenti jaqraw it-tweġibiet li jkunu kitbu ħalli b'hekk iħaddem ukoll l-istil awditorju waqt din ir-riżorsa u fl-istess ħin, l-istudenti jkunu qed jaqsmu t-tweġibiet flimkien.

### *5.1.16 Riżorsa 17*

L-isem tar-riżorsa: Imla l-vojt

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti jridu jaqraw is-sentenza u jimlew l-ispazju l-vojt bil-parteċipju attiv verbali.

Ħidma: Xogħol individwali.

L-għodda: Kompjuter, bord interattiv, eżerċizzju interattiv u l-pinna elettronika.

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hija maħluqa għal dawk l-istudenti li huma midħla sew ta' dan is-suġġett. F'din l-attività huma se jagħmlu użu minn tliet ħiliet tal-lingwa, li huma l-qari, is-smigħ u l-kitba. Bħala stili differenti ta' tagħlim, l-iżjed li se jħaddmu l-istudenti huma:

1. L-istil viżiv, peress li hemm l-użu ta' kuluri differenti u anke l-mod ta' kif inhuma użati l-kuluri qed iwasslu messaġġ lill-istudenti. Dan minħabba li l-kulur aħmar ifisser li t-tweġiba mhijiex korretta filwaqt li aħdar ifisser li t-tweġiba hija korretta;
2. L-istil loġiku, peress li l-istudenti jridu jaħsbu sew biex mill-għerq joħorġu l-parteċipju attiv verbali t-tajjeb skont is-sens tas-sentenza;
3. L-istil kinestetiku, peress li l-istudenti se jqumu minn posthom u jwieġbu l-mistoqsijiet fuq il-bord interattiv.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se juri dan l-eżerċizzju fuq il-bord interattiv. Imbagħad irid iqabbad student wieħed wara l-ieħor ħalli jaqraw sentenza u jgħidulu l-forma l-korretta tal-partiċipju attiv verbali. Kull sentenza għandha l-parentesi tondi u fihom hemm l-għerq tal-partiċipju attiv verbali li jrid jintuża. Malli l-istudenti jdaħħlu t-tweġiba, il-kompjuter se jindika jekk it-tweġiba hijiex tajba jew ħażina bil-kulur aħdar u aħmar. Il-bqija tal-istudenti fil-kamra jridu jiktbu s-sentenzi kollha fuq il-karta ħalli jkunu qed jipparteċipaw ukoll.

Suġġerimenti: Jekk l-għalliem iħoss li għandu studenti li fehmu u jafu aħjar il-kunċett tal-partiċipju attiv verbali, jista' wkoll jadatta r-riżorsa billi jneħħi l-għerq tal-partiċipju attiv verbali. B'dan il-mod l-istudenti jkollhom jaħsbu aktar fil-fond biex jaslu għat-tweġiba t-tajba. Hekk ukoll matul din ir-riżorsa, l-għalliem irid jgħin lill-istudenti biex jagħtu kas ta' x'qed jirrappreżentaw il-kuluri użati, jiġifieri l-aħdar ifisser it-tajba u l-aħmar il-ħażina, kif ukoll il-mod ta' kif inhuma mqassmin is-sentenzi fiha. Dan minħabba li kif jargumenta Fleming (2001) (ara sezzjoni 2.3.1), meta l-istudenti jkunu sensittivi għall-messaġġ li hemm wara l-kuluri u l-kostruzzjoni ta' kif il-kontenut huwa mqassam, l-istudenti se jirċievu u jifhmu l-kontenut tal-klassi b'mod aktar faċli.

### *5.1.17 Riżorsa 18*

L-isem tar-riżorsa: Imla l-ispazju l-vojt bil-forma t-tajba tal-partiċipju attiv verbali

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti jridu jaqraw is-sentenza u jimlew l-ispazju l-vojt bil-forma t-tajba tal-partiċipju attiv verbali.

L-għodda: Kompjuter, bord interattiv, eżerċizzju interattiv, pinna elettronika u l-karti tal-flus fittizji.

Ħidma: Xogħol fi grupp.

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hija maħluqa għal dawk l-istudenti li huma kunfidenti ħafna fl-użu tal-kunċett grammatikali tal-parteċipju attiv verbali tal-Malti. Matul din ir-riżorsa, l-istudenti se jagħmlu użu minn żewġ ħiliet, li huma l-qari u s-smigħ. Mill-istili differenti ta' tagħlim l-aktar li tkopri huma:

1. L-istil viżiv, peress li l-istudenti jridu jaqraw kemm il-mistoqsija kif ukoll it-tweġibiet. L-isfond huwa addattat għall-kwiżż u l-kuluri jikkuntrastaw sew ma' xulxin;
2. L-istil awditorju, minħabba li l-istudenti se jisimgħu lil xulxin jaqraw kif ukoll skont il-ħoss li se jisimgħu malli jagħfsu t-tweġiba se jindunaw jekk ma ġabux it-tweġiba tajba jew ħażina;
3. L-istil kinestetiku se jiġi mħaddem peress li l-istudenti jridu jqumu minn posthom biex jimmarkaw it-tweġiba t-tajba.
4. L-istil loġiku, għax matul dan l-eżerċizzju jridu jirraġunaw ma' sħabhom biex jagħrfu liema hi t-tweġiba t-tajba mill-għażla li għandhom.

L-istruzzjonijiet: Din l-attività hija forma ta' kwiżż li fiha l-istudenti se jirbħu ammont ta' 'flus' għal kull tweġiba tajba. Aktar ma jgħidu tweġibiet tajbin aktar se jirbħu flus b'mod virtwali. L-għalliem se jaqsam il-klassi fi 3 gruppi. Fl-istess ħin l-għalliem se jipproġetta din l-attività fuq il-bord interattiv. Kull grupp se jkollu 6 sentenzi li huma uniċi għalih biss. L-għalliem se jibda mill-ewwel grupp u student minn kull grupp se jaqra s-sentenza li hemm fuq il-bord. Il-grupp irid jagħżel l-għerq it-tajjeb mil-lista li għandu u wara jrid joħroġ bil-forma t-tajba tal-parteċipju attiv verbali. Jekk jonqos milli jagħmel dan, l-għalliem jgħodd kemm ikun ġemma'

punti dak il-grupp partikolari. Wara jgħaddi għall-grupp li jkun imiss. Fl-aħħar tal-kwiżż l-għalliem jiġbor il-punti kollha u jara min hu r-rebbieħ.

Suġġerimenti: Meta l-għalliem ikun se juża din il-logħba tal-kwiżż ikun qed joħloq ambjent ferrieħi fil-klassi li permezz tiegħu, l-istudenti qed jitgħallmu, jipparteċipaw aktar, tiżdied il-motivazzjoni u fl-istess ħin qed jintlaħaq l-għan tal-lezzjoni. Kif jikteb Uberman (1998), meta l-logħob jintuża b'mod intelliġenti mill-għalliem waqt it-tagħlim tal-lingwa fil-klassi, dan jinkoraġġixxi, jagħti pjaċir, jgħallem, kif ukoll jippromwovi lill-istudenti sabiex ikunu fluwenti u jipprattikaw il-ħila tal-komunikazzjoni.

### *5.1.18 Riżorsa 19*

L-isem tar-riżorsa: Fehim mis-smigħ

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti jridu jisimgħu b'attenzjoni s-silta u jwieġbu l-mistoqsijiet dwarha.

L-għodda: Is-silta tal-qari u l-karti tat-taħriġ.

Ħidma: Xogħol individwali.

Deskrizzjoni tal-attività: Din l-attività hija effettiva għal dawk l-istudenti li jħossuhom komdi ħafna fl-użu tal-parteċipju attiv verbali. F'din ir-riżorsa, l-istudenti se jħaddmu l-ħiliet tas-smigħ, il-qari u l-kitba. Matulha, l-aktar stili ta' tagħlim li se jiġu mħaddma huma:

1. L-istil viżiv, peress li l-istudenti jistgħu jaraw u jifhmu b'mod ċar kif l-eżerċizzji huma mqassmin fil-karta tat-taħriġ;

2. L-istil awditorju, peress li l-istudenti jridu jisimgħu b'mod ċar dak li qed jingħadilhom ħalli mbagħad ikunu jistgħu jwieġbu l-eżerċizzji;
3. L-istil verbali, peress li l-istudenti qed jużaw il-kitba biex jimlew il-vojt tal-eżerċizzju;
4. L-istil loġiku, peress li l-istudenti qabel ma jimlew il-vojt iridu jirraġunaw u joqogħdu attenti liema huwa l-partiċipju attiv verbali t-tajjeb.

<u>L-istruzzjonijiet:</u> L-għalliem jibda billi jqassam il-karta tat-taħriġ wiċċha 'l isfel. Wara li jagħmel dan jgħid lill-istudenti biex idawruha wiċċha 'l fuq. L-għalliem se jagħti 3 minuti ċans biex l-istudenti jaqraw u jistudjaw sew dak li qed jiġi mitlub minnhom. Malli jgħaddi l-ħin l-għalliem se jibda jaqra s-silta għall-ewwel darba. L-istudenti f'dan il-ħin iridu joqogħdu attenti biex jisimgħu s-silta b'reqqa kbira u jiftakru kemm jista' jkun dettalji għax s'issa huma mhu se jkunu jistgħu jiktbu xejn. Malli jlesti l-qari, l-għalliem jagħmel sinjal biex l-istudenti jibdew jimlew it-taħriġiet. L-istudenti jingħataw 7 minuti biex jagħmlu dan ix-xogħol. Malli jgħaddi l-ħin, l-għalliem javża lill-istudenti li se jerġa' jibda jaqra s-silta għall-aħħar darba imma issa l-istudenti jistgħu jiktbu u jimlew l-ispazji l-vojta li jkun għad fadlilhom. Wara li l-għalliem jispiċċa mill-qari jagħti 3 minuti ċans biex l-istudenti jiffinalizzaw il-karta ħalli mbagħad jiġborha.

<u>Suġġerimenti:</u> L-għalliem permezz ta' dan it-taħriġ il-fehem irid jiżgura ruħu li l-istudenti qed jifhmu t-tifsiriet differenti tal-partiċipju attiv verbali li qed jissemmew f'din is-silta, u dan jista' jagħmlu billi jevalwa l-eżerċizzji li ħloqt jiena u li jkunu ħadmu l-istudenti. B'dan il-mod, anke waqt din ir-riżorsa l-istudenti xorta waħda huma attivi minħabba li l-ewwel qed jisimgħu, imbagħad jifhmu l-kontenut sħiħ. Hekk kif jistqarr Rost (1991, p. 6) f'Portelli u Camilleri Grima (2002), 'is-smigħ huwa proċess attiv tal-ħsieb f'ġirja wara l-kisba tat-tifsir'.

### *5.1.19 Riżorsa 20*

L-isem tar-riżorsa: Ikteb sentenza li fiha tinkludi l-parteċipju attiv verbali ta' dawn l-istampi

L-għan tar-riżorsa: L-istudenti jridu jiktbu sentenza relatata mal-istampa fl-ispazju l-vojt biex b'hekk jipprattikaw is-sens tal-parteċipju attiv verbali permezz tal-kitba. Din l-attività għandha ssir l-aħħar waħda fil-klassi biex nikkonkludu din it-tema.

L-għodda: Il-karta tat-taħriġ.

Ħidma: Xogħol individwali.

Deskrizzjoni tal-attività: Din ir-riżorsa hija mmirata għal dawk l-istudenti li għandhom ħakma tajba tal-parteċipju attiv verbali. F'din ir-riżorsa, l-istudenti se jagħmlu użu minn żewġ ħiliet, li huma l-qari u l-kitba. Fost l-istili differenti ta' tagħlim, din ir-riżorsa tkopri l-iżjed:

1. L-istil viżiv, peress li l-istudenti għandhom l-istampi u l-kliem fil-kaxxi x'jaraw biex ikunu jistgħu jiffurmaw is-sentenza bit-tifsira u l-parteċipju attiv verbali;
2. L-istil awditorju, minħabba li l-istudenti jridu jisimgħu dak li kitbu sħabhom fis-sentenzi;
3. L-istil verbali, peress li l-istudenti jridu jiktbu sentenza dwar l-istampa bl-użu tal-parteċipju attiv verbali u l-kliem li għandhom fil-kaxxi;
4. L-istil loġiku, peress li dan l-eżerċizzju jirrikjedi ammont ta' ħsieb biex jaslu għal dak li huwa mitlub mingħandhom b'mod korrett;
5. L-istil kinestetiku, peress li l-istudenti jridu joħorġu barra minn posthom u jippreżentaw quddiem sħabhom tal-klassi dak li kitbu.

L-istruzzjonijiet: L-għalliem se jqassam kopja ta' dan it-taħriġ lill-istudenti. L-istudenti se jaraw l-istampa dwar xiex inhi u fil-linji ta' taħt iridu jiktbu sentenza li fiha jinkludu l-parteċipju attiv. Taħt kull stampa l-istudenti għandhom 5 kelmiet (nomi u aġġettivi) relatati magħha li jistgħu jużawhom biex jibnu s-sentenza tagħhom. L-istudenti jistgħu jagħżlu kelmiet differenti minn dawk li hemm fil-kaxxi kif ukoll iħallu xi kelmiet barra. Fl-aħħar l-għalliem joħroġ lill-istudenti biex jaqraw uħud mis-sentenzi li jkunu kitbu.

Suġġerimenti: L-għalliem meta juża din it-tip ta' riżorsa jista' jinnota li l-istampi għandhom għan kruċjali peress li kif jisħaq Joklová (2009), l-istampi mhumiex biss riflessjoni tar-realtà li teżisti imma għandhom il-funzjoni li joħolqu element u atmosfera ta' gost fil-klassi. B'hekk, bl-għajnuna tal-istampi flimkien mal-kliem li hemm fil-kaxxi, l-istudenti se jkunu motivati biex jesprimu l-kreattività tagħhom permezz tas-sentenza b'mod aktar faċli.

### 5.2.1. Konklużjoni

Matul dan il-kapitlu tajt ħarsa dettaljata tar-riżorsi li ħloqt għal din it-teżi. Permezz tagħhom, l-istudenti dejjem qed jitgħallmu imma fl-istess ħin hemm ukoll l-element ta' pjaċir. Dawn ir-riżorsi huma maħluqa biex iżommu l-esperjenza edukattiva daqstant rikka. Il-varjetà li joffri dan il-pakkett għandha tgħin lill-għalliem biex waqt il-lezzjoni jmur lil hinn mill-ispjegazzjoni twila min-naħa tiegħu biss. Hekk ukoll meta l-għalliem jagħmel użu minn dawn ir-riżorsi jkun qed jimxi lil hinn mill-idea ta' studenti passivi imma permezz tagħhom, huma se jkunu aktar attivi u b'hekk tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fil-lezzjoni. Kif jistqarru Estaire u Zanon (1994), l-effettività tar-riżorsi fil-klassi tiddependi minn kif l-għalliem jistrutturahom skont l-għan li jrid jilħaq.

# 6. Il-Konklużjoni

Il-qofol ta' din it-teżi kien li noħloq pakkett tar-riżorsi li bihom l-istudenti se jitgħallmu kif jużaw il-parteċipju attiv verbali Semitiku b'mod korrett kif ukoll jagħrfu t-tipi differenti ta' tifsiriet li hemm marbutin ma' kull wieħed. Bħala parteċipji attivi verbali ffukajt fuq għaxra, li huma: *riesaq, sejjer, għaddej, ġej, miexi, tielaq, ħiereġ, dieħel, tiela'* u *nieżel*. Fil-pakkett tar-riżorsi, l-għalliem għandu varjetà wiesgħa minn fejn jista' jagħżel. Ir-riżorsi b'mod ġenerali jinqasmu fi tnejn: tradizzjonali u moderni. Ir-riżorsi jikkonsistu f'leħħiet, kwiżis, karti tat-taħriġ, logħob ta' rwol u logħob interattiv. Kull riżorsa tinkludi l-informazzjoni kollha li għandu bżonn l-għalliem biex ikun jista' jużaha. Din tikkonsisti fil-ħiliet li se tolqot, l-għan, l-istruzzjonijiet, il-livell ta' diffikultà u t-tweġibiet. Il-pakkett tar-riżorsi huwa gradat, bl-eħfef waħda tinsab fuq quddiem.

Apparti r-riżorsi ħadt sehem ukoll fil-proġett MaltiTek, li fih ikkoreġejt il-familja kollha tal-għaxar verbi (*resaq, għadda, ġie, mar, tela', niżel, ħareġ, daħal, mexa* u *telaq*) li huma morfoloġikament assoċjati mal-parteċipju attiv verbali. B'dan il-mod l-għalliem għandu aktar għajnuna minħabba li waqt il-lezzjoni jista' jidħol fil-'Ġabra' u jara l-familja kollha ta' kull verb.

### 6.1 Xi diffikultajiet

Matul din ir-riċerka ltqajt ma' diversi diffikultajiet: l-ewwel diffikultà kienet li oriġinarjament il-pjan kien li nagħmel tletin riżorsa imma waqt il-ħidma tagħhom irrealizzajt li dawn jirrikjedu aktar ħin minn dak li ħsibt u għalhekk kelli nnaqqas l-ammont ta' riżorsi għal għoxrin. Għaldaqstant stajt niddedika aktar ħin fuq kull riżorsa biex b'hekk jintlaħaq aktar l-għan ewlieni.

Diffikultà oħra marbuta mar-riżorsi kienet il-limitazzjoni fil-programmi li nqdejt bihom peress li ħafna mill-programmi li kelli bżonn jirrikjedu liċenzja apposta biex tħaddimhom. F'ħafna mid-drabi biex seta' jingħatali l-permess għal din il-liċenzja ridt inħallas ammont ta' flus u għalhekk ma tantx stajt inkun liberu biex nuża l-programmi li rrid. Hekk ukoll qabel ma nużahom idealment kien ikun meħtieġ li nieħu ammont ta' taħriġ fuqhom biex insir naf kif nista' nutilizzahom bl-aħjar mod. Din fiha nnifisha tirrikjedi ħafna prattika u ħin. Din ir-raġuni kompliet tillimitali l-għażla tal-programmi li xtaqt nuża.

L-aħħar diffikultà li sibt waqt il-ħolqien tar-riżorsi kienet li xi kultant il-materjal kien ikun daqsxejn problematiku biex jinstab. Dan minħabba li mhux dejjem kont insib l-istampi, il-kuluri jew l-isfond li nkun nixtieq, u għalhekk kont nieħu ammont konsiderevoli ta' ħin sakemm insib dak li nkun irrid. B'dan biss stajt inkompli nassigura li r-riżorsi li ħloqt ikunu ta' kwalità tajba.

### 6.2 Għal quddiem

Peress li dawn ir-riżorsi ma ġewx implimentati fil-klassi jew diskussi ma' xi għalliema, nissuġġerixxi li jista' jsir studju biex dan iseħħ. B'dan il-mod tkun qed tingħata l-opportunità biex jiġu misħarrġa aħjar l-effetti li għandhom dawn ir-riżorsi fil-lezzjonijiet tal-parteċipju attiv verbali Semitiku fuq dawk l-istudenti li qed jistudjaw il-Malti bħala lingwa barranija. Hekk ukoll, b'riżultat ta' dan l-istudju, ir-riżorsi jistgħu jiġu modifikati skont is-suġġerimenti tal-għalliema u minn dak li jiskopru tul l-istudju tagħhom. B'hekk tkompli tiżdied il-validità u l-effiċjenza tagħhom kif ukoll ikunu indirizzati aħjar il-bżonnijiet tal-istudenti waqt it-tagħlim.

Ikun tassew interessanti jekk bl-istess mod kif ħloqt ir-riżorsi għall-parteċipju attiv verbali Semitiku jinħolqu wkoll riżorsi ġodda għall-kategorija prinċipali l-oħra tal-parteċipju

attiv, li hija dik stativa. Dan minħabba li dan l-istudju jiffoka biss fuq il-kategorija dinamika u għalhekk hemm ukoll il-possibbilità li riżorsi simili jinħolqu għall-parteċipji attivi stativi.

Ir-riżorsi maħluqa f'din it-teżi ma huma marbuta mal-ebda pjan tal-lezzjoni u għalhekk 'il quddiem jistgħu jinħolqu diversi pjanijiet tal-lezzjoni li fihom jinkludu dawn ir-riżorsi. B'dan il-mod ukoll l-għalliema jkunu aktar konxji ta' kif għandhom jużawhom fil-lezzjonijiet tagħhom.

Minbarra l-ħolqien tar-riżorsi jista' wkoll isir impenn akbar biex il-parteċipju attiv b'mod ġenerali jingħata aktar importanza fis-sillabi minħabba li s'issa dan għadu kemxejn limitat. B'dan il-mod l-istudenti jkollhom aktar għarfien ġenerali dwar il-lingwa li huma jkunu qed jitgħallmu.

**6.3 Għarfien ġdid**

Permezz ta' din it-teżi wessajt l-għarfien tiegħi f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tar-riżorsi waqt il-lezzjoni. Matul il-ħolqien tal-pakkett tar-riżorsi nnutajt kemm ir-riżorsi huma ta' importanza fil-lezzjonijiet u anke l-effett pożittiv li jistgħu jħallu waqt il-proċess tat-tagħlim. B'dan il-mod sirt konxju kemm l-għalliem irid jipprepara sew ir-riżorsi tiegħu skont l-għan li jrid jilħaq bihom tul il-lezzjoni.

Waqt din il-ħidma ntbaħt kemm hemm fatturi li jridu jiġu mħarsa biex ir-riżorsi jakkomodaw l-interess tal-istudenti, bħall-kunsiderazzjonijiet soċjali, id-diversità, l-istil tat-tagħlim, id-disinn tekniku, il-kontenut u l-bqija. Hekk ukoll tgħallimt kemm hija importanti li permezz tar-riżorsi magħżula għall-klassi, l-istudenti jeħtiġilhom li jitgħallmu l-lingwa biex ikunu jistgħu jirrelataw mad-dinja ta' barra, u mhux tinżamm fil-konfini tal-klassi biss, ħalli b'hekk apparti li jimxu 'l quddiem fl-esperjenza edukattiva tagħhom l-istudenti jinqdew f'dak

kollu li jkollhom bżonn fil-ħajja ta' kuljum lil hinn mill-iskola u jintegraw fil-komunità fejn hi mitkellma din il-lingwa.

# Biblijografija


Afolayan, A., Hilken, P., & Macauley, J. I. (1980). *Teaching Primary English*. London: Longman.

Aguis, S. S.,  Giordano, C., u Scicluna, K. (2018). *Inħaddem il-Malti Tajjeb – Manwal Prattiku tal-Grammatika.* Malta: BDL Publishing.

Altun, M. (2015). The Integration of Technology into Foreign Language Teaching. *International Journal on New Trends in Education and Their Implications, 6(1),* 22–27.

Anderson, J. (2005). *Mechanically Inclined.* Portland: Maine: Stenhouse Publishers.

Aquilina, J. (1979). *Arabic Maltese Comparative Grammar*. Malta: Interprint Ltd.

Bennett, G. R. (2010). *Using Corpora in the Language Learning Classroom: Corpus Linguistics for Teachers*. Ann Arbor, MI: University of Michigan Press.

Blagojevic, B., Chevalier, S., MacIsaac, A., Hitchcock, L., & Frechette, B. (2010). Young Children and Computers, Story Telling and Learning in Digital Age. *TYC magazine*, 3 (5). Aċċessat fis-17 ta' Settembru 2018 minn https://www.naeyc.org/files/tyc/file/TYC_V3N4_Blagojeviceexpanded.pdf

Borg, A. (1988). *Ilsienna: Studju Grammatikali*. Malta: Pen Print Ltd.

Boualem , B. (2012). The Effects of Using ICT on EFL Learners' Motivation Case Study of Master 2 Students of Didactics of English as a Foreign Language. *International Conference ICT for Language Learning*. Aċċessat fl-10 ta' Settembru 2018 minn https://conference.pixel-online.net/ICT4LL/files/ict4ll/ed0009/FP/3162-ICL2018-FP-ICT4LL9.pdf

Brother, H. (1980). *Grammatika Maltija*. Malta: De La Salle Publications.

Camilleri Grima, A. (2015). Exploring the Acquisition of Tense and Aspect by Adult Foreign Learners of Maltese. *Malta Review of Educational Research*, *9 (1),* 57–75.

Camilleri Grima, A. (2016). *Bil-Qatra l-qatra ...: Learning Maltese as a Foreign Language.* Malta: Gutenberg Press Ltd.

Camilleri, J. J. (2013) *"A Computational Grammar and Lexicon for Maltese"*, M.Sc. Thesis. Chalmers University of Technology. Gothenburg: Sweden.

Capel, S., Leask, M. & Younie, S. (Eds.). (2016). *Learning to Teach in the Secondary School: A companion to school experience.* NY: Routledge.

Chomsky, N. (1980). *Rules and representations*. Oxford: Blackwell.

Chuan, M., & Dörnyei, S. (2007). The Use of Motivational Strategies in Language Instruction: The Case of EFL Teaching in Taiwan. *Innovation in Language Learning and Teaching. 1*(1). Aċċessat fit-30 ta' Awwissu 2018 minn http://www.zoltandornyei.co.uk/uploads/2007-cheng-dornyei-illt.pdf

Cohen, L., Manion, L., & Morrison, K. (2006). *A Guide to Teaching Practice*. UK: St Edmundsbury Press Ltd.

Council of Europe. (2017). *Common European Framework of Reference for Languages: Learning, teaching, assessment. Companion volume with new descriptors* (Provisional ed.). Aċċessat fid-19 ta' Jannar 2019 https://rm.coe.int/cefr-companion-volume-with-new-descriptors-2018/1680787989

Crystal, D. (1985). *A Dictionary of Linguistics and Phonetics*. Oxford: Basil Blackwell Ltd.

Debattista, J. (2017). *Il-Polisemija fil-Malti. Analiżi tal-Partiċipju Attiv.* Teżi mhux ippubblikata. Malta: L-Università ta' Malta.

Deignan, Alice. *Metaphor and Corpus Linguistics*. Amsterdam: John Benjamins Publishing, 2005. Stampat.

Dewey, J. (1986). Experience and education. F'*The Educational Forum* (Vol. 50, No. 3, p. 241–252). Taylor & Francis Group.

Discoll, M.P. (2005). *Psychology of Learning for Instruction* (3rd ed.). Boston, MA: Allyn & Bacon.

Ellis, R. (1999). *The study of Second Language Acquisition*. Oxford: Oxford University Press.

Estaire, S. & Zanon, J. (1994). *Planning classwork: A task based approach*. Oxford: Macmillan Heinemann English Language Teaching.

Fleming. N. D. (2001). *Teaching and Learning Styles: VARK Strategies* (5th ed.). New Zealand: Ippubblikah l-awtur.

Frydrochov Klimova, B., & Poulova, P. (2014). ICT as a Motivational Tool in the Learning of Foreign Languages. Aċċessat fil-25 ta' Awwissu 2018 minn http://www.europment.org/library/2014/interlaken/bypaper/EDU/EDU-06.pdf

Gardner, H. (1993). *Multiple Intelligences: Theory in Practice.* New York: Basic Books.

Gatt, A. (Ottubru 2013). Il-Malti, ir-riżorsi diġitali u t-traduzzjoni. *L-Aċċent*, Ħarġa 10, 4–8.

Gatt, A., Rosner M., & Pace, G. (Marzu 2014). Decoding Language. *Think*, Ħarġa 1, 35.

Gatt, P. (2015). The Use of ICT in the Teaching of Maltese and Teachers' Concerns. *Malta review of Educational research*, *9*, 99–114.

Gray, C., & MacBlain, S. (2015). *Learning theories in childhood*. Sage.

Harmer, J. (2007). *The Practice of English Language Teaching* (4th ed.). Pearson Longman.

Hirsch, E. D. (1997). The schools we need: Why we don't have them? *National Association of Secondary School Principals. NASSP Bulletin*, *81*(589), 121.

Holbrook, M. (1999). Vygotsky's Methodological Contribution to Sociocultural Theory. *Remedial and Special Education, 20(6),* 341–350.

Houcine, S. (2011). The Effects of ICT on Learning/teaching in a Foreign Language. *International Conference – ICT for Language Learning*. Aċċessat fl-4 ta' Settembru 2018 minn https://conference.pixel-online.net/conferences /ICT4LL2011/common/download/Paper_pdf/IBL69-437-FP-Houcine-ICT4LL2011.pdf

Howatt, A. (1984). *A History of English Language Teaching.* Oxford: Oxford University Press.

Hoy, A. W. (2016). *Educational Psychology.* New York: Pearson.

Hudson, R. (2001). Grammar Teaching and Writing Skills: The Research Evidence. *Syntax in the School*, 17, 1–6.

Hymes, D. (1972). On Communicative Competence. F'J. B. Pride, & J. Holmes (Eds.), *Sociolinguistics* (p. 269–93). Harmondsworth: Penguin.

Joklová, K. (2009). *Using Pictures in Teaching Vocabulary*. Teżi tad-Dottorat. Il-Kroazja: L-Università tal-Kroazja.

Klopfer, E., Osterweil, S., Groff, J., & Haas, J. (2009). Using the Technology of Today, in the Classroom Today. *The Instructional Power of Digital Games Social Networking Simulations and How Teachers Can Leverage Them*, N.A., 1–23. Aċċessat fl-20 ta' Settembru 2018 minn

https://education.mit.edu/wpcontent/uploads/2015/01/GamesSimsSocNets_EdArcade.pdf

Knobler, S., Mahmaud, A.A., u Lemon, S.M. (2006). The Impact of Globalization of Infectious Disease Emergance and Control: Exploring the Consequences and Opportunities. Washington, DC: National Academic Press.

Kress, G. (2011). What is a mode? F'Carey Jewit (Ed.), *The Routledge Handbook of Multimodal Analysis.* UK: Routledge.

Kreutz, J. & Rhodin, N. (2016). *The Influence of ICT on Learners' Motivation towards Learning English.* Teżi mhux ippubblikata. Sweden: Malmo University.

Lantolf, J. (2006). *Sociocultural Theory and L2*. *SSLA, 28*, 67–109.

Magro, J. (2017). *It-Tagħlim tal-Grammatika fil-Kuntest tal-Kitba.* Teżi mhux ippubblikata. Malta: L-Università ta' Malta.

McCaslin, M., & Hickey, D. T. (2001). Self-Regulated Learning and Academic Achievement: A Vygotskian View. F'B. Zimmerman & D. Schunk (Eds.), *Self-Regulated Learning and Achievement: Theoretical Perspective* (2nd ed.). Mahwah, NJ: Erlbaum, 227–252.

Ministry of Education and Employment. (2014). The Teaching of Maltese. Country Report Malta, 30–32. Aċċessat fl-10 ta' Mejju 2019 minn http.education, gov.mt/en/resources/Documents/Policy%20DocumentsCountry_Report_ Malta_EN.pdf

Ministry of Education. (1999). *Creating the Future Together: National Minimum Curriculum*. Floriana: Ministry of Education.

Ministry of Education. (2000). *Evaluating, Selecting and Managing Learning Resources: A Guide*. Vancouver, British Columbia: Ministry of Education

Ministry of Education. (2008). *Evaluation and Selection of Learning Resources: A Guide*. Charlottetown, Prince Edward Island: Ministry of Education

Ministry of Education. (2012). *A National Curriculum Framework for All.* Floriana: Ministry of Education.

Ministry of Education. (2013). *Learning Resources Evaluation Guidelines*. Regina, SK: Saskatchewan Education, Training and Employment.

Nassaji, H., u Fotos, S. (2011). *Teaching Grammar in Second Language Classroom.* NY: Routledge.

Nunan, D. (2006). Task-Based Language Teaching in the Asia Context: Defining 'task.' *Asian EFL Journal*, 8, 12–18.

Pop, A., Tomuletiu, E. A., & David, D. (2011). EFL Speaking Communication with Asynchronous Voice Tools for Adult Students. *Procedia-Social and Behavioral Sciences*, 15, 1199–1203.

Portelli, T., u Camilleri Grima, A. (2002). *Stedina għat-Tagħlim fis-Sekondarja.* Malta: Dyad Publications.

Portelli, T., u Camilleri Grima, A. (2017). *Fuq l-Għatba tal-Professjoni.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Resnik, D. B. (2011). What is Ethics in Research & Why is it Important. *National Institute of Environmental Health Sciences*, 1–10.

Rost, M. (1991). *Listening in Action: Activities for Developing Listening in Language Teaching*. New York u Londra: Prentice Hall.

Rost, M. (2011). *Applied Linguistics in Action Series: Teaching and researching listening* (2nd ed.). Pearson Education Limited.

Savage, J., & Fautley, M. (2013). *A to Z of Teaching*. New York: Open University Press.

Scott, C, L. (2015). The Futures of Learning 3: What Kind of Pedagogies for the 21st Century? *Education Research and Foresight • Working Papers, 1*, 1–21. Aċċessat fil-21 ta' Awwissu 2018 minn http://unesdoc.unesco.org/images/0024/002431/243126e.pdf

Spagnol, M. (2009). Lexical and Grammatical Aspect in Maltese. F'Thomas Stolz(ed.), *Ilsienna* (p. 51–86). Bochum, Germany: Universitätsverlag Brockmeyer.

Strambi, A. & Bouvet, E. (2003). Flexibility and Interaction at a Distance: A Mixed-Mode Environment for Language Learning. *Language Learning & Technology. 7(3),* 81–102.

Swain, M., Kinnear, P., & Steinman, L. (2011). *Sociocultural Theory in Second Language Education: An Introduction Through Narratives.* Bristol, New York, Ontario: Multilingual Matters.

Swain, M., u Lapkin, S. (1983). Canadian Immersion and Adult Second Language Teaching; What's the Connection? *The Modern Language Journal 73*, 150–159.

Uberman, A. (1998). The use of games: for vocabulary presentation and revision. *English Teaching Forum* 36 (1): 20.

Vella, M.P. (2014) Il-Partiċipju fil-Malti u kif Jipparteċipa. *L-aċċent, 11,* 13–14.

Vygotsky, L. (1997). *Educational Psychology.* (R. Silverman, Trad.) Florida: St Lucie.

Vygotsky, L.S. (1987). Thinking and Speech. F'R. Rieber & A. Carton (Eds.), *The Collected Works of L.S. Vygotsky* (N. Minick, Trans.) (vol. 1, p. 39–285). New York: Plenum Press.

Walker, L. (2008). *The Essential Guide to Lesson Planning*. England: Pearson Education Limited.

Widdowson, H. G. (1978). *Teaching language as communication.* Oxford: Oxford University Press.

Woolfolk, A. (2016). *Educational Psychology*. (13th Ed.). New York: Pearson.

Wright, A. (1989). *Pictures for Language Learning*. Cambridge: Cambridge University Press.

# Appendiċi

**L-ewwel appendiċi – Il-pakkett tar-riżorsi**



## Riżorsa 1: Qiegħed il-parteċipji attivi verbali t'hawn taħt fil-kaxxi tal-femminil u l-plural

**L-għan:** L-istudenti se jaqraw il-partiċipji attivi li hemm taħt nett fil-paġna mbagħad se jikkategorizzawhom fil-kaxxi tal-femminil u l-plural. B'dan il-mod l-istudenti se jiġu konxji li l-partiċipju attiv verbali jinqasam fi tlieta: il-maskil, il-femminil u l-plural.

**L-istruzzjonijiet:** Din l-attività se ssir permezz tal-ActivInspire. L-għalliem se jipproġetta dan l-eżerċizzju fuq il-bord interattiv imbagħad flimkien mal-istudenti se jaqraw il-partiċipji attivi verbali kollha li hemm fl-ewwel paġna. L-għalliem se jqabbad studenti differenti biex ipoġġu l-partiċipju attiv verbali fil-kaxxa t-tajba f'tal-femminil jew plural. Jekk l-istudenti jpoġġu partiċipju attiv verbali fil-kaxxa korretta jibqa' hemm filwaqt li jekk ipoġġuh f'dik mhux korretta jerġa' jmur fil-post oriġinali tiegħu. Dawn il-passi jridu jiġu repetuti għat-tieni paġna li fiha hemm l-aħħar ħames partiċipji attivi verbali.

**Livell ta' diffikultà:** Ħafifa ✔ | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli

**Qiegħed il-parteċipji attivi t'hawn taħt fil-kaxxi tal-femminil u l-plural.**

| Maskil Singular | Femminil Singular | Plural |
|---|---|---|
| ħiereġ | | |
| dieħel | | |
| sejjer | | |
| għaddej | | |
| miexi | | |

mexjin sejrin dieħla sejra deħlin

għaddejjin ħerġin miexja ħierġa għaddejja

**Qiegħed il-parteċipji attivi t'hawn taħt fil-kaxxi tal-femminil u l-plural.**

| Maskil Singular | Femminil Singular | Plural |
|---|---|---|
| tiela' | | |
| nieżel | | |
| tielaq | | |
| riesaq | | |
| ġej | | |

ġejjin telqin nieżla tielqa neżlin

resqin telgħin ġejja tielgħa riesqa

**Qiegħed il-partiċipji attivi t'hawn taħt fil-kaxxi tal-femminil u l-plural.**

| Maskil Singular | Femminil Singular | Plural |
|---|---|---|
| ħiereġ | ħierġa | ħerġin |
| dieħel | dieħla | deħlin |
| sejjer | sejra | sejrin |
| għaddej | għaddejja | għaddejjin |
| miexi | miexja | mexjin |

**Qiegħed il-partiċipji attivi t'hawn taħt fil-kaxxi tal-femminil u l-plural.**

| Maskil Singular | Femminil Singular | Plural |
|---|---|---|
| tiela' | tielgħa | telgħin |
| nieżel | nieżla | neżlin |
| tielaq | tielqa | telqin |
| riesaq | riesqa | resqin |
| ġej | ġejja | ġejjin |



**Riżorsa 2: Aqra u mmarka**

**L-għan:** L-istudenti jsegwu l-preżentazzjoni ħalli fiha jsibu l-parteċipji attivi verbali fis-silta u jkomplu l-eżerċizzju.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jaqsam l-istudenti fi gruppi u kull wieħed se jkun fih massimu ta' 4 studenti. L-għalliem se jqassam karta tat-taħriġ li fiha gradilja bi tliet kolonni (maskil, femminil u plural). Wara se jqabbad l-istudenti f'kull grupp biex jaqraw paragrafu kull wieħed u fih l-istudenti kollha tal-klassi jridu jsibu l-parteċipji attivi verbali li hemm fih. Billi juża l-bord interattiv, l-għalliem se jagħfas fuq kull kelma fuq il-PowerPoint li jibdew jgħidulu l-istudenti u jekk tkun parteċipju attiv verbali, il-kelma se tinbidel fil-kulur aħdar. F'dan il-ħin l-istudenti jridu jiktbu l-parteċipju attiv fil-kolonna t-tajba u jkomplu l-filliera ta' dak il-parteċipju attiv verbali.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | ✔ | | | |

# IL-PARTIĊIPJU ATTIV

SIB IL-PARTIĊIPJI ATTIVI VERBALI F'DAWN IS-SENTENZI

Ġanni, waqt li kien miexi fi triq il-Belt Valletta b'kumbinazzjoni ltaqa' ma' Rose. Rose ma kinitx hemm biex tixtri l-ħwejjeġ bħal Ġanni imma hi kienet ħierġa mal-ħbieb tagħha.



Malli raha, Ġanni qalilha li kien sejjer fil-ħanut ta' faċċata. Hi qaltlu li aħjar iħaffu daqsxejn jekk deħlin fil-ħanut flimkien għax il-ħin għaddej malajr u dalwaqt ġejja l-ħabiba tagħha.



Ġanni aċċetta mill-ewwel għax kien jaf li Rose tifhem wisq aktar minnu u żgur se tagħtih pariri siewja. Ġanni beda jipprova l-ħwejjeġ u malli raw lil sidt il-ħanut riesqa lejhom staqsewha għall-pariri tagħha wkoll.



Rose qaltlu li jekk jieħu dan il-qalziet ukoll il-prezz se jkompli tiela'. Minnufih tal-ħanut qaltlu li llum fil-ħanut hawn roħs kbir u b'hekk il-prezz ikompli nieżel.




Wara, Rose qaltlu li hi tielqa għax ħabibitha waslet. Hekk għamel ukoll Ġanni, kuntent bil-ħwejjeġ sbieħ li kien xtara bl-irħis.



Imla din il-gradilja bil-parteċipji attivi verbali li sibt mis-silta.

| Maskil | Femminil | Plural |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

Imla din il-gradilja bil-parteċipji attivi verbali li sibt mis-silta.

| **Maskil** | **Femminil** | **Plural** |
|---|---|---|
| **miexi** | miexja | Mexjin |
| ħiereġ | **ħierġa** | Ħerġin |
| **sejjer** | sejra | sejrin |
| dieħel | dieħla | **deħlin** |
| **għaddej** | għaddejja | għaddejjin |
| ġej | **ġejja** | ġejjin |
| riesaq | **riesqa** | **resqin** |
| **tiela'** | tielgħa | telgħin |
| **nieżel** | nieżla | neżlin |
| tielaq | **tielqa** | telqin |

**Nota:** Dawk il-kelmiet immarkati bil-grassett huma l-parteċipji attivi verbali identifikati mill-istudenti minn ġos-sentenzi. Il-kelmiet fil-kolonni l-oħra huma l-parteċipji attivi verbali relatati ma' dak li sabu. Dawn iridu jimtlew mill-istudenti wkoll.



## Riżorsa 3: Puzzle

**L-għan:** L-istudenti se jgħaqqdu s-sentenza mal-istampa biex jibdew jiffamiljarizzaw ruħhom mat-tifsiriet differenti tal-parteċipji attivi ta' *ħiereġ, dieħel, ġej, sejjer, riesaq* u *tielaq*.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem irid jiġbor l-istudenti fi gruppi ta' erbgħa, imbagħad irid jaqsam il-leħħiet min-nofs. L-istampa trid tinqasam f'erbgħa skont il-linji s-suwed u wara l-biċċiet iridu jitqassmu lill-istudenti. L-istudenti jridu jgħaqqdu l-biċċiet tal-istampa flimkien u wara jsibu s-sentenza li hi l-aktar viċin tagħha.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | ✔ | | | |


James ħiereġ mill-
bieb.


Xahar ieħor ħiereġ
ktieb ġdid.


Mis- sink ħierġa
riħa qawwija ta'
drenaġġ wara li
nfaqgħet kanna.


Diġà bdew ħerġin
ħafna flus u
ma wasalna mkien.



Illum il-ġurnata huma ħafna l-istudenti li ħerġin mill-università.



Min huma l-kandidati li ħerġin għall-elezzjoni ta' din is-sena?



Fix-xahar li għadna ħerġin minnu għamlet ħafna xita.



Il-karozza li ħierġa mit-triq tal-ġenb kważi ħabtet mal-mutur.



"Onorevoli Mħallef, illum bdiet ħierġa l-verità kollha," qal l-Avukat.



Il-katavru nstab mill-pulizija meta sabu id ħierġa minn taħt il-ħamrija.



"Illum ħierġa ma' Sarah minflok ma' Jane," qalet Sandra.



Din il-laqgħa rnexxiet minħabba li kulħadd beda ħiereġ b'ideat interessanti.



Ix-xahar id-dieħel se jkollu aktar temperaturi għoljin minn dax-xahar.



Neil u Anna deħlin f'dar ġdida għall-ewwel darba.



Il-karozza baqgħet dieħla fil-kanal li hemm mal-ġenb tat-triq.



In-nanna dieħla fis-sebgħin u għalhekk għamilnielha festin.



Din hija l-ewwel darba li deħlin liġijiet ġodda dwar il-protezzjoni tal-annimali.



John dieħel jaħdem bħala pilota mal-linja nazzjonali tal-arju.



In-negozjanti għandhom diversi sorsi minn fejn ikunu deħlin il-flus.




Is-sena li ġejja se tkun aktar sħana minn din is-sena.



L-għalliema indikat lill-istudenta li l-informazzjoni qiegħda fil-paragrafu li ġej.



Xħin Martina rat lil sħabha ġejjin lejha tgħidx kemm ferħet.



Fiż-żmien li ġej kollox se jibda jaħdem bil-kompjuter.



Marco sejjer 'il bogħod minn sħabu għax sarlu l-ħin.



Din il-ġimgħa l-laqgħat dejjem baqgħu sejrin sal-ħdax ta' filgħaxija.




"Għada sejrin naraw film ġdid," qalet Ruth.



Is-surmast tal-iskola staqsa kif inhuma sejrin l-istudenti fl-eżamijiet.




L-għalliema qalet li l-istudenti li ġabu dan l-ammont sejrin żbaljati.



L-istudenti qegħdin jistudjaw flimkien kull filgħaxija għax resqin għall-eżami tal-matematika.



L-annimali kollha marru lura taħt is-siġra malli raw il-lejl riesaq.



Ruth riesqa lejn Thomas biex tagħtih parir.



Il-frotta sejra minħabba li fil-friġġ ma hemmx dawl.



L-anzjani wara li jagħlqu s-sebgħin sena jibdew sejrin lura f'saħħithom.



Ħafna nies telqin mill-istazzjon tal-ferrovija.



It-tifel tielaq 'il barra mill-festin.



It-tarbija tielqa timxi dalwaqt.

## Riżorsa 4: Puzzle

**L-għan:** L-istudenti se jgħaqqdu s-sentenza mal-istampa biex jibdew isiru midħla tat-tifsiriet differenti tal-parteċipji attivi ta’ *għaddej, miexi, tiela’* u *nieżel*.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem irid jiġbor l-istudenti fi gruppi ta’ erbgħa, imbagħad irid jaqsam il-leħħiet min-nofs. L-istampa trid tinqasam f’erbgħa skont il-linji s-suwed u wara l-biċċiet iridu jitqassmu lill-istudenti. L-istudenti jridu jgħaqqdu l-biċċiet tal-istampa flimkien u wara jsibu s-sentenza li hi l-aktar viċin tagħha.

| **Livell ta’ diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | ✔ | | | |



Id-diskussjoni dwar il-kunsilli lokoali għadha għaddejja fl-uffiċċju.



Baqgħu għaddejjin jixorbu sal-erbgħa ta' filgħodu.



In-nies bdew għaddejjin mit-triq, min lejn il-knisja jew lejn ix-xogħol.



Il-priġunier bħalissa għaddej ġuri quddiem l-Imħallef.



"Kif inhu għaddej missierek wara l-inċident?" staqsa Daniel.



Il-ħbieb ilhom għaddejjin bis-sajda tagħhom minn filgħodu kmieni.



Sandra l-ħin kollu għaddejja fix-xogħol tagħha minħabba li tibda minn filgħodu u tispiċċa tard filgħaxija.



Il-gvern dejjem jara li l-familji għaddejjin tajjeb.



Meta tiġi approvata l-pjanta l-ġdida, ix-xogħol jibqa' miexi bla waqfien.



Hemm ħafna nies mexjin f' nofs it-triq.



Il-karozza miexja b'veloċità qawwija.



It-tifel miexi fuq il-passi ta' missieru.



Il-ġenerazzjoni li tielgħa trid timxi fuq il-passi t-tajba ta' qabilha.




Il-kont tal-ikel dejjem tiela' minn ġimgħa għal oħra.



Ruben qal, "Minn Sqallija nixtieq nibqa' tiela' Venezja".



Minħabba l-gwerra, in-numru ta' bini mkisser baqa' tiela' għal eluf.


Iċ-ċiklisti bdew
telgħin it-
telgħa l-wieqfa.


Dawn huma l-
appartamenti
lussużi li telgħin
maġenb l-
iskola.


Fit-triq xi
kultant tista'
tara l-ħaxix
tiela'.


Mas-sitta ta'
filgħodu, ix-
xemx bdiet
tielgħa fix-xefaq.


Mark ma riedx ikompli jitkellem fuq dak is-suġġett biex it-tempra ma tibqax tielgħa.


Mill-kandidati min hu tiela' fil-Parlamenti Malti?


Ir-ritratt tiela' fuq il-paġna ta' Facebook dalwaqt.


Jesmond inħasad meta qalulu li tiela' quddiem il-bord biex jagħmel preżentazzjoni.



Il-mara waqgħet waqt li kienet nieżla minn passaġġ wieqaf.



Il-prezz tad-djar nieżel b'rata mgħaġġla ħafna.



Il-Ministru għada nieżel Malta minn Ruma.



Ix-xemx nieżla toffri spettaklu naturali.


Il-ġebel li
hemm fis-sur
jinsabu neżlin
ftit ftit.


Id-dokumenti
neżlin minn fuq il-
kompjuter għal fuq
is-CD.

 

**Riżorsa 5: Fittex miċ-ċirku**

**L-għan:** L-istudenti se jaqraw is-sentenza u miċ-ċirku se jagħżlu l-forma korretta tal-parteċipju attiv verbali.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem irid jagħżel student għal kull sentenza biex jaqraha minn fuq il-bord interattiv. Xħin jifhem is-sens tas-sentenza l-istudent irid jaqbad parteċipju attiv verbali miċ-ċirku li hemm mal-ġenb u b'mod manwali jpoġġih fuq il-linja l-vojta li hemm fiha. Jekk l-istudent jagħżel il-forma tal-parteċipju attiv verbali l-ħażina, b'mod awtomatiku l-forma magħżula minn fuq il-linja fis-sentenza se terġa' tmur lura fiċ-ċirku.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | ✔ | | | |

# Il-Partiċipju Attiv



**<u>Aqra u imla dawn is-sentenzi skont il-forma t-tajba tal-partiċipju attiv verbali miċ-ċirku.</u>**

1. Ommi (niżel) __________ minn fuq il-bejt dalwaqt.

2. Ħija (daħal) __________ tard dal-lejl.

3. Huma (ħareġ) __________ kmieni mid-dar ħalli jmorru l-ajruport.

4. Huwa (mexa) __________ bil-mod ħafna.

5. Missieri (tela') __________ fuq il-muntanja bil-karozza.

6. Sandro (resaq) __________ lejn l-inkwiet jekk jibqa' jmur hemm.

nieżla

ħerġin

dieħel

tiela'

miexi

riesaq

7. Jane (għadda) ______________ minn quddiem l-iskola bħalissa.

8. Ġanni (telaq) __________ minn Ħal Balzan issa.

9. Oħti (ġie) __________ d-dar għax qed tħossha ma tiflaħx.

10. Iz-ziju (sar) __________ sal-Belt għada ħalli jixtri r-rigali tal-Milied.



tielaq

sejjer

ġejja

għadddejja

# Il-Partiċipju Attiv



**Aqra u imla dawn is-sentenzi skont il-forma t-tajba tal-partiċipju attiv verbali miċ-ċirku.**

1. Ommi (niżel) __nieżla__ minn fuq il-bejt dalwaqt.
2. Ħija (daħal) __dieħel__ tard dal-lejl.
3. Huma (ħareġ) __ħerġin__ kmieni mid-dar ħalli jmorru l-ajruport.
4. Huwa (mexa) __miexi__ bil-mod ħafna.
5. Missieri (tela') __tiela'__ fuq il-muntanja bil-karozza.
6. Sandro (resaq) __riesaq__ lejn l-inkwiet jekk jibqa' jmur hemm.

7. Jane (għadda) __għadddejja__ minn quddiem l-iskola bħalissa.
8. Ġanni (telaq) __tielaq__ minn Ħal Balzan issa.
9. Oħti (ġie) __ġejja__ d-dar għax qed tħossha ma tiflaħx.
10. Iz-ziju (sar) __sejjer__ sal-Belt għada ħalli jixtri r-rigali tal-Milied.





**Riżorsa 6: Imla t-tisliba bil-parteċipju attiv verbali bl-għajnuna tal-istampi**

**L-għan:** L-istudenti se jagħrfu l-parteċipju attiv verbali li hemm fl-istampi ħalli b'hekk jimlew il-kaxxi l-vojta tat-tisliba. B'dan il-mod l-istudenti jkomplu jiffamiljarizzaw ruħhom mas-sensi differenti tal-parteċipji attivi verbali.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jqassam kopja ta' dan it-taħriġ lill-istudenti. L-istudenti jridu jistudjaw l-istampi u wara joħorġu s-sens li qed twassal kull stampa. Xħin dan isir, huma jridu jiktbu l-parteċipju attiv verbali fit-tisliba skont in-numru indikat taħt kull stampa li qed tintuża biex tiddeskrivi t-tifsira tagħha.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | | ✔ | | |

Imla l-kaxxi l-vojta li hemm fit-tisliba bil-parteċipji attivi verbali skont is-sens ta' kull stampa.



1



2



3



4



5



6



7



8




9



10


1
2
3
4
6
5
7
8
9
10


1 T 2 R 3 GĦ
E 4 T IE L A Q
L S D
GĦ A D
I Q E
N J
6 N 5 M IE X J A
IE 7 D E 8 Ħ L I N
Ż IE N
9 S E J J E R
L E
10 Ġ E J J A

 

**Riżorsa 7: Agħżel l-istampa t-tajba**

**L-għan:** L-istudenti se jaqraw is-sentenza u jaraw l-istampi li qegħdin fil-preżentazzjoni ħalli jiffamiljarizzaw ruħhom ma' xi wħud mis-sensi tal-għaxar parteċipji attivi verbali.

**L-istruzzjonijiet:** L-istudenti jridu jaqraw is-sentenza li hemm fil-preżentazzjoni, jiflu sew l-istampi u wara jiddeċiedu liema stampa tirrelata l-aktar mas-sentenza partikulari. Wara kull għażla se titla' t-tabella "Proset!" jekk jagħżlu t-tweġiba t-tajba jew t-tabella "Erġa' pprova!" jekk jagħżlu t-tweġiba l-ħażina.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | | ✔ | | |

## Agħżel l-istampa t-tajba.




## 1. Tania dieħla mill-bieb.




## 2. It-trakk baqa' dieħel fis-siġra.




3. Xi nies ħerġin mill-knisja.





4. Għada ħiereġ ktieb ġdid.






5. Ix-xemx nieżla u qed jidlam.





6. L-istudenti neżlin it-taraġ.





7. Sarah tiela' t-taraġ.





8. Il-prezz taż-żejt dejjem tiela'.





9. Ġanni riesaq lejn Rebecca.





10. L-istudenti resqin għall-eżamijiet.





11. In-nies għaddejjin passiġġata fit-triq.





12. Nancy dejjem għaddejja bix-xogħol.





13. Ħafna plejers ġejjin Malta bħalissa.






14. L-għalliema indikat lill-istudenta li l-informazzjoni qiegħda fil-kapitlu li ġej.





15. L-istudenti sejrin id-dar mill-iskola.





16. L-adulti sejrin lura minn saħħithom minħabba n-nuqqas ta' eżerċizzju fiżiku.





17. It-tifla miexja mal-kelb.





18. It-tifel miexi fuq il-passi ta' missieru.





19. Patrick tielaq 'il barra mill-bini.




20. Din il-karozza moderna daqt tielqa ssuq mingħajr assistenza.










Tweġiba 1: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 2: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 3: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 4: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 5: L-istampa tal-lemin
Tweġiba 6: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 7: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 8: L-istampa tal-lemin
Tweġiba 9: L-istampa tal-lemin
weġiba 10: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 11: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 12: L-istampa tal-lemin
Tweġiba 13: L-istampa tal-lemin
Tweġiba 14: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 15: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 16: L-istampa tal-lemin
Tweġiba 17: L-istampa tal-lemin
Tweġiba 18: L-istampa tax-xellug
Tweġiba 19: L-istampa tal-lemin
Tweġiba 20: L-istampa tax-xellug



**Riżorsa 8: Diskursata bejn John u l-librara**

**L-għan:** L-istudenti jridu jisimgħu b'reqqa din id-diskursata li se tinqara mill-għalliem u wara jimlew l-ispazji l-vojta ta' kull eżerċizzju.

**L-istruzzjonijiet*:*** Din id-diskursata se tinqara mill-għalliem. Għall-ewwel qari, l-istudenti mhux se jkollhom il-karta quddiemhom. Malli jitlesta l-qari se titqassam il-karta tat-taħriġ lill-istudenti. L-istudenti se jingħataw 10 minuti ċans biex jaqraw il-karta u jimlew l-ispazji l-vojta. Wara se jerġa' jsir l-aħħar qari tad-diskursata imma din id-darba l-istudenti se jkollhom ċans jiktbu wkoll.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | | ✔ | | |

Diskursata bejn John u l-librara

John u l-librara qed jitkellmu fil-librerija.

**John:** Bonġu. Qiegħed nagħmel riċerka dwar it-tradizzjonijiet Maltin għall-proġett tal-iskola. Aktar tard **ġejja** ommi tgħinni. Liema huma dawn il-kotba, jekk jogħġbok, għax issa **għaddej** iż-żmien?

**Librara:** Bonġu. Stennieni ftit hawn ħalli nfittixlek ftit... Waqt li kont **miexja** u nfittex sibt dawn il-kotba dwar it-trasport, il-festi u l-logħob imma daqt **ħerġin** oħrajn ġodda.

**John:** Peress li **deħlin** ħafna nies fil-librerija **sejjer** fuq l-imwejjed ħalli nfittex f'aktar dettall.

**Librara:** Tajjeb ħafna. Taf fejn qegħdin l-imwejjed biex tkun tista' taħdem fis-silenzju?

**John:** Le. Jimporta tgħidli għax din hija l-ewwel ġurnata tiegħi hawn?

**Librara:** Mela le! Ħa nagħtik id-direzzjonijiet. Trid timxi lura minn fejn ġejt u malli tkun **riesaq** lejn il-bieb tal-ħruġ ibda **tiela'** t-taraġ sakemm tasal fit-tieni sular. Faċċata għandek issib bieb kannella u idħol minnu. Hemm tista' ddum kemm trid.

**John:** Tajjeb ħafna. Grazzi.

**Librara:** Taf x'għandek tagħmel xħin tkun lest?

**John:** Jimporta tgħidli, jekk jogħġbok?

**Librara:** Malli tlesti mill-kotba u tkun **tielaq** minn hawn, oqgħod attent waqt li tkun **nieżel** it-taraġ għax ikun jiżloq.

**John:** L-għodwa t-tajba.

**Librara:** Lilek ukoll.

## Diskursata bejn John u l-librara

Taħriġ A: Isma' din il-konverżazzjoni bejn John u l-librara u imla l-vojt.

John u l-librara qed jitkellmu fil-librerija.

**John:** Bonġu. Qiegħed nagħmel riċerka dwar it-tradizzjonijiet Maltin għall-proġett tal-iskola. Aktar tard _____________ ommi tgħinni. Liema huma dawn il-kotba, jekk jogħġbok, għax issa _____________ iż-żmien?

**Librara:** Bonġu. Stennieni ftit hawn ħalli nfittixlek ftit... Waqt li kont _____________ u nfittex sibt dawn il-kotba dwar it-trasport, il-festi u l-logħob imma daqt _____________ oħrajn ġodda.

**John:** Peress li _____________ ħafna nies fil-librerija _____________ fuq l-imwejjed ħalli nfittex f'aktar dettall.

**Librara:** Tajjeb ħafna. Taf fejn qegħdin l-imwejjed biex tkun tista' taħdem fis-silenzju?

**John:** Le. Jimporta tgħidli għax din hija l-ewwel ġurnata tiegħi hawn?

**Librara:** Mela le! Ħa nagħtik id-direzzjonijiet. Trid timxi lura minn fejn ġejt u malli tkun _____________ lejn il-bieb tal-ħruġ ibda _____________ t-taraġ sakemm tasal fit-tieni sular. Faċċata għandek issib bieb kannella u idħol minnu. Hemm tista' ddum kemm trid.

**John:** Tajjeb ħafna. Grazzi.

**Librara:** Taf x'għandek tagħmel xħin tkun lest?

**John:** Jimporta tgħidli, jekk jogħġbok?

**Librara:** Malli tlesti mill-kotba u tkun ____________ minn hawn, oqgħod attent

waqt li tkun ____________ it-taraġ għax ikun jiżloq.

**John:** L-għodwa t-tajba.

**Librara:** Lilek ukoll.

<u>**Taħriġ B:**</u> Ikteb in-numru taħt l-istampi skont kif seħħew fid-djalogu.






















## Diskursata bejn John u l-librara

**Taħriġ A:** Isma' din il-konverżazzjoni bejn John u l-librara u imla l-vojt.

John u l-librara qed jitkellmu fil-librerija.

**John:** Bonġu. Qiegħed nagħmel riċerka dwar it-tradizzjonijiet Maltin għall-proġett tal-iskola. Aktar tard **ġejja** ommi tgħinni. Liema huma dawn il-kotba, jekk jogħġbok, għax issa **għaddej** iż-żmien?

**Librara:** Bonġu. Stennieni ftit hawn ħalli nfittixlek ftit... Waqt li kont **miexja** u nfittex sibt dawn il-kotba dwar it-trasport, il-festi u l-logħob imma daqt **ħerġin** oħrajn ġodda.

**John:** Peress li **deħlin** ħafna nies fil-librerija **sejjer** fuq l-imwejjed ħalli nfittex f'aktar dettall.

**Librara:** Tajjeb ħafna. Taf fejn qegħdin l-imwejjed biex tkun tista' taħdem fis-silenzju?

**John:** Le. Jimporta tgħidli għax din hija l-ewwel ġurnata tiegħi hawn?

**Librara:** Mela le! Ħa nagħtik id-direzzjonijiet. Trid timxi lura minn fejn ġejt u malli tkun **riesaq** lejn il-bieb tal-ħruġ ibda **tiela'** t-taraġ sakemm tasal fit-tieni sular. Faċċata għandek issib bieb kannella u idħol minnu. Hemm tista' ddum kemm trid.

**John:** Tajjeb ħafna. Grazzi.

**Librara:** Taf x'għandek tagħmel xħin tkun lest?

**John:** Jimporta tgħidli, jekk jogħġbok?

**Librara:** Malli tlesti mill-kotba u tkun **<u>tielaq</u>** minn hawn, oqgħod attent waqt li tkun **<u>nieżla</u>** it-taraġ għax ikun jiżloq.

**John:** L-għodwa t-tajba.

**Librara:** Lilek ukoll.

<u>Taħriġ B:</u> Ikteb in-numru taħt l-istampi skont kif seħħew fid-djalogu.



1



4



6



3




9



2



8



10



7



5



**Riżorsa 9: Agħżel il-forma t-tajba tal-parteċipju attiv verbali**

**L-għan:** L-istudenti se jaqraw is-sentenza u mbagħad iridu jimlew l-ispazju l-vojt billi jagħżlu l-forma t-tajba tal-parteċipju attiv verbali.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jipproġetta dan l-eżerċizzju fuq il-bord interattiv. F'dan il-ħin l-istudenti jridu jaqraw is-sentenza u jiktbu li hemm fil-bord fuq karta. Biex ikun hemm aktar element ta' logħba l-għalliem se jagħti ħin biżżejjed lill-istudenti biex jeżaminaw u jaslu għall-konklużjoni tagħhom. Fl-aħħar, l-għalliem se jistieden lill-istudenti biex jimmarkaw dak li kitbu fuq il-karta, jagħżlu fuq il-bord u b'mod awtomatiku l-programm se jiġġenera risposta skont it-tweġiba magħżula.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | | ✔ | | |

**Żur il-paġna:** https://learningapps.org/watch?v=pmvzxx3zk18


1 / 20
Ħija __________ tard dal-lejl.
Task
Agħżel il-forma t-tajba tal-Partiċipju Attiv Verbali .
Riżorsa magħmula minn Jake Debattista
OK
dieħel
dieħla
deħlin


1 / 20
Ħija __________ tard dal-lejl.
dieħel
dieħla
deħlin


2 / 20
Oħti __________ kmieni għada filgħodu.
ħiereġ
ħierġa
ħerġin


3 / 20
Is-subien __________ bil-mod wisq.
miexi
miexja
mexjin


4 / 20
Xħin John ra lil Peter __________ lejh tgħidx kemm ġera.
riesaq
riesqa
resqin


5 / 20
Is-soru ilha __________ għal aktar minn 30 sena l-missjoni ġewwa l-Perù.
għaddej
għaddejja
għaddejjin


6 / 20
"Iċ-ċikkulatini kollha li hemm fil-Friġġ ___________!" bdiet tgħajjat Mary.
sejjer
sejra
sejrin


7 / 20
Sandro saħaq li matul il-ġlieda l-persuni involuti baqgħu ___________ għal sitta.
tiela'
tielgħa
telgħin


8 / 20
Jane żelqet waqt li kienet ___________ t-taraġ.
nieżel
nieżla
neżlin


9 / 20
Ġanni ___________ barra minn Malta biex imur ħdejn oħtu.
tielaq
tielqa
telqin


10 / 20
Il-Ħadd l-Isqof ___________ ir-raħal tagħna.
ġej
ġejja
ġejjin


11 / 20
Samantha ___________ għall-eżamijiet tal-aħħar tas-sena.
riesaq
riesqa
resqin


12 / 20
Ix-xitwa li __________ se tkun aktar kiesħa minn dik ta' din is-sena.
ġej
ġejja
ġejjin


13 / 20
Tom rikkeb lil oħtu fil-karozza u baqgħu __________ sal-Belt.
sejjer
sejra
sejrin


14 / 20
L-artiklu __________ fuq il-paġna elettronika dalwaqt.
tiela'
tielgħa
telgħin


15 / 20
Id-dar __________ bil-mod il-mod minħabba n-nuqqas ta' manutenzjoni.
nieżel
nieżla
neżlin


16 / 20
Għada __________ ħafna kotba ġodda bil-Malti.
ħiereġ
ħierġa
ħerġin


17 / 20
Thomas __________ mill-bieb tal-iskola għall-ewwel darba.
dieħel
dieħla
deħlin


18 / 20
John u ommu __________ mid-dar għall-knisja.
miexi
miexja
mexjin


19 / 20
John u Erika __________ 'il barra mill-ġnien.
tielaq
tielqa
telqin


20 / 20
In-nies bdew __________ mit-triq lejn il-ħanut tal-ħwejjeġ.
għaddej
għaddejja
għaddejjin







Tweġiba 1: dieħel
Tweġiba 2: ħierġa
Tweġiba 3: mexjin
Tweġiba 4: riesaq
Tweġiba 5: għaddejja
Tweġiba 6: sejrin
Tweġiba 7: telgħin
Tweġiba 8: nieżla
Tweġiba 9: tielaq
Tweġiba 10: ġej

Tweġiba 11: riesqa
Tweġiba 12: ġejja
Tweġiba 13: sejrin
Tweġiba 14: tiela'
Tweġiba 15: nieżla
Tweġiba 16: ħerġin
Tweġiba 17: dieħel
Tweġiba 18: mexjin
Tweġiba 19: telqin
Tweġiba 20: għaddejjin



**Riżorsa 10: Agħżel il-parteċipju attiv verbali t-tajjeb**

**L-għan:** L-istudenti jridu jaqraw is-sentenza u mit-tliet parteċipji attivi verbali jridu jagħżlu l-aktar wieħed li joqgħod fl-ispazju l-vojt tas-sentenza.

**L-istruzzjonijiet:** Il-preżentazzjoni se tiġi proġettata mill-għalliem fuq il-bord interattiv. L-istudenti se jaqraw is-sentenza, imbagħad iridu jagħżlu liema huwa l-aktar parteċipju attiv verbali addattat għas-sentenza. Wara, jagħfsu fuq it-tweġiba. B'mod awtomatiku, jekk it-tweġiba hija tajba, il-parteċipju attiv verbali jimxi f'postu fis-sentenza, imma jekk it-tweġiba tkun ħażina, il-parteċipju attiv verbali magħżul jinbidel f'aħmar. Dawn il-passi japplikaw għaż-żewġ eżerċizzji.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | | ✔ | | |





# IL-PARTIĊIPJU ATTIV

AGĦŻEL IL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI T-TAJJEB

## IMLA L-VOJT BIL-FORMA T-TAJBA TAL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI.

1. Hija ___________ tard dal-lejl.

dieħel dieħla deħlin

## IMLA L-VOJT BIL-FORMA T-TAJBA TAL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI.

2. In-nannu dalwaqt ___________ minn fuq il-bejt.

nieżel nieżla neżlin

## IMLA L-VOJT BIL-FORMA T-TAJBA TAL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI.

3. Aħna ___________ kmieni għada filgħodu.

ħiereġ ħierġa ħerġin

## IMLA L-VOJT BIL-FORMA T-TAJBA TAL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI.

4. Missieri ___________ fuq l-għolja bit-trakk.

tiela' tielgħa telgħin

## IMLA L-VOJT BIL-FORMA T-TAJBA TAL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI.

5. Sarah ___________ bil-mod ħafna.

miexi miexja mexjin

## IMLA L-VOJT BIL-FORMA T-TAJBA TAL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI.

6. Ommi u oħti ___________ Londra għall-vaganzi.

sejjer        sejra        sejrin

## IMLA L-VOJT BIL-FORMA T-TAJBA TAL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI.

7. Iz-ziju ___________ id-dar wara x-xogħol.

ġej        ġejja        ġejjin

## IMLA L-VOJT BIL-FORMA T-TAJBA TAL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI.

8. Mary ___________ minn quddiem il-mużew ma' Amy.

għaddej        għaddejja        għaddejjin

## IMLA L-VOJT BIL-FORMA T-TAJBA TAL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI.

9. It-turist ____________ barra minn Malta fit-tlieta.

tielaq | tielqa | telqin

## IMLA L-VOJT BIL-FORMA T-TAJBA TAL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI.

10. Ħija ____________ lejn il-knisja għax hemm sieħbu jistennieh quddiemha.

riesaq | riesqa | resqin

## AGĦŻEL IL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI T-TAJJEB.

1. L-anzjana baqgħet ____________ fl-arblu meta tilfet il-kontroll tal-karozza.

dieħla | riesqa | tielqa

## AGĦŻEL IL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI T-TAJJEB.

2. L-istatwa bil-mod il-mod dejjem ___________ u daqt tispiċċa fix-xejn.

tielgħa    nieżla    miexja

## AGĦŻEL IL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI T-TAJJEB.

3. Il-ktieb ta' Trevor Zahra ___________ għada waranofsinhar.

sejjer    dieħel    ħiereġ

## AGĦŻEL IL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI T-TAJJEB.

4. Fl-elezzjoni li jmiss min hu ___________?

tiela'    miexi    għaddej

## AGĦŻEL IL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI T-TAJJEB.

8. Kif inhu ___________ missierek wara l-operazzjoni?

tiela'    nieżel    għaddej

## AGĦŻEL IL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI T-TAJJEB.

6. Missieri ___________ id-dar wara x-xogħol.

tiela'    ħiereġ    ġej

## AGĦŻEL IL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI T-TAJJEB.

9. Missieri issa ___________ mingħand in-nanna.

miexi    tielaq    dieħel

## AGĦŻEL IL-PARTIĊIPJU ATTIV VERBALI T-TAJJEB.

10. Fil-librerija hemm kulħadd jistudja għax ___________ l-eżamijiet.

neżlin resqin ħerġin

<u>Eżerċizzju 1:</u>
Tweġiba 1: dieħel
Tweġiba 2: nieżel
Tweġiba 3: ħerġin
Tweġiba 4: tiela'
Tweġiba 5: miexja
Tweġiba 6: sejrin
Tweġiba 7: ġej
Tweġiba 8: għaddejja
Tweġiba 9: tielaq
Tweġiba 10: riesaq

<u>Eżerċizzju 2:</u>
Tweġiba 1: dieħla
Tweġiba 2: nieżla
Tweġiba 3: ħiereġ
Tweġiba 4: tiela'
Tweġiba 5: mexjin
Tweġiba 6: ġej
Tweġiba 7: sejra
Tweġiba 8: għaddej
Tweġiba 9: tielaq
Tweġiba 10: resqin

 

## Riżorsa 11: Aqta' x'inhu

**L-għan:** L-istudenti fi gruppi jsewgu b'reqqa l-preżentazzjoni ħalli jiskopru liema partiċipju attiv verbali qiegħda tirrappreżenta l-istampa.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jaqsam il-klassi fi gruppi. Kull grupp irid ikollu massimu ta' erba' studenti kif ukoll jagħżel rappreżentant. L-għalliem se jqassam karta lil kull grupp ħalli jikteb is-sentenza fuqha. Wara, l-għalliem irid jipproġetta l-preżentazzjoni PowerPoint fuq il-bord interattiv. Huwa jrid jibda jikxef l-istampa, billi jikxef x'hemm taħt kull kaxxa. Malli l-istudenti jidentifikaw x'inhu l-partiċipju attiv verbali, ir-rappreżentant bil-għajnuna tal-grupp irid jikteb sentenza bih u xħin ilesti jgħolli jdejh. Malli jsir dan, l-għalliem iwaqqaf mill-kxif tal-istampa. Ir-rappreżentant irid jaqra s-sentenza u f'dan il-mument l-għalliem jikkonferma jekk is-sentenza hijiex tajba jew ħażina. Jekk hija ħażina l-proċess tal-kxif ikompli sakemm grupp jidentifika l-partiċipju attiv it-tajjeb u jikteb sentenza korretta bih. Finalment il-grupp li jidentifika l-aktar mill-partiċipji attivi verbali jkun ir-rebbieħ ta' din l-attività.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | | | ✔ | |


AQTA' X'INHU

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |





















Ikteb sentenza bil-parteċipju attiv verbali li qed jidher fl-istampa.

Stampa 1: ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Stampa 2: ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Stampa 3: ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Stampa 4: ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Stampa 5: ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Stampa 6: ____________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

Stampa 7: ____________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

Stampa 8: ____________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

Stampa 9: ____________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

Stampa 10: ___________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

Ikteb sentenza bil-parti̇ċipju attiv verbali li qed jidher fl-istampa.

Stampa 1: Il-ħaddiem **nieżel** it-taraġ bil-kaxxi.

Stampa 2: Ir-raġel **tiela'** jiġri t-taraġ.

Stampa 3: In-nies **deħlin** mill-bieb biex jaraw id-dar il-ġdida.

Stampa 4: It-tfajla **miexja** fuq il-bankina bil-basket.

Stampa 5: Il-ġuvni qed jistudja għax **resqin** l-eżamijiet.

Stampa 6: Iż-żgħażagħ **ħerġin** flimkien ħalli jieħdu pjaċir.

Stampa 7: L-aħwa **sejrin** jgħumu fil-baħar.

Stampa 8: L-għarus **ġej** lejn l-għarusa fil-mument ta' qabel it-tieġ.

Stampa 9: Martha **tielqa** barra minn Malta.

Stampa 10: John dejjem **għaddej** fuq xogħlu u qatt ma jsib ftit mumenti ta' mistrieħ.

**Nota:** Minkejja li tajt dawn is-sentenzi bħala gwida, l-istudenti jistgħu joħorġu bil-verżjoni tagħhom tas-sentenzi. Importanti li huma jużaw il-parti̇ċipju attiv verbali skont l-istampa u fis-sentenza t-tajba ħalli b'hekk jintlaħaq l-għan tal-eżerċizzju.



**Riżorsa 12: X'inti tara?**

**L-għan:** L-istudenti se jitkellmu quddiem sħabhom dwar x'qed jaraw fl-istampi rigward suġġett wieħed biss billi jużaw il-partċipju attiv verbali.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jistieden lill-istudenti biex wieħed wieħed quddiem sħabhom tal-klassi jitkellmu dwar suġġett wieħed minn dawn it-tlieta, li huma: is-sajf, in-natura u x-xogħol fir-restoranti. L-istudenti jridu jagħżlu l-karta li fuqha hemm l-istampi dwar dak is-suġġett partikolari u mbagħad jiddeskrivu x'qed jaraw billi jużaw il-parteċipju attiv verbali. Il-kelliem għandu 5 minuti ċans biex jagħmel dan. L-istudenti min-naħa l-oħra jridu jisimgħu x'qed jgħid il-kelliem u jridu jiktbu s-sentenza li fiha tinkludi l-parteċipju attiv verbali. Xħin kulħadd ilesti jridu jaqraw dawk is-sentenzi li jkunu kitbu.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | | | ✔ | |




























120
100
80
60
40
20
0
20
40
40
30
20
10
0







Ikteb is-sentenzi li ssemmew u li fihom jintuża l-parteċipju attiv verbali.

Ikteb is-sentenzi li ssemmew u li fihom jintuża l-parteċipju attiv verbali.

L-ewwel suġġett: Xogħol fir-restoranti

- Il-kokijiet **għaddejjin** fuq xogħolhom.
- Iċ-ċarruta **nieżla** fuq in-nar.
- Il-wejter **riesqa** viċin il-klijenti ħalli tagħtihom ix-xorb.
- Iz-zalza **tiela'** 'l fuq mill-kontenitur.
- Il-fwar **ħiereġ** mill-borma.
- Il-laħam **dieħel** fil-forn.
- Il-kok **miexi** lejn il-forn.

It-tieni suġġett: Is-sajf

- It-tfajla **nieżla** fil-baħar.
- It-temperatura **tielgħa**.
- Il-koppja **miexja** fuq il-bajja.
- It-turisti **telqin** għall-vaganza.
- Il-vapur **dieħel** fil-port.
- It-tfajliet **resqin** ħdejn xulxin ferħanin.
- L-ajruplan **tiela'** u **sejjer** pajjiż ieħor.
- Il-mara **għaddejja** tiġri minn ħdejn il-baħar.

It-tielet suġġett: In-natura

- Id-dawl **dieħel** fl-għar mill-fetħa.
- Ix-xadina **tielgħa** mas-siġra.
- **Ġej** ħafna sħab iswed tax-xita.
- L-ilma **nieżel** mill-għoli.
- L-ilma tax-xmara **għaddej** b'mod kalm.
- L-iljunfant iż-żgħir **miexi** wara ieħor ikbar.
- Iż-żebri **resqin** viċin xulxin.

**Nota:** Minkejja li tajt dawn is-sentenzi bħala gwida, l-istudenti jistgħu joħorġu bil-verżjoni tagħhom tas-sentenzi. Importanti li huma jużaw il-parteċipju attiv verbali skont l-istampa u fis-sentenza t-tajba ħalli b'hekk jintlaħaq l-għan tal-eżerċizzju.

 

**Riżorża 13: X'qed juru l-istampi animati?**

**L-għan:** L-istudenti jridu janalizzaw l-istampi animati ħalli b'hekk permezz tal-kitba fil-linji l-vojta jiktbu 3 sentenzi dwar kull stampa, b'waħda minnhom ikollha l-użu korrett tal-parteċipju attiv verbali.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jqassam kopja tal-karta tat-taħriġ li fiha se jkun hemm il-linji li fuqhom iridu jiktbu l-istudenti. Imbagħad l-għalliem se jipproġetta l-preżentazzjoni PowerPoint fuq il-bord interattiv. L-istudenti jridu jiflu bir-reqqa l-istampi animati u jiktbu 3 sentenzi sempliċi dwarhom, b'waħda minnhom tinkludi l-użu tajjeb tal-parteċipju attiv verbali u s-sens tiegħu. Fl-aħħar l-istudenti jridu jaqraw dak li jkunu kitbu.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | | | ✔ | |


Analizza l-istampi animati


L-ajruplan ...


Red ...

## Thomas ...




## Il-ġelat ...



## Iż-żgħażagħ ...



## Is-sewwieqa tal-muturi ...



## Il-pingwini ...



## Barbara u Cheng…



## Pawlu …




## Saħħet …



Analizza l-istampi animanti u wara ikteb paragrafu ta' 3 sentenzi fuqhom billi tuża l-parteċipju attiv verbali.

Stampa 1: ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Stampa 2: ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Stampa 3: ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Stampa 4: ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

Stampa 5: ______________________________________________

______________________________________________

Stampa 6: ______________________________

______________________________

______________________________

Stampa 7: ______________________________

______________________________

______________________________

Stampa 8: ______________________________

______________________________

______________________________

Stampa 9: ______________________________

______________________________

______________________________

Stampa 10: ______________________________

______________________________

______________________________

Analizza l-istampi animanti u wara ikteb paragrafu ta' 3 sentenzi fuqhom billi tuża l-parteċipju attiv verbali.

Stampa 1: L-ajruplan il-kbir **tielaq** minn Malta issa. Dan l-ajruplan huwa wieħed kbir, għalhekk fih hemm ħafna passiġġieri. It-temp huwa daqsxejn imsaħħab.

Stampa 2: Red huwa wieħed mill-karattri ta' Angry Birds. Red **dieħel** mill-bieb daqsxejn irrabjat. Dan huwa għasfur nervuż.

Stampa 3: Thomas waqt li kien **ħiereġ** għadda mill-bieb il-ħażin. Minħabba f'hekk huwa kisser il-ħġieġa. Thomas kellu jħallas għall-ħġieġa.

Stampa 4: Il-ġelat **nieżel** bil-mod il-mod għax qiegħed idub. Illum hija ħafna sħana. Il-ġelat huwa tal-vanilla.

Stampa 5: Iż-żgħażagħ **ġejjin** min-niżla b'veloċità kbira. Huma qed jitremblu għal isfel. Din hija kompetizzjoni ta' min jasal l-ewwel.

Stampa 6: Is-sewwieqa tal-muturi **telgħin** ma' għolja wieqfa ħafna. Dawn qed jagħmlu tellieqa fid-deżert. Għalhekk din hija diffiċli ħafna.

Stampa 7: Il-pingwini jgħixu fl-Alaska. L-Alaska jkun hemm ħafna silġ. Huma **mexjin** fuq is-silġ.

Stampa 8: Barbara u Cheng kienu qed jilagħbu logħba. Huma kienu **resqin** dahar ma' dahar meta ħabtu ma' xulxin. Kemm Barbara kif ukoll Cheng ħadu qatgħa b'xulxin.

Stampa 9: Pawlu jaħdem bħala skrivan. Huwa dejjem **għaddej** iwieġeb it-telefonati. Ma tantx ikollu ħin biex jieħu ftit mumenti ta' mistrieħ.

Stampa 10: Saħħet Rose **sejra** lura. Hi għandha ħafna deni u ilha fil-sodda għal diversi jiem. Għandha biċċa mxarrba fuq rasha wkoll.

**Nota:** Minkejja li tajt dawn is-sentenzi bħala gwida, l-istudenti jistgħu joħorġu bil-verżjoni tagħhom tas-sentenzi. Importanti li huma jużaw il-parteċipju attiv verbali skont l-istampa u fis-sentenza t-tajba ħalli b'hekk jintlaħaq l-għan tal-eżerċizzju.



**Riżorsa 14: Konverżazzjoni bejn ġurnalist u kantanta**

**L-għan:** L-istudenti jsewgu l-konverżazzjoni u jwieġbu l-mistoqsijiet dwarha. Fl-aħħar iridu jipparteċipaw f'taħdita bejniethom.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem se jqassam il-karta tat-taħriġ bil-mistoqsijiet. Imbagħad l-għalliem irid jagħti ftit tal-ħin ħalli l-istudenti jaqraw il-mistoqsijiet. Wara, l-istudenti jintalbu jsegwu l-konverżazzjoni u mbagħad jerġgħu jingħataw ftit tal-ħin biex iwieġbu l-mistoqsijiet. Finalment l-istudenti jerġgħu jsegwu l-konverżazzjoni biex ikollhom ċans jimlew il-mistoqsijiet li jkunu ħallew barra u fl-istess ħin jirrevedu dawk li jkunu diġà mlew. Xħin ilestu minn dan l-eżerċizzju l-istudenti se jieħdu sehem f'taħdita bejniethom billi jużaw tajjeb il-forom u s-sens tal-parteċipju attiv verbali.

| **Livell ta' diffikultà:** | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | | | ✔ | |


Il-Parteċipju Attiv
Intervista - Jake Debattista


Nistiednek għal din l-intervista fuq dan il-programm.
Għandi pjaċir.


Liema hi d-diska favorita tiegħek?
Bħalissa ħerġin diversi diski sbieħ imma għalija l-isbaħ diska hi 'Sempliċità' tal-grupp The Travellers.


Ma' min sejra tkanta barra minn Malta?
Miegħi se jkun hemm il-familja tiegħi u t-tim kollu.


X'inhuma l-pjanijiet tiegħek għas-sena d-dieħla xħin dan l-avveniment ikun għadda?
Se nkanta f'diversi pajjiżi barranin u nkompli miexja fuq il-passi t'ommi ħalli nsir kantanta famuża wkoll.


Tista' tgħidilna xi ftit kurżitajiet ta' x'ser tkun qed tagħmel dakinhar?
Bħalissa għadna għaddejjin bl-aħħar preparamenti u għalissa ma nista' ngħid xejn.


X'taħseb li se jkunu l-emozzjonijiet tiegħek malli tkun tielgħa fuq il-palk biex tkanta u tara dik l-udjenza daqshekk kbira?
Emm... Naħseb li l-eċċitament se jkun qawwi imma rrid nitgħallem kif nikkontrollah ħalli nkanta tajjeb.


Peress li din il-ġurnata dejjem riesqa, x'inhuma l-kummenti tiegħek?
Flimkien mat-tim tiegħi dejjem qed nagħmlu l-almu kollu tagħna ħalli b'hekk tarawna neżlin minn fuq l-arjuplan b'ħafna unuri għal dan il-pajjiż.


Meta intom telqin minn Malta?
Aħna se mmorru xahar ieħor.


Min taħseb li ġej jarak tkanta?
Il-familja tiegħi kollha se tkun hemm. Mistennija wkoll li jattendu ħafna kantanti u awturi tal-mużika famużi għal dan l-avveniment.


Nirringrazzjak talli għoġbok tkun magħna għal din l-intervista.
Ta' xejn.

## Fehim mis-smigħ

## Konverżazzjoni bejn ġurnalist u kantanta.

Imla l-vojt u agħżel it-tweġiba t-tajba.

1. Minkejja li ________________ diversi diski liema hi d-diska favorita tal-kantanta?

- ☐ *Kewkba* ta' Janice Mangion.
- ☐ *Sempliċità* tal-grupp The Travellers.
- ☐ *Għal Dejjem Żagħżugħ* ta' Sammy Bartolo.

2. Għas-sena ________________ x'għandha ppjanat il-kantanta?

- ☐ Li ssiefer bħala vaganza.
- ☐ Tkanta f'diversi pajjiżi barranin.
- ☐ Tieqaf mill-kant.

3. Fuq il-passi ta' min il-kantanta tixtieq li tkompli ________________ ?

- ☐ Ta' ommha.
- ☐ Ta' missierha.

☐ Ta' ħuha.

4. Bħalissa l-kantanta u t-tim tagħha għadhom ________________ bl-aħħar preparamenti?

☐ Iva

☐ Le

5. X'ħa tkun qed tesperjenza l-kantanta hi u ________________ fuq il-palk?

☐ Daħk

☐ Emozzjoni

☐ Eċċitament

6. Ma' min ________________ tkanta barra minn Malta l-kantanta?

☐ Mat-tim u l-familja

☐ Mat-tim u sħabha

☐ Mal-familja u sħabha

7. Peress li l-jum dejjem ________________ x'inhuma l-kummenti tal-kantanta?

☐ Qed jagħmlu l-almu tagħhom ħalli jirbħu.

- [ ] Mhu qed jagħmlu xejn biex jirbħu.

- [ ] Qed jibżgħu għax mhumiex kapaċi.

8. Kif jixtiequ jarawhom ________________ minn fuq l-ajruplan il-Maltin?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

9. Meta ________________ minn Malta l-kantanta mat-tim tagħha?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

10. Min ________________ jaraha tkanta f'dan l-avveniment?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## Logħba ta' rwol bejn il-ġurnalist u l-kantanta.

Il-konverżazzjoni tista' tibda hekk:

Ġurnalist: "L-għodwa t-tajba mill-programm mużikali *The Show*!"

Kantanta: "Lilek ukoll. Il-pjaċir huwa tiegħi."

Ġurnalist: ...........

(Hawn l-istudenti se jkomplu din il-konverżazzjoni billi jużaw il-partiċipju attiv verbali. L-istudenti jistgħu jinterpretaw karattri jew temi differenti.)



Imla l-vojt u agħżel it-tweġiba t-tajba.

1. Minkejja li ħerġin diversi diski liema hi d-diska favorita tal-kantanta?

☐ *Kewkba* ta' Janice Mangion.

☑ *Sempliċità* tal-grupp The Travellers.

☐ *Għal Dejjem Żagħżugħ* ta' Sammy Bartolo.

2. Għas-sena d-dieħla x'għandha ppjanat il-kantanta?

☐ Li ssiefer bħala vaganza.

☑ Tkanta f'diversi pajjiżi barranin.

☐ Tieqaf mill-kant.

3. Fuq il-passi ta' min il-kantanta tixtieq li tkompli miexja ?

☑ Ta' ommha.

☐ Ta' missierha.

☐ Ta' ħuha.

4. Bħalissa l-kantanta u t-tim tagħha għadhom għaddejjin bl-aħħar preparamenti?

☑ Iva

☐ Le

5. X'ħa tkun qed tesperjenza l-kantanta hi u tielgħa fuq il-palk?

- [ ] Daħk
- [ ] Emozzjoni
- [x] Eċċitament

6. Ma' min sejra tkanta barra minn Malta l-kantanta?

- [x] Mat-tim u l-familja
- [ ] Mat-tim u sħabha
- [ ] Mal-familja u sħabha

7. Peress li l-jum dejjem riesaq x'inhuma l-kummenti tal-kantanta?

- [x] Qed jagħmlu l-almu tagħhom ħalli jirbħu.
- [ ] Mhu qed jagħmlu xejn biex jirbħu.
- [ ] Qed jibżgħu għax mhumiex kapaċi.

8. Kif jixtiequ jarawhom neżlin minn fuq l-ajruplan il-Maltin?

Il-kantanta flimkien mat-tim jixtiequ li l-Maltin jarawhom neżlin lejn Malta b'ħafna unuri.

9. Meta telqin minn Malta l-kantanta mat-tim tagħha?

Il-kantanta flimkien mat-tim tagħha telqin minn Malta xahar ieħor.

10. Min ġej jaraha tkanta f'dan l-avveniment?

Għal dan l-avveniment ġejjin jarawha l-familja kollha tagħha kif ukoll mistennija jattendu ħafna kantanti u awturi tal-mużika famużi.

 

**Riżorsa 15: Fittex il-pari**

**L-għan:** L-istudenti jridu jaqraw is-sentenzi li jinkludu l-parteċipju attiv verbali u janalizzaw l-istampi bir-reqqa ħalli jkunu kapaċi jirrelataw is-sens li hemm fl-istampa ma' dak tas-sentenzi.

**L-istruzzjonijiet:** L-għalliem irid jipproġetta din l-attività fuq il-bord interattiv. L-għalliem se jqabbad numru ta' studenti biex jaqraw is-sentenzi li fihom il-parteċipju attiv verbali fil-klassi b'vuċi għolja u li tinstema' mill-bqija tal-klassi. Imbagħad irid jagħti 5 minuti ċans biex l-istudenti jkunu jistgħu janalizzaw l-istampi. Malli jgħaddi l-ħin l-għalliem jibda joħroġ lill-istudenti biex jgħaqqdu s-sentenzi mal-istampi u b'hekk jibdew jingħaqdu l-pari flimkien. Fl-aħħar, b'mod awtomatiku, il-kompjuter se jimmarka t-tweġibiet tajbin bil-kulur aħdar filwaqt li dawk li huma ħżiena se jimmarkahom bil-kulur aħmar. L-għalliem jerġa' jqabbad lill-istudenti biex jirranġaw dawk il-pari li huma bl-aħdar u jsibu l-par it-tajjeb għalihom sakemm finalment il-pari kollha jiġu mmarkati bl-aħdar.

| **Livell ta' diffikultà**: | Ħafifa | Inqas Ħafifa | Inqas Diffiċli | Diffiċli |
|---|---|---|---|---|
| | | | ✔ | |

**Żur il-paġna:** https://learningapps.org/watch?v=pdohxno7j18


Ir-raġel nieżel il-muntanja bir-rota.
Il-kelb miexi quddiem in-nies.
L-uragan riesaq lejn l-Amerika.
Bdiet tielgħa t-tempra ta' John minħabba n-negozju tiegħu.
Pawlu baqa' dieħel fil-karozza ta' quddiemu wara li uża l-mobile.
Liema hi s-sena li ġejja?
L-istudenti sejrin l-iskola ma' ommhom.
Il-karozza tal-linja għaddejja minn quddiem il-mużew.
Għada ħiereġ ktieb ġdid bil-Malti.


Pawlu baqa' dieħel fil-karozza ta' quddiemu wara li uża l-mobile.
Ir-raġel nieżel il-muntanja bir-rota.
Il-kelb miexi quddiem in-nies.
Bdiet tielgħa t-tempra ta' John minħabba n-negozju tiegħu.
L-uragan riesaq lejn l-Amerika.
Il-karozza tal-linja għaddejja minn quddiem il-mużew.
Is-saħħa ta' Peter sejra lura wara li qabdu riħ.
Għada ħiereġ ktieb ġdid bil-Malti.
Liema hi s-sena li ġejja?
L-istudenti sejrin l-iskola ma' ommhom.


Proset tassew! Għadek kif sibt il-pari kollha. :)
